MAĦRUĠ MILL-ARĊIDJOĊESI MALTIJA

Ħarġa Nru. 146

# BULLETTIN ta' l-Arċidjoċesi

Settembru - Ottubru 2007



# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI

**Nru. 146** **Settembru - Ottubru 2007**

**MILL-KNISJA UNIVERSALI**

Homily of His Holiness Pope Benedict XVI in Naples: 21st September 2007 .......... 429

Homily of His Holiness during the Ordination of six new Bishops .......... 434

Pjan Pastorali Djoċesan għad-Djoċesi ta' Għawdex għas-sena pastorali .......... 438

**DOKUMENTI MILL-KURJA**

Omelija ta' Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca f'Jum l-Indipendenza 2007: "Il-Verità, il-Libertà u l-Politika" .......... 422

Omelija ta' Monsinjur Arċisqof f'Jum l-Anzjani 2007: "Tiddejqux titkellmu fuq l-esperjenza tagħkom" .......... 446

Seminar dwar iż-Żwieġ Ċivili: diskors ta' Monsinjur Arċisqof .......... 451

Rapport ta' l-Ewwel Sena tal-Pjan Pastorali 2007 .......... 456

Kummissjoni Ambjent: Opinjoni dwar Riżorsi Ambjentali .......... 509

Ċirkolari Numru 11: Ġabra favur l-Art Imqaddsa .......... 530

Ċirkolari Numru 12: L-Elemożina tal-Quddiesa u l-Euro .......... 531

Ċirkolari Numru 13: Ġurnata Missjunarja 2007 .......... 532

Ċirkolari Numru 14: Festa ta' Kristu Re u ġabra għall-iskejjel tal-Knisja .......... 533

**STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA**

Lecture Annwali tad-Discern 2007 .......... 534

Nunzju Appostoliku Ġdid għal Malta .......... 535

Kors ta' Spiritwalità u Formazzjoni Ambjentali .......... 536

Tfal li se jirċievu l-Griżma jiltagħu ma' l-Arċisqof .......... 538

Laqgħat għal tfajliet u ġuvintur li se jiżżewġu ma' barranin .......... 538

L-ewwel Festival tal-korijiet Parrokkjali ................................539
Segretarjat għall-Katekeżi: Korsijiet għas-Sena 2007-2008 ...540
Assemblea Djoċesana 2007 ...................................................542
Se jiltaqgħu l-Gruppi li jwettqu ħidma missjunarja................543
Tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana.............................................544
Rapport tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu:
Konferenza Stampa ..........................................................546
Solennità tal-Konsagrazzjoni tal-Katidral ...............................553
Seminars dwar għajnuna lil familji b'persuni b'diżabbiltà......554
Rapport dwar is-Seminar fuq iż-Żwieġ Ċivili ........................555
Konferenza dwar żwiġijiet b'saħħithom .................................558
National Conference on Healthy Marriages:
Dr Samantha Callan ..........................................................559
Building a pro-Marriage Culture across Europe:
Dr Samantha Callan ..........................................................574
Ordinazzjoni ta' Djakni Ġodda ...............................................593

## Homily of His Holiness Benedict XVI in Naples

*Venerable Brothers in the Episcopate and in the Priesthood,*
*Distinguished Authorities,*
*Dear Brothers and Sisters,*

I accepted with great joy the invitation to visit the Christian community that lives in this historical city of Naples. I first offer Cardinal Crescenzio Sepe, your Archbishop, a fraternal embrace and my special thanks for his words on your behalf at the beginning of this solemn Eucharistic Celebration. I sent him to your Community knowing of his apostolic zeal and I am happy to see that you appreciate him for his gifts of mind and heart. I greet with affection the Auxiliary Bishops and diocesan priests, as well as the men and women religious and other consecrated persons, the catechists and the lay people, especially the youth actively involved in various pastoral, apostolic and social initiatives. I greet the distinguished civil and military Authorities who honour us with their presence, starting with the Prime Minister, the Mayor of Naples and the Presidents of the Province and Region. To you all, gathered in this Square in front of the monumental Basilica dedicated to St Francis of Paola, the fifth centenary of whose death is being celebrated this year, I address my cordial thoughts, which I willingly extend to all those who have joined us via radio and television, especially the cloistered communities, the elderly, those in the hospital or prison and those whom I will be unable to meet in this short Visit to Naples. In a word, I greet the entire family of believers and all citizens of Naples: I am among you, dear friends, to break with you the Word and the Bread of Life, and the bad weather does not discourage us because Naples is always beautiful!

In meditating on the biblical Readings for this Sunday and thinking of the situation of Naples, I was struck by the fact that today the main theme of the Word of God is prayer; indeed, we "ought always to pray and not lose heart", as the Gospel says (cf. Lk 18: 1). At first sight, this might seem a message not particularly relevant, unrealistic, not very incisive with regard to a social reality with so many problems such as yours. But, if we think about it, we understand that this Word contains a message that certainly goes against the tide and yet is destined to illuminate in depth the

conscience of this Church and city of yours. I would sum it up like this: the power that changes the world and transforms it into the Kingdom of God, in silence and without fanfare, is faith - and prayer is the expression of faith. When faith is filled with love for God, recognized as a good and just Father, prayer becomes persevering, insistent, it becomes a groan of the spirit, a cry of the soul that penetrates God's Heart. Thus, prayer becomes the greatest transforming power in the world. In the face of a difficult and complex social reality, as yours certainly is, it is essential to strengthen hope which is based on faith and expressed in unflagging prayer. It is prayer that keeps the torch of faith alight. Jesus asks, as we heard at the end of the Gospel: "When the Son of Man comes, will he find faith on earth?" (Lk 18: 8). It is a question that makes us think. What will be our answer to this disturbing question? Today, let us repeat together with humble courage: Lord, in coming among us at this Sunday celebration you find us gathered together with the lamp of faith lit. We believe and trust in you! Increase our faith!

The biblical Readings we have heard present several models to inspire us in our profession of faith, which is also always a profession of hope because faith and hope open the earth to divine power, to the power for good. They are the figures of the widow, whom we encounter in the Gospel parable, and of Moses, of whom the Book of Exodus speaks. The widow of the Gospel (cf. Lk 18: 1-8) makes us think of the "little", the lowliest, but also of so many simple, upright people who suffer because of abuse, who feel powerless in the face of the perduring social malaise and are tempted to despair. To them Jesus repeats: look at this poor widow, with what tenacity does she insist and in the end succeeds in being heard by a dishonest judge! How could you imagine that your Heavenly Father, who is good and faithful and powerful, who desires only his children's good, would not do justice to you in his own time? Faith assures us that God hears our prayers and grants them at the appropriate moment, although our daily experience seems to deny this certainty. In fact, in the face of certain events in the news or of life's numerous daily hardships which the press does not even mention, the supplication of the ancient Prophet: "O Lord, how long shall I cry for help, and you will not hear? Or cry to you, "Violence!' and you will not save?" (Heb 1: 2) wells up in the heart spontaneously. There is one

answer to this heartfelt invocation: God cannot change things without our conversion, and our true conversion begins with the "cry" of the soul imploring forgiveness and salvation. Christian prayer is not, therefore, an expression of fatalism or inertia; on the contrary, it is the opposite of evasion from reality, from consoling intimism. It is the force of hope, the maximum expression of faith in the power of God who is Love and does not abandon us. The prayer Jesus taught us which culminated in Gethsemane has the character of "competitiveness", that is, of a struggle because we line up with determination at the Lord's side to fight injustice and conquer evil with good; it is the weapon of the lowly and the poor in spirit, who reject every type of violence. Indeed, they respond to it with evangelical non-violence, thereby testifying that the truth of Love is stronger than hatred and death.

This also emerges in the First Reading, the famous account of the battle between the Israelites and Amalek's men (cf. Ex 17: 8-13a). It was precisely prayer, addressed with faith to the true God, that determined the fate of that harsh conflict. While Joshua and his men were tackling their adversaries on the battlefield, Moses was standing on the hilltop, his hands uplifted in the position of a person praying. These raised hands of the great leader guaranteed Israel's victory. God was with his people; he wanted them to win but made Moses' uplifted hands the condition for his intervention. It seems incredible, but that is how it is: God needs the raised hands of his servant! Moses' raised arms are reminiscent of the arms of Jesus on the Cross: the outspread, nailed arms with which the Redeemer won the crucial battle against the infernal enemy. His fight, his arms raised to the Father and wide open for the world, ask for other arms, other hearts that continue to offer themselves with his same love until the end of the world. I am addressing you in particular, dear Pastors of the Church in Naples, making my own the words that St Paul address to Timothy and that we heard in the Second Reading: remain firm in what you have learned and have believed. Preach the word, persevere on every occasion, in season and out of season, convince, rebuke and exhort, be unfailing in patience and in teaching (cf. II Tim 3: 14, 16; 4: 2). And like Moses on the mountain, persevere in prayer for and with the faithful entrusted to your pastoral care, so that every day they may be able to face together the good fight of the Gospel.

And now, inwardly enlightened by the Word of God, let us return to look at the reality of your city, where there is no lack of healthy energy, good people, cultured and with a keen sense of family. For many, however, life is far from simple. There are so many situations of poverty, housing shortages, unemployment or under-employment, the lack of any future prospects. Then there is the sad phenomenon of violence. It is not only a question of the deplorable crimes of the Camorra but also of the fact that violence unfortunately tends to breed a widespread mentality, creeping into the recesses of social life in the historical districts of the centre and in the new and anonymous suburbs, with the risk of attracting especially young people who grow up in contexts where unlawfulness, the "black economy" and the culture of "fending for oneself" thrive. How important it is, therefore, to redouble our efforts for a serious strategy of prevention that focuses on school, work and helping youth to manage their leisure time - an intervention which involves everyone in the fight against every form of violence, which begins with the formation of consciences and the transformation of everyday mindsets, attitudes and behaviour. I address this invitation to every man and woman of good will while the meeting for peace by religious leaders is being held here in Naples on the theme: *"For a world without violence - Religions and cultures in dialogue"*.

Dear brothers and sisters, beloved Pope John Paul II visited Naples for the first time in 1979: it was, like today, on Sunday, 21 October! He came a second time in November 1990: a Visit that encouraged the rebirth of hope. The Church's mission is always nourished by the faith and hope of the Christian people. This is also what your Archbishop is doing. He recently wrote a Pastoral Letter with the significant title: *"Blood and hope"*. Yes, true hope is only born from the Blood of Christ and blood poured out for him. There is blood which is the sign of death, but there is also blood that expresses love and life. The Blood of Jesus and the blood of the Martyrs, like that of your own beloved Patron St Januarius, is a source of new life. I would like to conclude by making my own a saying from your Archbishop's Pastoral Letter that sounds like this: "The seed of hope may be the tiniest but can give life to a flourishing tree and bear abundant fruit". This seed exists and is active in Naples, despite the problems and difficulties. Let us pray to the Lord that he will cause an

authentic faith and firm hope to grow in the Christian community that can effectively oppose discouragement and violence. Naples certainly needs appropriate political interventions, but first it needs a profound spiritual renewal; it needs believers who put their full trust back in God and with his help work hard to spread Gospel values in society. Let us ask Mary's help with this, as well as that of your holy Protectors, especially St Januarius. Amen!

**Piazza del Plebiscito, Naples**
**Sunday, 21 October 2007**

# Episcopal Ordination of Six New Bishops
# Homily of His Holiness Benedict XVI

*Dear Brothers and Sisters,*

We are gathered together around the Lord's altar on an occasion both solemn and joyful: the Episcopal Ordination of six new Bishops, called to carry out different offices at the service of the one Church of Christ. They are Mons. Mieczysław Mokrzycki, Mons. Francesco Brugnaro, Mons. Gianfranco Ravasi, Mons. Tommaso Caputo, Mons. Sergio Pagano and Mons. Vincenzo Di Mauro. I offer my cordial greeting to them all, with a fraternal embrace. I extend a special greeting to Mons. Mokrzycki who, together with the present Cardinal Stanisław Dziwisz, served for many years as Secretary to the Holy Father John Paul II and then, after my election as Successor of Peter, also served as my Secretary with great humility, competence and dedication. Together with him, I greet Pope John Paul II's friend, Cardinal Marian Jaworski, to whom Mons. Mokrzycki will offer his assistance as Coadjutor. I also greet the Latin Bishops of Ukraine who are here in Rome for their *ad limina Apostolorum* visit. My thoughts also go to the Greek-Catholic Bishops, some of whom I met last Monday, and to the Orthodox Church of Ukraine. May Heaven bless all their efforts to keep the healing and strengthening power of Christ's Gospel active in their Land and to pass it on to future generations.

We are celebrating this Episcopal Ordination on the Feast of the three Archangels who are mentioned by name in Scripture: Michael, Gabriel and Raphael. This reminds us that in the ancient Church - already in the Book of Revelation - Bishops were described as "angels" of their Church, thereby expressing a close connection between the Bishop's ministry and the Angel's mission. From the Angel's task it is possible to understand the Bishop's service. But what is an Angel? Sacred Scripture and the Church's tradition enable us to discern two aspects. On the one hand, the Angel is a creature who stands before God, oriented to God with his whole being. All three names of the Archangels end with the word *"El"*, which means "God". God is inscribed in their names, in their nature. Their true nature is existing in his sight and for him. In this very way the second aspect that

characterizes Angels is also explained: they are God's messengers. They bring God to men, they open heaven and thus open earth. Precisely because they are with God, they can also be very close to man. Indeed, God is closer to each one of us than we ourselves are. The Angels speak to man of what constitutes his true being, of what in his life is so often concealed and buried. They bring him back to himself, touching him on God's behalf. In this sense, we human beings must also always return to being angels to one another - angels who turn people away from erroneous ways and direct them always, ever anew, to God. If the ancient Church called Bishops "Angels" of their Church, she meant precisely this: Bishops themselves must be men of God, they must live oriented to God. *"Multum orat pro populo"* - "Let them say many prayers for the people", the Breviary of the Church says of holy Bishops. The Bishop must be a man of prayer, one who intercedes with God for human beings. The more he does so, the more he also understands the people who are entrusted to him and can become an angel for them - a messenger of God who helps them to find their true nature by themselves, and to live the idea that God has of them.

All this becomes even clearer if we now look at the figures of the three Archangels whose Feast the Church is celebrating today. First of all there is *Michael.* We find him in Sacred Scripture above all in the Book of Daniel, in the Letter of the Apostle St Jude Thaddeus and in the Book of Revelation. Two of this Archangel's roles become obvious in these texts. He defends the cause of God's oneness against the presumption of the dragon, the "ancient serpent", as John calls it. The serpent's continuous effort is to make men believe that God must disappear so that they themselves may become important; that God impedes our freedom and, therefore, that we must rid ourselves of him. However, the dragon does not only accuse God. The Book of Revelation also calls it "the accuser of our brethren..., who accuses them day and night before our God" (12: 10). Those who cast God aside do not make man great but divest him of his dignity. Man then becomes a failed product of evolution. Those who accuse God also accuse man. Faith in God defends man in all his frailty and short-comings: God's brightness shines on every individual. It is the duty of the Bishop, as a man of God, to make room in the world for God, to counter the denials of him and thus to defend man's greatness. And what more could one say and think about man than the fact that God himself was made man? Michael's other role, according to

Scripture, is that of protector of the People of God (cf. Dn 10: 21; 12: 1). Dear friends, be true "guardian angels" of the Church which will be entrusted to you! Help the People of God whom you must lead in its pilgrimage to find the joy of faith and to learn to discern the spirits: to accept good and reject evil, to remain and increasingly to become, by virtue of the hope of faith, people who love in communion with God-Love.

We meet the Archangel *Gabriel* especially in the precious account of the annunciation to Mary of the Incarnation of God, as Luke tells it to us (1: 26-38). Gabriel is the messenger of God's Incarnation. He knocks at Mary's door and, through him, God himself asks Mary for her "yes" to the proposal to become the Mother of the Redeemer: of giving her human flesh to the eternal Word of God, to the Son of God. The Lord knocks again and again at the door of the human heart. In the Book of Revelation he says to the "angel" of the Church of Laodicea and, through him, to the people of all times: "Behold, I stand at the door and knock; if any one hears my voice and opens the door, I will come in to him and eat with him, and he with me" (3: 20). The Lord is at the door - at the door of the world and at the door of every individual heart. He knocks to be let in: the Incarnation of God, his taking flesh, must continue until the end of time. All must be reunited in Christ in one body: the great hymns on Christ in the Letters to the Ephesians and to the Colossians tell us this. Christ knocks. Today too he needs people who, so to speak, make their own flesh available to him, give him the matter of the world and of their lives, thus serving the unification between God and the world, until the reconciliation of the universe. Dear friends, it is your task to knock at people's hearts in Christ's Name. By entering into union with Christ yourselves, you will also be able to assume Gabriel's role: to bring Christ's call to men.

St Raphael is presented to us, above all in the Book of Tobit, as the Angel to whom is entrusted the task of healing. When Jesus sends his disciples out on a mission, the task of proclaiming the Gospel is always linked with that of healing. The Good Samaritan, in accepting and healing the injured person lying by the wayside, becomes without words a witness of God's love. We are all this injured man, in need of being healed. Proclaiming the Gospel itself already means healing in itself, because man is in need of truth and love above all things. The Book of Tobit

refers to two of the Archangel Raphael's emblematic tasks of healing. He heals the disturbed communion between a man and a woman. He heals their love. He drives out the demons who over and over again exhaust and destroy their love. He purifies the atmosphere between the two and gives them the ability to accept each other for ever. In Tobit's account, this healing is recounted with legendary images. In the New Testament, the order of marriage established in creation and threatened in many ways by sin, is healed through Christ's acceptance of it in his redeeming love. He makes marriage a sacrament: his love, put on a cross for us, is the healing power which in all forms of chaos offers the capacity for reconciliation, purifies the atmosphere and mends the wounds. The priest is entrusted with the task of leading men and women ever anew to the reconciling power of Christ's love. He must be the healing "angel" who helps them to anchor their love to the sacrament and to live it with an ever renewed commitment based upon it. Secondly, the Book of Tobit speaks of the healing of sightless eyes. We all know how threatened we are today by blindness to God. How great is the danger that with all we know of material things and can do with them, we become blind to God's light. Healing this blindness through the message of faith and the witness of love is Raphael's service, entrusted day after day to the priest and in a special way to the Bishop. Thus, we are prompted spontaneously also to think of the Sacrament of Reconciliation, the Sacrament of Penance which in the deepest sense of the word is a sacrament of healing. The real wound in the soul, in fact, the reason for all our other injuries, is sin. And only if forgiveness exists, by virtue of God's power, by virtue of Christ's love, can we be healed, can we be redeemed.

"Abide in my love", the Lord says to us today in the Gospel (Jn 15: 9). At the moment of your Episcopal Ordination he says so particularly to you, dear friends. Abide in his love! Abide in that friendship with him, full of love, which he is giving you anew at this moment! Then your lives will bear fruit, fruit that abides (cf. Jn 15: 16). Let us all pray for you at this time, dear Brothers, so that this may be granted to you. Amen.

**Memorial of the three Archangels**
**St Peter's Basilica**
**Saturday, 29 September 2007**

# Djoċesi ta' Għawdex – Pjan Pastorali Djoċesan għas-sena pastorali 2007-2008

## "Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju"

*"L-Ispirtu s-Santu jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom." (Ġw 14,26)*

Komunità nisranija mibnija fuq il-Kelma t'Alla

1. Waqt li tikkontempla t-tħabbira ta' l-anġlu lill-Verġni ta' Nazaret (ara Lq 1,26-38), il-Knisja f'Għawdex trid tkompli timxi t-triq tal-fidi u tikber fl-għaqda mal-Missier billi tisma' l-leħen tal-Verb magħmul bniedem u tħares il-kelma tiegħu bil-qawwa ta' l-Ispirtu mogħti lilha. B'hekk hija ssir dejjem aktar il-Poplu tal-Patt il-Ġdid, mibgħuta biex ixxandar lill-bnedmin il-ġrajja ta' l-Għid tal-Mulej.

2. Il-Knisja tilqa' bħala grazzja speċjali l-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca, u tħoss is-sejħa li l-Mulej għadu jagħmel permezz tal-Qaddis: "Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju". Għalhekk il-Knisja Lokali tixtieq tkompli timpenja lilha nnifisha biex bħal Marija "tisma' u tgħożż f'qalbha" l-Kelma mħabbra lilha, filwaqt li toffri għajnuna biex l-insara kollha ta' din id-djoċesi jsiru aktar midħla ta' "Leħen il-Maħbub"; hekk jimmaturaw fil-fidi u jibnu ħajjithom fuq il-verità li tiġi mill-Kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja.

3. Waqt li l-komunità nisranija f'din il-gżira tersaq aktar lejn il-Kelma rivelata, tkun qed titħejja flimkien mal-Knisja kollha biex tgħix żewġ ġrajjiet importanti li huma marbuta mal-Kelma t'Alla: is-Sena Pawlina mnedija mill-Papa Benedittu XVI (Ġunju 2008 – Ġunju 2009) – marbuta ma' l-Appostlu li nissilna fil-fidi permezz ta' l-evanġelju, u s-Sinodu ta' l-Isqfijiet (5-26 ta' Ottubru 2008) – li se jistudja s-suġġett "Il-Kelma t'Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja".

## Prijorità tal-Knisja f'Għawdex: Il-formazzjoni ta' l-operaturi pastorali

4. Il-Knisja f'Għawdex tqis bħala prijorità l-formazzjoni fil-fidi tal-poplu nisrani kollu. Hi fidi li tiġi mis-smigħ tax-xandir tal-kelma ta' Kristu (ara

Rum 10,17). Għalhekk il-Knisja f'Għawdex tħoss is-sejħa mhux biss li xxandar il-Kelma t'Alla – speċjalment fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, imma wkoll li tgħin lill-insara jkunu aktar midħla tal-Kotba Mqaddsa.

5. Biex il-Kelma t'Alla tixxandar aktar u tkun l-ikel ta' kuljum tal-poplu t'Alla, huma meħtieġa kemm saċerdoti u reliġjużi, kif ukoll lajċi ffurmati li, permezz tal-varjetà tal-ministeri, jgħinu lill-insara tad-djoċesi jersqu aktar qrib tal-Kotba Mqaddsa. Għal dan il-għan, il-Knisja trid taħdem u titlob lil Sid il-Ħsad biex jibgħat aktar ħaddiema fil-ħsad tiegħu, kemm għall-ministeru saċerdotali u ta' ħajja kkonsagrata, kif ukoll għall-ministeri l-oħra proprji tal-lajċi.

6. It-triq ewlenija biex isseħħ il-formazzjoni fil-fidi tal-poplu nisrani hija l-katekeżi. Katekeżi mibnija fuq għarfien aħjar tal-Kelma t'Alla twassal lill-komunità nisranija biex tifhem aktar u tiċċelebra aħjar il-liturġija, u tħeġġeġ lill-insara biex joffru l-kontribut tagħhom għall-bini ta' soċjetà aktar ġusta u solidali ma' min hu fil-bżonn. Imdawla mill-ministeru ta' San Ġorġ Preca, fost l-urġenzi li tħoss il-Knisja Lokali llum hi li jkollha katekisti ffurmati biex ikunu jistgħu jaqdu l-ministeru li jiffurmaw insara oħra – tfal, żgħażagħ u kbar – fil-fidi.

7. L-urġenza ta' formazzjoni kontinwa fil-fidi hi stedina mhux biss għal-lajċi nsara imma wkoll għas-saċerdoti u l-persuni ta' ħajja kkonsagrata. Is-saċerdoti huma l-ewwel operaturi pastorali fil-ħidma tal-Knisja għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Il-ħeġġa għall-ħajja interjuri, l-eżemplarità tal-ħajja tagħhom, il-preżenza tagħhom qrib l-insara, u l-impenn fl-aġġornament teoloġiku għandhom ikunu sinjal sensibbli ta' tiġdid fil-ħajja tal-Knisja Lokali.

## Formazzjoni u mixja ta' fidi fi ħdan il-komunità nisranija

8. Biex il-ħidma pastorali tkun aktar effikaċi u tilħaq l-għanijiet tagħha, trid tkun sostnuta mhux biss mit-talb u mill-ħajja sagramentali imma wkoll minn formazzjoni soda fil-fidi ta' dawk li jaqdu xi ministeru fil-knisja. Filwaqt li ħafna lajċi taw u qed jagħtu servizz varju u ġeneruż fil-komunità nisranija, l-evanġelizzazzjoni ġdida titlob li min jaqdi xi ministeru – speċjalment il-ministeri marbuta mal-katekeżi, mal-liturġija,

u mad-djakonija – ikun hu stess qed jiġi ffurmat. Jeħtieġ, għalhekk, li kull min jiġi msejjaħ biex jaqdi xi ministeru fil-komunità nisranija jifhem il-bżonn li jagħmel hu stess mixja ta' fidi fi ħdan il-komunità nisranija li lilha jaqdi.

9. Il-mixja ta' formazzjoni kontinwa fil-fidi tista' tieħu forom diversi. Ir-realtà pastorali attwali turi kemm huma provvidenzjali għat-tiġdid tal-Knisja Lokali l-esperjenzi ta' formazzjoni nisranija li huma mibnija fuq il-Kelma t'Alla. Flimkien mal-formazzjoni fil-fidi li għadd ta' lajċi nsara qegħdin jirċievu bħala membri fl-għaqdiet reliġjużi, fil-gruppi u fil-movimenti ekkleżjali, jeħtieġ li kull parroċċa jkollha proposti ta' formazzjoni kontinwa fil-fidi għal dawk l-insara l-oħra li jixtiequ jagħrfu aktar fil-fond is-sbuħija tal-fidi nisranija tagħhom.

## Għanijiet tal-Pjan Pastorali Djoċesan

10. Imsaħħa mid-don ta' l-Ispirtu li jgħallem il-Poplu tal-Patt il-Ġdid u jfakkru fil-kelma ta' Kristu, il-Knisja Lokali trid tkompli tibni fuq il-ħidma pastorali li ħarġet mill-Pjan Pastorali Djoċesan tas-sena li għaddiet, filwaqt li tħares 'il quddiem fil-proġettazzjoni tal-ħidma pastorali tagħha. Għalhekk:

10.1. titkompla l-azzjoni pastorali tal-Pjan Pastorali preċedenti biex jintlaħqu aktar l-għanijiet imfassla f'dak il-Pjan, jiġifieri li fil-komunitajiet insara kollha jkun hemm proposti ta' mixja fil-fidi permezz tal-katekeżi għall-adolexxenti;

10.2. titkompla u tittejjeb l-azzjoni pastorali fl-iskejjel, kemm sekondarji kif ukoll primarji;

10.3. fil-parroċċi jsiru proposti ta' katekeżi għall-adulti, fejn ikun hemm aktar familjarità mal-Kelma t'Alla;

10.4. il-parroċċa u l-komunitajiet insara l-oħra jħejju inizjattivi biex il-Kelma ta' Alla tkun preżenza aktar ħajja fil-komunità liturġika u fil-familji tagħna.

## "Skola" ta' formazzjoni fil-fidi u fil-qadi tal-ministeri

11. Id-Djoċesi wkoll tħossha msejħa biex takkumpanja l-mixja fil-fidi ta' l-operaturi pastorali. Flimkien ma' *seminars* u mumenti oħra ta' formazzjoni, il-Knisja Lokali qed tibda "Skola ta' Formazzjoni għall-Ministeri". Permezz ta' korsijiet bażiċi fit-teoloġija fundamentali u fil-pedogoġija tal-fidi, il-Knisja tkompli tħejji lajċi ffurmati għad-diversi ministeri fil-Knisja. Dan il-proġett edukattiv ikompli jsir fis-snin li ġejjin.

12. Hemm erba' oqsma primarji tal-pastorali fejn il-Knisja tħoss li trid tifforma lajċi biex jaqdu l-ministeri li għalihom jiġu msejħa: il-katekeżi, il-liturġija, id-djakonija, u l-pastorali mal-familja. Il-Knisja tħoss li matul din is-sena pastorali l-ewwel proposta ta' formazzjoni teoloġika u pedagoġika għandha ssir lil dawk li jaqdu l-ministeru ta' katekist tat-tfal.

## Marija, il-mara li tilqa' u tgħix il-Kelma

13. Marija hija l-ikona l-kbira tal-Knisja u tad-dixxiplu li jiftaħ qalbu għall-Kelma mħabbra, biex il-Kelma tinkarna u ssir esperjenza ta' ħajja u ta' mħabba. Fis-sena pastorali li fiha niċċelebraw il-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima u l-150 sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes, il-Knisja f'Għawdex tħossha msejħa biex timita lil Marija li laqgħet il-kelma u tat il-ħajja lill-Verb.

14. Fil-mixja tagħha għad-dell tal-Kelma ta' Alla l-Knisja f'Għawdex tħares lejn Marija u tilqa' l-istedina tagħha biex "nagħmlu kull ma jgħid il-Mulej"; lilha titlob biex fil-Knisja kollha u fid-Djoċesi tagħna jkun hawn aktar saċerdoti, persuni kkonsagrati u lajċi nsara li jsawru ħajjithom fuq il-Kelma t'Alla u jsiru dixxipli ta' Kristu, li hu l-kelma ħajja tal-Missier.

DOKUMENTI MILL-KURJA

Quddiesa ta' Jum l-Indipendenza 2007
Omelija ta' Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca

## Il-verità, il-libertà u l-politiku

Hija dejjem ħaġa sabiħa u ta' min ifaħħarha li, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Indipendenza ninġabru quddiem il-Mulej biex inroddulu ħajr għal dak kollu li għamel magħna bħala poplu matul iż-żminijiet u, fl-istess ħin, nitolbuh ikompli jieqaf magħna għall-ġejjieni.

Il-Mulej dejjem għamel magħna ħwejjeġ kbar: bil-miġja ta' San Pawl fostna, Alla żejjinna bir-rigal kbir tal-fidi nisranija; il-Mulej għen lil missirijietna joħorġu rebbieħa fit-taqbida ta' l-Assedju l-Kbir; għad hawn min jiftakar il-ferħ li ġarrabna bid-dħul fil-Port il-Kbir tagħna tal-Konvoj ta' Santa Marija.

Il-Mulej japprezza dan il-ġest tagħna li nroddulu ħajr.

## Il-verità u l-libertà

Malta teħtieġ ħafna l-għajnuna tal-Mulej Alla. Il-ġejjieni tal-moralità nisranija u tat-twemmin nisrani f'pajjiżna ma jidhirx li se jsib baħar bnazzi. Meta Alla jingħata l-ġenb, titkasbar id-dinjità tal-bniedem u jiddgħajfu ħafna s-sinsla morali u l-ġieh tal-pajjiż.

Jeħtieġ li nkunu għaqlin u nitgħallmu mill-esperjenza ta' ħaddieħor. Huwa fatt li d-dinjità tal-bniedem kif ukoll is-sinsla morali ta' bosta pajjiżi, kemm barra kif ukoll fl-Ewropa, ġarrbu u għadhom iġarrbu deni u ħsara kbira meta dawn, arbitrarjament u abbużivament aċċettaw li l-kelma 'verità' u l-kelma 'libertà' jiġu interpretati b'mod li jista' jingħata lok għal kull xorta ta' egoiżmu u aptiti oħrajn bħalma huma l-idoli tal-poter, tal-flus, tal-pjaċir u oħrajn.

Jeħtieġ nifthu għajnejna għaliex din l-interpretazzjoni hija sfaċċatament gidba u qerq li diġà beda jxerred iż-żerriegħa tal-ħsara fostna. Il-verità tal-Vanġelu m'għadhiex imħarsa fostna daqskemm kienet ftit snin ilu.

Alla ried u ordna li ż-żwieġ ikun bejn raġel wieħed u mara waħda sal-mewt. Madankollu, m'għadux diffiċli li ssib fostna min isemma' leħnu favur id-divorzju u saħansitra forom differenti oħrajn taż-żwieġ. Il-koabitazzjoni donnha bdiet tindara sewwa. Lanqas il-kelma 'abort' m'għadha tant taħsadna.

F'isem il-libertà qed ukoll jixxerred fostna tagħlim li jistqarr li l-bniedem jista' jaħseb dak li jrid, jemmen dak li jrid u jagħmel dak li jħoss li huwa aħjar, aktar komdu għalih. Dan hu tagħlim ħażin u qarrieqi li ma jista' jwassal qatt għal-libertà vera tal-bniedem.

Quddiem din is-sitwazzjoni reliġjuża u morali ta' pajjiżna m'għandux jaħkimna l-biża'. Kuraġġ, Alla magħna. Alla żgur joffrilna l-għajnuna tiegħu. Huwa jitlob biss li naċċettaw l-għajnuna tiegħu u nikkoperaw miegħu. Jitlobna nirrispettaw lil xulxin filwaqt li jkollna l-kuraġġ li l-abjad inkomplu nsejħulu abjad, u l-iswed iswed. Huma meħtieġa ħafna l-umiltà, it-talb u l-imħabba ta' xulxin.

## Irridu nobdu lil Alla

Alla ta lill-bniedem ir-rigal tal-libertà biex ikun jista' jagħmel it-tajjeb li jkun ta' ġid għalih u għall-oħrajn; meta wieħed jabbuża mil-libertà billi ma jimxix skond ir-rieda ta' Alla, dan jagħmel ħsara lilu nnifsu u lill-oħrajn.

Tissemma wkoll il-libertà tal-kuxjenza; dan ifisser li ħadd ma għandu jiġi obbligat li jemmen kontra r-rieda tiegħu. Madankollu, dan ma jfissirx li l-bniedem, maħluq minn Alla biex iħobbu u jħobb lil ħutu, jista' jġib ruħu kif irid jew jaqbillu. Meta jiġri hekk, il-bniedem ma jsibx libertà iżda jsib ruħu skjav ta' bosta idoli.

Il-liġi tal-bniedem ma toħloqx u ma tivvintax il-kuxjenza hi. Huwa Alla li jkellimna dwar dak li huwa sewwa u dwar id-dinjità vera tal-bniedem bid-dawl tar-raġuni tagħna, u jkompli jiċċaralna dan bil-verità illi, għax iħobbna, iwasslilna. Huwa Alla li għandu dritt li jagħtina l-liġi tiegħu. Il-bniedem, biex jilħaq il-kobor tad-dinjità tiegħu u jikseb suċċess tassew, għandu jobdi lil Alla. Il-bniedem, hu min hu, huwa fid-dmir li jfittex dak

li Alla jrid minnu u jobdih. Il-libertà vera tal-kuxjenza hija, għalhekk, ubbidjenza lejn Alla.

Il-verità teżisti tabilħaqq; u għalhekk jeħtieġ noqogħdu attenti biex ma ninħakmux mill-kriżi li, kif semma l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI matul iż-żjara riċenti tiegħu fl-Awstrija, ħafna qed jirrassenjaw ruħhom li l-bniedem mhux kapaċi jagħraf il-verità.

Il-Q.T. il-Papa jkompli jgħallem li, kieku l-verità ma teżistix għall-bniedem, allura l-bniedem lanqas jista' jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin. Sitwazzjoni bħal din tiftaħ il-bieb għal kull xorta ta' deni u ħażen.

Il-verità teżisti, kif teżisti l-libertà; u l-libertà hija frott tal-verità; hija l-verità li tagħmilna nies ħielsa, meħlusin minn kull jasar. Il-verità, għalhekk, mhix xi ħaġa astratta. Għalina l-Insara, il-verità hija l-fatt li Alla tant ħabb il-bniedem li tana lil Ibnu stess. San Pawl, fl-Ittri lill-Galatin, jgħidilna, "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Iommu sħiħ u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar" (Kap 5, 1).

## Sehem il-politiċi

Fl-impenn tagħna lejn ħajja mibnija fuq il-verità biex ikollna l-libertà, il-politiċi wkoll iridu jagħtu l-kontribut tagħhom.

Ġensna wasal fejn jinsab il-lum għaliex kien immexxi minn politiċi li stinkaw u ħadmu, spiss b'ħafna sagrifiċċji personali u familjari, biex jiksbu għall-poplu tagħna dak li huma emmnu li kien l-aħjar għal ġensna u għal pajjiżna, skond is-sinjali taż-żminijiet.

Il-bnedmin tal-lum qegħdin ngħixu fi żminijiet meta l-isfidi diffiċli u r-responsabbiltajiet kruċjali qegħdin dejjem jiżdiedu. L-istrutturi soċjali jinsabu għaddejjin minn tibdil qawwi mbuttat minn forzi ekonomiċi ġodda. Mill-banda l-oħra, l-akkwisti xjentifiċi fil-qasam tal-bioteknoloġija juru l-bżonn li l-ħajja umana tiġi difiża f'kull stadju tagħha. Hemm ukoll il-wegħdiet ta' soċjetà ġdida li jitolbu b'urġenza deċiżjonijiet politiċi ċari favur il-familja, it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, id-dgħajfin u l-emarġinati. Dan jitlob mill-politiċi li jkunu nies kapaċi jagħrfu u jindikaw it-triq tal-verità.

Il-poplu tagħna japprezza meta jara b'għajnejh u jkun jista' jmiss b'idejh, li l-impenn tal-politiku jkun ferm aktar minn dikjarazzjonijiet ġeneriċi ta' prinċipji jew dikjarazzjonijiet. Il-poplu tagħna jgħożż ħafna s-servizz tal-politiku li fl-operat tiegħu jkun u jidher li hu integru, responsabbli, matur, onest, korrett u ħieles minn kull dell ta' korruzzjoni, preferenzi mhux leċiti u ma jfittixx l-interessi personali, tal-ħbieb jew tal-politika partiġġjana.

Kulħadd jitlob li fl-eżerċizzju tal-poter ikun hemm xiehda ta' moralità soda, trasparenza u responsabbiltà.

Jiena nemmen li l-poplu tagħna, fil-fond ta' qalbu jixtieq li kull politiku jkun leali lejn il-verità ta' Alla dwar il-bniedem; ikun leali lejn il-ġid komuni; ikun leali lejn kull membru fis-soċjetà billi jimxi dejjem b'mod uman u ġust ma' kulħadd, mingħajr ħarsien indenn lejn il-kulur politiku jew xorta oħra tal-wiċċ; u jkun leali wkoll lejn l-avversarju politiku tiegħu billi jimxi miegħu b'rispett lejn id-dinjità tiegħu wkoll f'mumenti ta' kontroversja jew prova akbar.

Jiena nemmen li l-poplu tagħna jifraħ ħafna bil-politiċi li l-operat tagħhom jgħin, u jidher li qed jgħin biex il-fiduċja tan-nies fil-klassi politika u fil-politika nnifisha tikber u tissaħħaħ dejjem iżjed.

## Fit-triq tal-verità

Ħarsa lura turina li fil-mixja tiegħu lejn ġejjieni aħjar, il-poplu tagħna fittex dejjem li jkun ispirat minn imħabba kbira għal Alla u għożża tal-verità tiegħu.

Nitlob lill-Missier Etern, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, li tant hija f'qalb il-poplu tagħna, biex jagħti lilna lkoll, b'mod partikolari lill-politiċi kollha tagħna, tal-lum u ta' għada, id-dawl u l-għajnuna tiegħu ħalli pajjiżna jibqa' miexi dejjem fit-triq ta' imħabba sħiħa lejn il-Ħallieq u r-rieda tiegħu għalina l-bnedmin.

**KonKattidral ta' San Ġwann**
**21 ta' Settembru 2007**

Jum l-Anzjani 2007
Quddiesa minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

## "Tiddejqux titkellmu fuq l-esperjenza tagħkom"

L-ewwelnett, kemm hu sabiħ li ltaqjna hawnhekk biex dan il-jum, fost affarijiet oħra, ngħodduh ukoll bħala radd ta' ħajr lil Alla l-Missier, li huwa l-għajn ta' kull ħajja, l-għajn ta' kull għomor.

Naħseb li l-ewwel lezzjoni tal-lum tagħtna daqxejn ta' ħjiel fuq x'qegħdin niċċelebraw. Aħna, meta naqraw il-Kelma ta' Alla, ħafna drabi nkunu qegħdin infittxu min hu Alla l-Imbierek. Nixtieqkom li, meta taqraw il-Kelma ta' Alla, tfittxu wkoll min hu l-bniedem; tfittex ukoll int min int. Għax Alla l-Imbierek jibgħat il-Kelma tiegħu mhux biss biex inħarsu lejh – ħaġa qaddisa - imma biex jien inħares lejja u nara l-valur tiegħi, u biex inħares lejn min hemm ħdejja u nara l-valur tiegħu jew tagħha.

Il-lum, il-Kelma ta' Alla li qrajna ġġiegħlek tistagħġeb. Imma kemm verament niswew jiena u intom? Alla l-Imbierek qalilna dan il-kliem il-lum: "Jiena għajjur fuq li għajjur għal Sijon." Sijon tfisser il-belt ta' Alla. Allura Sijon tfisser kull wieħed u waħda minna. Temmnu li Alla l-Imbierek jgħid li hu għajjur għalija? Temmen li Alla l-Imbierek qed jgħid li hu għajjur għalina u allaħares min imissna għax tant iħobbna? U jkompli sejjer hekk. Jgħid: "Mill-ġdid indur lejn Sijon u niġi ngħammar f'nofs Ġerusalemm." Alla l-Imbierek tant ħabbna, li hu ġie jgħammar fostna. Kultant anki diffiċli wieħed jgħidlek, 'nixtieq niġi narak imma se joħodli l-ħin biex niġi ħdejk', u ma jiġix. Alla l-Imbierek, Alla l-Missier bagħat lil Ibnu biex jgħammar miegħi u miegħek. Tista' timmaġina mħabba akbar minn din? Tista' timmaġina Alla kemm irid jagħtina kuraġġ biex ngħixu l-ħajja tagħna?

Iktar 'l isfel, meta jkun qiegħed jitkellem, Żakkarija jagħżel (ippermettuli l-kelma, imma hekk hija eżatta) l-iktar mumenti dgħajfin tal-ħajja tal-bniedem. U meta jgħinna noħolmu f'din il-belt, fejn qiegħed fiċ-ċentru, isemmi lilhom. Ma jsemmix Sijon hija sabiħa għaliex għandha ħafna nies b'saħħithom, dik li ngħidulhom 'bniedem qiegħed fl-aħjar tiegħu'.

Tafu lil min isemmi? L-ewwel isemmi lit-tfal - ħa ngħid hekk it-tieni waħda - isemmi lit-tfal għax it-tfal huma l-iktar dgħajfin. Ibda mill-ġuf meta jkunu għadhom fil-ġuf, sakemm ikunu għadhom tfal, ikunu dgħajfin. Mela b'mod speċjali Alla l-Imbierek ipoġġi l-imħabba tiegħu fuq it-tfal, għax huma dgħajfin. Imma mbagħad, it-tieni biċċa: Żakkarija, dan il-profeta, isemmi li f'din il-belt l-iktar li se jkunu jidhru huma dawk li huma anzjani/xjuħ; u mhux biss xjuħ, ried ikompli iktar, dawk li huma bil-bastun. Jiġifieri, dak li ma għandux bastun ma għandux għax jiddejjaq, imma hu ried isemmi lil dawk li għandhom bastun biex juri kemm għandhom għomor. Għaliex kultant, anki l-anzjani/xjuħ huma persuni dgħajfa fis-soċjetà. Kultant, is-soċjetà ma tagħtihomx dak li ħaqqhom; twarrabhom fil-ġenb. Allura Alla l-Imbierek ried jagħti daqxejn ta' dawl – 'dawk jiena nħobbhom b'mod speċjali'.

## Id-dinjità ta' l-anzjani

Għaliex qiegħed ngħid dan ħuti? Għaliex l-importanti, li aħna bħala soċjetà dejjem iktar nagħrfu l-importanza ta' l-anzjani/tax-xjuħ li hemm fostna. Aħna, niżżuħajr lil Alla, qed ngħixu l-anzjanità/x-xjuħija tagħna f'din il-parti tad-dinja, fejn niżżuħajr lil Alla l-anzjani għandhom ħafna drittijiet. Nirringrazzjaw lil Alla. Is-soċjetà ma hi qed tagħmel xejn ħlief tagħraf id-dinjità li l-anzjani għandhom dritt għaliha.

Ħa nfakkarkom daqxejn. Darba kien hemm Madre Tereża. Tiftakruha l-istorja tagħha. Fejn kienet marret tgħix hi, fl-Indja, għad hemm nies li kapaċi jmutu, għax huma anzjani, imutu fit-triq. Daqshekk huma mwarrbin mis-soċjetà.

Jiena nixtieq li l-lum intom titolbu - mhux ningħalqu fid-drittijiet tagħna biss - nitolbu għal dawk li l-lum ma għandhomx l-istess dinjità li għandna aħna.

Imma mbagħad, Alla l-Imbierek, meta jgħid li hu ġej jgħammar fostna, jgħid ukoll, 'imma nixtieq li, meta jien niġi ngħammar fostkom, in-nies l-oħrajn jistgħu jgħidu fejn ngħammar jien qed insib poplu fidil, jiġifieri poplu li jgħix ukoll qrib ta' Alla'. Għax Alla jista' jipprova jiġi fostna, imma jien xorta nista' nwarrbu. Alla jista' jiġi fostna, imma jien xorta

nista' ma napprezzahx. Allura, Alla l-Imbierek qiegħed jgħidilna, 'il-lum ġejtu hawnhekk biex tgħiduli, Mulej aħna poplu li napprezzaw għax ġejt fostna, imma napprezzaw ukoll li aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna'.

## Il-passat

Ħa naqsmu daqxejn ta' ideat. X'jiġifieri, aħna bħala insara, inkunu poplu fidil qrib lejn Alla l-Imbierek? Jien se nsemmi tliet affarijiet. Tafu li l-anzjanità/x-xjuħija huwa mument fejn il-passat tagħna jitwal ħafna. Min għandu għoxrin sena, għandu passat biss ta' għoxrin sena. Aħna, il-passat tagħna kiber ħafna; min għandu sittin sena passat tiegħu, min għandu sebgħin, min għandu tmenin, forsi hemm min għandu disgħin ukoll hawnhekk - mela jkun jitwal. Allura l-ewwel ħaġa li xtaqt naqsam magħkom hija din: il-passat tagħkom, meta tkunu fil-kwiet għarfu li kien hemm il-Mulej qiegħed hemmhekk. Kultant, meta nkunu għadna mixjin, inkunu għadna fl-aħjar tagħna, qiesu ngħixuha mingħajr ma nagħrfu li hemm Alla.

Tiddejqux tħarsu lejn il-passat tagħkom; se ssibu żewġ affarijiet. L-ewwel, il-mumenti sbieħ; erġgħu għixuhom il-mumenti sbieħ u għidulu, 'grazzi Mulej għal dawk il-mumenti sbieħ ta' ħajti'. Imbagħad tara l-mumenti li mhumiex sbieħ, forsi l-mumenti tat-tbatija, mumenti ta' diżappunt, mumenti ta' weġgħat. Lill-Mulej għidulu, 'Mulej, naf li inti kont hemm'. Kemm-il darba ngħiduha; anki n-nuqqasijiet tagħna, anki d-dnubiet tagħna . Tiddejqux tħarsu lura u tgħidulu, 'Grazzi Mulej għax inti erġajt ġibtna; dejjem kont fidil'.

It-tieni ħaġa. Aħna għandna futur. Din il-ħaġa ngħidha anki liż-żgħażagħ jiena. Ġieli nkun maż-żgħażagħ, ikollhom anki għoxrin sena, u ngħidilhom: 'Ftakru li l-futur tagħkom ma jasalx biss sakemm ikollok mitt sena. Aħna għandna futur ieħor. Qegħdin fil-Knisja ta' Kristu Sultan. Il-futur tagħna hija l-eternità. U anki liż-żgħażagħ, ngħidilhom, 'Itolbuh lill-Mulej għal ħajja twila, għomor twil, għax dik hija qdusija. Imma Mulej, xi darba, wara din il-ħajja/għomor twil, nixtieq li narak wiċċ imb'wiċċ'. Oħolmu fuqha ħuti; oħolmu, għidulu, 'Mulej, kemm nixtieq xi darba narak fis-sbuħija tiegħek', għax dik tagħtik dawl anki forsi għat-tbatijiet li tkun qed tgħix.

It-tielet ħaġa li nixtieq ngħidilkom hija parir li darba smajt mingħand waħda anzjana fuq il-ħajja tagħha kif qed tgħixha l-lum. Qaltli, 'Jien taf kif ngħixha? Ngħidlu, 'Mulej, dak li se tagħtini nerġa' nagħtihulek lura. Jekk qabel kelli saħħa ta' ħamsin, kont nagħtik ħamsin. Il-lum, jekk għandi saħħa ta' għaxra, se nagħtihielek lura biex inkun nista' naqdik'. Biex la jkollok it-tentazzjonijiet li tixtieq dak li mhux possibbli - kultant ngħixu fil-passat... 'għax kont nagħmel hekk'... imma issa mhux il-passat, għax inkella jiffrustana - u lanqas dak li tani l-Mulej, ma nintelaqx. Jekk tista' tgħid kelma, tajba, għax ma għandikx tgħidha? Jekk tista' tagħti parir tajjeb, għax ma għandikx tagħtih? Dak tahulek il-Mulej. Mela, 'Mulej dak li tagħtini se nagħtih lura'.

## Missjoni

Aħna, is-soltu, lil Ġesù nqegħduh bħala l-mudell, fit-tbatija, fil-ferħ. Hemm ħaġa li aħna ma nistgħux inħarsu lejn Ġesù bħala l-mudell tagħna – l-anzjanita/ix-xuħija, għax Ġesù miet ta' tlieta u tletin sena. Allura, li xtaqt li naqsam magħkom, hija Sidtna Marija; għandna mudell. Sidtna Marija, meta miet Ġesù, kienet ommu, nafu li marret ma' San Ġwann; u allura nafu li għexet ħajja anzjana.

Żewġ affarijiet u nagħtikom missjoni.

L-ewwel waħda. Sidtna Marija, meta kienet tkun ma' din il-ġemgħa kif qegħdin aħna, kienet tirrakkonta l-esperjenzi tagħha ma' Ġesù; inkella ma konniex inkunu nafu t-tfulija ta' Ġesù, nafuha minn Sidtna Marija. L-ewwel missjoni: tiddejqux tirrakkuntaw l-esperjenzi tagħkom li huma sbieħ ma' Ġesù, anki lil dawk li huma żgħar. Kultant iż-żgħar jiddejqu meta aħna nimponulhom – 'int trid tagħmel hekk, int trid tagħmel hekk'.

Minflok ma ngħidulhom hekk, għidilhom int x'għamilt. 'Kieku taf kemm kont inħossni tajjeb ma' Ġesù. Kieku taf Ġesù kemm hu qrib tiegħi'. L-ewwel missjoni - tiddejqux titkellmu fuq l-esperjenza tagħkom.

It-tieni ħaġa. Il-Madonna kienet tiġbor madwarha lill-appostli biex jitolbu magħha. Tgħiduli, 'Fejn tafha din? Nafuha, għax meta kien

nieżel l-Ispirtu s-Santu, hemm miktub li kienu qegħdin jitolbu, l-appostli, flimkien ma' Marija omm Ġesù.

Nista' nagħtikom missjoni? Hemm persuni fil-Knisja li għadhom jistgħu jaħdmu: ħafna saċerdoti, reliġjużi, lajċi. Nista' nagħtikom il-missjoni li tappoġġjawhom, anki lili, bit-talb tagħkom? Tistgħu fit-talb tagħkom - jekk s'issa għadkom ma intomx qed tagħmluha - iddaħlu kuljum, 'Mulej nitolbu għall-Knisja, b'mod speċjali għall-Knisja f'Malta, biex tagħtina l-kuraġġ, tagħtina l-qawwa, tagħtina l-fidi, biżżejjed tagħtina l-imħabba'. Din hija l-missjoni li kienet tagħmel Sidtna Marija, u nixtieqkom tagħmluha intom.

Nerġa' nawguralkom il-Jum l-Anzjan it-tajjeb. Jalla l-Mulej jagħtikom barkiet ġodda kif jaf jagħmel hu, fuq kull wieħed u waħda minnkom.

**Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid**
**1 ta' Ottubru 2007**

# Seminar dwar iż-żwieġ ċivili
# Diskors ta' l-għeluq minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

L-ewwelnett, xtaqt ngħid grazzi ħafna lill-*Catholic Enquiry Centre* għal dak li tagħmel, imma anki għal dan is-seminar; għaliex jiena tgħallimt ħafna; smajt ħafna, irriflettejt ħafna, u jiena ċert li anke intom ilkoll ħadtu ħafna minn dan is-seminar. Grazzi ħafna.

Daqxejn ta' riflessjonijiet fuq iż-żwiġijiet ċivili tal-Maltin.

Naħseb hemm żewġ raġunijiet prinċipali.

Għandek dawk li jagħżlu li jagħmlu hekk: jistgħu jiżżewġu wkoll biż-żwieġ kanoniku, bil-Knisja, u ma jagħżlux. Allura jista' jkun li hemm ukoll problemi ta' fidi. Imma kemm hija qawwija l-fidi; per eżempju hija xi ħaġa li forsi kultant tinkwetak hija li, forsi anki persuni ta' fidi differenti huma tant.... inċedu. Per eżempju, jekk inti għandek grazzja ma' xi ħadd, xi drabi l-insistenza li jiena ma niżżewwiġx jew niżżewweġ ċivilment biss, ġieli jkollha naqra.... Forsi mistoqsija li nagħmel hija wkoll, kemm hija qawwija l-fidi tagħna fl-għażliet tagħna? Kultant, meta xi ħadd jiġi jgħidlek anki fuq problema taż-żwieġ, ngħidlu: 'Inti taf li hemm insara xi pajjiżi tad-dinja li biex ikomplu jgħixu l-fidi tagħhom qegħdin jiffaċċjaw martirju; qegħdin jiffaċċjaw persekuzzjoni?' Forsi l-fidi tagħna hija ħafifa ħafna. Irridu naraw; niċċalinġjaw.

It-tieni ħaġa, għandek xi wħud li żżewġu ċivilment għaliex għandhom effetti ta' problemi matrimonjali li kienu qabel, allura ma jistgħux jiżżewġu; jixtiequ jiżżewġu kanonikament, imma ma jistgħux.

## Żewġ mistoqsijiet

Allura l-mistqosijiet li rridu nagħmlu huma tnejn.

L-ewwelnett, x'effett qed tħalli l-fidi nisranija fil-ħajja miżżewġa? Jiġifieri żewġ kunċetti importanti huma; kunċett ta' per eżempju ta' imħabba. Il-lum tisma' l-kelma, qabel iż-żwieġ, għaliex ikollok forsi l-

ġenituri li kultant ikollhom esperjenza għax ikunu qed jitkellmu bil-moħħ, xi drabi, u mhux bil-qalb: 'Imma dak mhux tajjeb għalik; dik mhux tajba għalik'. 'Għax inħobbu'. Jgħaddu ħames snin, ikunu qed jgħixu flimkien u anke żżewġu, jerġgħu jiġu għandek u jgħidulek: 'Għax ma nħoss xejn'. X'inhu l-kunċett ta' imħabba? X'inhi li għandha tgħaqqad l-imħabba ma' l-impenn, ma' l-għotja personali? Hija xi ħaġa barra minna, jew le? L-istess, naħseb kunċett li huwa iktar personali hu li qisu din il-ħaġa hija ħaġa barra minna.

Jien kultant niċċajta anki ma' l-għarajjes , kont ngħidilhom meta kont nagħmel il-kors tagħhom. Naħseb qatt ma kien hemm żmien daqs il-lum, meta l-għarajjes jagħmlu ġranet u *weekends* u *cruises* flimkien qabel iż-żwieġ. Xi drabi, eżatt l-għada wara ż-żwieġ: "Imma ħallili l-ispazju, ħija". Qabel dak il-ġenn! Jiġifieri dawn l-ideat li hemm b'mod speċifiku nisrani, naħseb mhux qegħdin jidħlu totalment.

It-tieni ħaġa, kemm il-bażi nisranija qed tgħinhom. Allura għandek il-problema reliġjon u fidi. Jiena ninsistilhom ukoll: 'Inti mhux tnejn li għandek grazzja ma' xi ħadd u qed tiżżewweġ permezz ta' tieġ nisrani. Inti diġàmgħammed b'viżjoni - li jiena, bħala patri jew bħala saċerdot l-istess ħaġa, il-kunċett tiegħi ta' kif inħobb, kif nara l-oħrajn, qiegħed hemm - jiena se napplikah fiż-żwieġ.

Din, fil-kuntest ta' żwieġ kanoniku, kemm irridu ninsistu iktar fuqha. Huma żewġ mgħammdin li diġàgħandhom il-fidi kif iħarsu r-realtàli qed jidħlu għaż-żwieġ. Naħseb irridu ninsistu iktar fuqhom.

## L-isfidi li jeżistu

Mela allura ċ-*challenges* li għandhom.

L-ewwelnett irridu ngħaddu minn kunċett taż-żwieġ bħala kultura għal għażla konxja. Irridu iktar ninsistu li inti qed tagħmel għażla konxja.

Jien, ġeneralment, meta nkun qed nippriedka f'quddiesa ta' tieġ, ngħidilhom żewġ affarijiet: 'L-ewwelnett, grazzi għaliex stajtu tiżżewġu ċivilment imma żżewiġtu hekk, fil-Knisja. It-tieni, nittama li t-tieni għażla

għamiltuha għax dan mhux tieġ għalikom, dan huwa żwieġ. Xi ħaġa li qiegħed jibda u qiegħed ikompli'.

Allura b'dan id-dawl irridu naċċetaw anki bħala Knisja - din qalha l-Papa Benedittu ftit ilu - "dħalna f'dinja pluralista". Donna għadna taħt xokk. Irridu naċċettaw li l-Knisja tagħna l-lum trid tgħix u ssib post f'dinja li hija pluralista.

Mela, xi tfisser? Konklużjonijiet tagħha hi din. Mhux fuq tradizzjoni biss, iżda rridu nimpustawha fuq xiehda, b'kull rispett. Jekk għandna l-ġenituri - qed ngħid forsi eżempju - u tgħidilhom: 'Għax inti trid tiżżewweġ bil-Knisja, għax hekk suppost tiżżewweġ fil-Knisja'. Imbagħad jaraw lill-ġenituri tagħhom qegħdin flimkien imma ż-żwieġ tagħhom ma għandu l-ebda sbuħija. Il-messaġġ qed ikun kontra għaliex mhix tradizzjoni, hija l-kwalita`.

Il-lum iż-żgħażagħ ngħidilhom: 'Forsi erbgħin sena ilu kont tiżżewweġ u inti kien ikollok moħħok mistrieħ għax min hemm ħdejk se jibqa'', għax kellna sens kbir ta' fedeltà. Il-lum le. Il-lum, jekk il-kwalità taż-żwieġ mhux se taħdem fuqha, ta' ħdejk aqta' kif se jitlaq! Allura, dik hija *challenge* sabiħ biex ma tikkuntentax b'kollox.

It-tieni ħaġa: Allura, kemm huwa importanti li aħna jkollna komunitajiet tagħna nsara; iridu jkunu komunitajiet mhux li jippreservaw.

Darba kont qiegħed x'imkien u l-idea kienet: 'Ejja nippreservaw il-fidi'. Tippreserva l-fidi meta qed nonqsu? Mhux nippreservaw; irridu nfittxu dawk li hemm barra. U jekk tfittex li hemm barra għandna t-tieni *challenge*. Meta jridu jiġu għandna rridu nkunu *welcoming*. Trid tilqagħhom b'idejk miftuħa u tara kif se takkumpanjahom fl-ewwel mumenti. Meta jerġgħu jirritornaw għandna; ma nistgħux nibqgħu nirraġunaw bħal qabel.

It-tielet għandna ċ-*challenge* tal-*media*. Għandna żewġ *challenges* tal-*media*. Għandek il-*media* ta' dawk li huma diġà konvertiti. Dawk se jiftħu *channel* fejn jisimgħu xi ħaġa. U l-oħrajn, li x'aktarx l-iktar li għandhom bżonn? Jiġifieri li għandna bżonn huwa li, fi programmi oħrajn li wieħed ma jagħżilhomx imma jagħżel *thriller,* għax iħobb it-

*thrillers,* f'xi mument int se tagħtih, anki jekk ma kienx qed jistennieh, int se tagħtih il-messaġġ. Ilni ngħidha ħafna li jrid ikun hemm *spots* għal dak li inti ma kontx qed tistenna.

## Ir-rwol tal-ġenituri

L-aħħar ħaġa, li hija importanti ħafna: Ir-rwol tal-ġenituri.

Jien naħseb li l-iskola, il-Knisja, dawk iridu biss jgħinu; dik hija r-rwol ċentrali tal-ġenituri.

Allura żewġ riflessjonijiet.

L-ewwelnett, il-lum ma hemmx mod ieħor, qed ngħidu: jekk lit-tfal trid tgħaddilhom il-valuri, ma hemmx mod ieħor ħlief li tgħaddihomlom inti. Xi mument trid issib biex tgħaddihulhom. Ma tistax tgħid: 'Issa jitgħallmuh waħidhom'. It-tieni, li aħna ma aħniex konxji, jekk int ma intix qiegħed tgħaddilhom il-valuri, vojt mhux ħa jibqa'. Xi ħadd ieħor qed jimliehom. X'aktarx li qed jimliehom it-televiżjoni; u l-lum għandna l-internet. U ma aħniex konxji. Jiġifieri jekk il-ġenituri ma humiex se jkunu konxji, mhux billi aħna qegħdin f'pajjiż kattoliku. Ma hu veru xejn, għax ma tafx ma xiex se jiltaqgħu. Għaddilhom l-esperjenza għax hija l-esperjenza li se tagħtihom is-saħħa.

Darba kont qed nitkellem ma' xi ħadd li kien professjonist u nisrani tajjeb ħafna. Dan qalli: 'Imma x'differenza, hux?' Qabel kemm konna nkunu nfluwenzati; kien ikun hemm in-nanniet: Dik mhux tajba. X'differenza t-tfal il-lum; ma humiex influwenzati. X'differenza!' Għidtlu: 'Inti bis-serjetà qed titkellem?' Qalli: 'Iva; għaliex?' Għidtlu: 'Jekk inti poġġejthom erba' sigħat quddiem televiżjoni, mhux influwenzati?' Il-problema mhux għax huma influwenzati, imma li lanqas aħna konxji li huma influwenzati.

Jiġifieri dawn huma l-għażliet konxji tqal li rridu nagħmlu.

L-ewwelnett, hemm l-aspett soċjali. Aħna u l-Gvern irridu naħdmu flimkien għax hemm effetti soċjali indipendenti mill-effett nisrani.

Il-Knisja għandha wkoll *homeworks* kbar. L-ewwel waħda hija tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Ibqgħu żgur li qed nipprova nagħmel mill-aħjar u, jekk il-Bambin irid, forsi jkollna riżultati, għax hija waħda mir-raġunijiet għaliex naħseb xi ħadd ikun irid jidħol fi żwieġ ċivili.

It-tieni waħda hija l-iskejjel. Qed nippruvaw li għal dak li jkun, ir-reliġjon tkun verament ta' esperjenza. U, ovvjament, il-parroċċi. Ma hemmx għalfejn ngħidu, saċerdoti f'Malta bejn wieħed u ieħor hawn erba' mija, u minn dawn l-erba' mija ħafna minnhom l-*average age* hija fuq is-sittin.

Għandna bżonn ħafna iktar insara li jifhmu li tkun nisrani ma huwiex li inti tilqa'. Li tkun nisrani huwa li tieħu r-responsabilità biex tagħti s-sehem tiegħek fil-Knisja.

**Dar l-Emigrant**
**Valletta**
**13 ta' Ottubru 2007**

# Arċidjoċesi ta' Malta – It-twettiq tal-Pjan Pastorali 2007-2008
# Rapport ta' l-ewwel sena għall-Asemblea Djoċesana 2007
# FLIMKIEN FI KRISTU GĦAS-SERVIZZ TAL-BNIEDEM

## MIXJA LI KOMPLIET

Il-Pjan Pastorali 2007-2008 ikompli l-mixja li saret tul il-Pjan Pastorali 2005-2006 għat-twettiq tas-Sinodu. Il-Pjan għandu ħames għanijiet, b'għadd ta' proġetti u ħidmiet, u b'indikazzjoni ċara ta' min hu responsabbli għat-twettiq tagħhom.

L-Assemblea Djoċesana tas-27 ta' Settembru u d-29 ta' Settembru 2007 tagħmel valutazzjoni tal-ħidma li tkun saret fl-ewwel sena tal-Pjan, kif ukoll tħares 'il quddiem lejn it-tieni sena tal-Pjan.

Għalhekk, qed jiġi ppreżentat dan ir-rapport bi tħejjija għal din il-valutazzjoni li trid issir fl-Assemblea Djoċesana, kif ukoll bħala għajnuna għall-ħarsa 'l quddiem lejn dak li jrid isir tul is-sena 2008. Dan ir-rapport se jgħid *f'sintesi u fil-qosor ħafna* x'sar jew qed isir u x'baqa' li jrid isir għal kull wieħed mill-proġetti tal-Pjan Pastorali. Min ikun irid iktar dettalji, jixtieq jistaqsi xi mistoqsijiet jew jiċċara xi punti, għandu jikkuntattja lis-Segreterija Pastorali jew lill-istituzzjoni partikulari responsabbli tal-ħidma sa l-20 ta' Settembru 2007, biex jista' jingħata t-tagħrif mitlub.

Ta' min ifakkar li, minbarra dak li jissemma f'dan il-Pjan rigward il-parroċċi, kull parroċċa għandha wkoll pjan għal 2007-2008, fejn tindika kif se twettaq l-għanijiet imfissra f'dan il-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi. L-istess proċess li se jsir fl-Assemblea Djoċesana, se jsir ukoll fl-Assemblea Parrokkjali ta' kull parroċċa, għal dak li jolqot il-parroċċa.

L-Assemblea Djoċesana, ippresjeduta minn Mons. Arċisqof, għandha tkompli l-istess spirtu tas-Sinodu, billi tkun esperjenza ta' informazzjoni, parteċipazzjoni mifruxa, *accountability*, valutazzjoni u programmazzjoni; u fuq kollox esperjenza ta' Knisja li tkun miftuħa għall-Ispirtu ta' Alla u twieġeb għas-sinjali tiegħu fl-istorja.

**31 ta' Awissu 2007**

**L-ispirazzjoni għall-Pjan: il-motto, il-viżjoni u l-missjoni**

## FLIMKIEN FI KRISTU GĦAS-SERVIZZ TAL-BNIEDEM

Dan hu l-*motto* ta' ispirazzjoni għall-Knisja f'Malta matul is-sentejn 2007-2008. Il-ħsieb hu li b'dan il-mod, il-Knisja tista' taħdem aktar:
- *flimkien*, b'mod li joħroġ ċar li hi komunità waħda;
- *fi Kristu*, b'mod li tkun komunità fejn jidher dejjem aktar il-wiċċ ta' Kristu;
- *għas-servizz tal-bniedem*, b'mod li l-bniedem jibqa' dejjem it-triq tal-Knisja, kif wera Kristu stess.

## IL-MISSJONI

Il-Knisja f'Malta
twettaq is-Sinodu Djoċesan
billi tkun Knisja li tinbena fil-formazzjoni,
waqt li tissaħħaħ fil-komunjoni ta' aħwa
u d-djalogu fi ħdanha;
b'impenn kbir fl-evanġelizzazzjoni ġdida,
tidħol fi djalogu mas-soċjetà,
filwaqt li tgħix b'imħabba kbira lejn kulħadd
u b'sens kbir ta' qadi u solidarjetà
tfittex lill-imbegħdin u lill-emarġinati.

## L-GĦANIJIET TAL-PJAN PASTORALI

Ispirati mill-*mission statement*, dawn huma l-ħames għanijiet tal-Pjan Pastorali. Il-proġetti tal-Pjan għandhom il-ħsieb li jġibu 'l quddiem dawn l-għanijiet.

1. Knisja li tinbena fil-formazzjoni u li tevanġelizza
2. Knisja li tissaħħaħ fil-komunjoni u fi djalogu fi ħdanha u mas-soċjetà

3. Knisja li taqdi u tmexxi 'l quddiem is-solidarjetà ma' l-emarġinati
4. Knisja li tiċċelebra b'mod ħaj
5. Knisja li tagħti attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żgħażagħ

## 1. Knisja li tinbena fil-formazzjoni u li tevanġelizza

**Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani**
L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali jkollu l-*premises* tiegħu fl-Istitut Kattoliku, mnejn jista' jikkoordina l-ħidma tiegħu.
*(Arċidjoċesi)*
Dan sar. Fl-Istitut Kattoliku ser ikun hemm *Conference Room* mgħammra b'kollox għal sittin persuna fejn jistgħu jingħataw il-*lectures* ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali. Magħha ser ikun hemm l-Uffiċċju tad-Direttur u tas-Segretarju/a Amministrattiv. Intefqet is-somma ta' Lm13,000 biex sar dan il-proġett.

Isir taħriġ fl-ippjanar f'livelli differenti, speċjalment lil dawk li jkunu responsabbli mill-istrutturi djoċesani, biex ikollhom dejjem iżjed il-mentalità ta' ippjanar, twettiq, valutazzjoni u ippjanar mill-ġdid, fid-dawl tal-karatteristiċi partikulari li joħorġu mill-ippjanar f'kuntest ta' Knisja.
*(Segreterija Pastorali, Istitut ta' Formazzjoni Pastorali)*

Din il-materja ser tiġi ttrattata fix-xhur li ġejjin; imma fejn tidħol l-evalwazzjoni saru laqgħat għall-membri tal-Kumissjonijiet Implimentazzjoni Sinodu tal-parroċċi fejn ġie spjegat lilhom fid-dettall kif issir l-evalwazzjoni tal-pjani parrokkjali. Hemm il-ħsieb li jsir 'power-point presentation' fil-bidu ta' kull Assemblea Parrokkjali, li tfiehem kif għandha ssir l-evalwazzjoni.

Tkompli t-tieni fażi ta' seminars formattivi dwar l-ispirtu tas-Sinodu lil dawk li huma impenjati fil-ħidma djakonali tal-Knisja f'Malta, b'mod partikulari lill-*istaff* ta' l-aġenziji li jiffurmaw parti mill-Kunsill tas-Segretarjat Caritas. Jinħadem *follow-up* għall-kors.
*(Istitut ta' Formazzjoni, Segretarjat Caritas)*

Matul ix-xhur ta' Frar, Marzu u Mejju 2007 ġew offruti tliet *seminars* li kellhom bħala suġġett 'Il-Knisja – Esperjenza ta' Qadi u Servizz'. Saret ukoll proposta biex ikun hemm ukoll proġett formattiv għall-*care* u *domestic staff*. Sar ftehim li kull aġenzija tippjana u toffri hi stess il-formazzjoni fi ħdanha għall-*care* u *domestic staff* tagħha. Fi tmiem it-tieni fażi ta' dawn is-*seminars*, se jsir f*ollow-up* ta' *seminars* fuq l-istess linji formattivi għas-sena 2008.

Jitfasslu korsijiet ta' formazzjoni professjonali għall-i*staff* tad-djar tat-tfal u l-uffiċċju ċentrali.
*(Istitut ta' Formazzjoni, Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi')*
Matul l-ewwel sitt xhur tas-sena, kemm il-*professional staff* kif ukoll il-*caring u domestic staff* attendew kors li jġib l-isem ta' "*Children and their Systems-Creating and Maintaining Professional Alliances*". Dan kien immexxi minn Dr Roberta Attard. Kien jikkonsisti fit-tmien lectures ta' sagħtejn u nofs, li saru fid-Dar Fra Diego, Hamrun. Il-*Professional Staff* ha sehem ukoll fis-Seminars organizzati mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

Ikunu prodotti sitt *modules* li jservu bħala strumenti siewja għall-formazzjoni ta' persuni impenjati pastoralment. Is-suġġetti huma: Bibbja, Liturġija, Katekeżi, Familja, Etika u *Personal Development.*
*(Istitut ta' Formazzjoni, flimkien mas-Segretarjati konċernati)*
Il-modules huma ppreparati mis-Segretarjati konċernati. Fl-istess waqt, l-iskop tal-modules se jintlaħaq permezz tal-Kors Introduttiv għat-Teoloġija li tħejja mill-Istitut ta' Formazzjoni flimkien mas-Segretarjat Katekeżi. Dan il-kors jiftaħ f'Ottubru u hu intenzjonat għal kull min jixtieq li jkollu bażi tajba fit-tagħlim nisrani, anke bi ħsieb għal aktar impenn fi ħdan il-Knisja.

Isir kors li jwassal għal *Certificate in Christian Leadership.*
*(Istitut ta' Formazzjoni, Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti)*
Il-proġett ta' *Certificate in Christian Leadership* seħħ bejn ix-xhur ta' Ottubru 2006 u Mejju 2007. 70 persuna segwew din il-proposta formattiva li kienet fuq bażi ta' 4 *seminars* matul is-sena – 3 *seminars* mhux residenzjali li ttrattaw id-dimensjoni ta' *personal development* u *seminar* residenzjali forma ta' rtir li tratta l-mudell bibliku ta' *leadership*. Il-parteċipanti kienu ġejjin prinċipalment mill-għaqdiet u movimenti.

L-istess kors qed jiġi offrut wkoll għal 2007-2008 u l-ħsieb hu li jipparteċipaw membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP).

Isir approfondiment fuq il-missjoni speċifika tal-lajk nisrani, b'numru ta' seminars ta' formazzjoni għall-membri tal-Forum.
*(Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti)*
Sar it-tieni Seminar minn sensiela ta' seminars bl-iskop li jsir approfondiment fuq il-missjoni speċifika tal-lajk nisrani. Ghas-Seminar attendew 32 membri mill-Għaqdiet. Is-Seminar tmexxa minn Fr. Renè Camilleri li indika l-isfidi u l-provokazzjonijiet għal-lajċi li joħorġu mill-Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles Laici*. Matul is-sena li ġejja, waqt il-laqgħat tal-Forum li jsiru bejn wieħed u ieħor darba fix-xahar, bħala Għaqdiet flimkien, ser titkompla l-ħidma fuq dawn l-isfidi u provokazzjonijiet.

Matul 2007, isiru tliet Seminars ta' Tiġdid Presbiterali għall-kleru u l-persuni ta' ħajja konsagrata. Dawn ikunu ripetuti fi tliet postijiet differenti kull darba. Dawn is-seminars jittrattaw temi ta' importanza pastorali attwali favur ħidma iktar infurmata u aġġornata. Il-ħsieb hu li s-seminars jitkomplew ukoll fl-2008.
*(Istitut ta' Formazzjoni, Segretarjat Kleru u Persuni ta' Ħajja Konsagrata)*
Saru żewġ *seminars* għall-kleru fuq bażi distrettwali. Dawn ġew ripetuti fi tliet postijiet differenti kull darba. Is-*seminars* ittrattaw it-temi ta' *listening* u *leadership*. It-tielet seminar se jsir f'Settembru u jittratta l-*lectio divina*. Fl-ewwel seminar attendew 103 u fit-tieni 84. Il-*feedback* ta' kull min ħa sehem kienet inkoraġġanti fis-sens li hemm l-għatx biex laqgħat bħal dawn ikomplu jiġu offruti. Qabel ma jitfassal il-programm għal 2008, għandha ssir evalwazzjoni dwar l-attendenza u l-format.

Jinħadem kors *part-time* dwar id-direzzjoni spiritwali.
*(Istitut ta' Formazzjoni, Ċentru ta' Spiritwalità Injazjana)*
Saru numru ta' laqgħat bejn l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u ċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana li permezz tagħhom setà jingħata bidu għat-tfassil u għat-twettiq ta' kors *part-time* dwar l-ispiritwalità u d-direzzjoni spiritwali. Dan il-kors jibda fil-bidu ta' Settembru 2007 bin-numru ta' parteċipanti jaqbeż dak li kien oriġinarjament maħsub.

Isiru diskussjonijiet bil-għan li jitfassal *Certificate in Family Ministry* bħala kors rikonoxxut mill-Università.
*(Fakulta' tat-Teoloġija, Istitut ta' Formazzjoni, Kumm Djoċ Familja)*
Matul dawn l-aħħar xhur bdew diskussjonijiet bejn il-Fakultà tat-Teoloġija u l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ħalli jitfasslu korsijiet fis-settur tal-*Pastoral Ministry*, sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-familja kif ukoll ikompli jiġi żviluppat dak taż-żgħażagħ.

Issir ħidma biex il-ktieb *Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja*, ippubblikat mill-Kunsill Pontifiċju Ġustizzja u Paċi u maqlub għall-Malti miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, kif ukoll id-Dizzjunarju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja ppubblikat fl-2005, ikunu għodda siewja għall-formazzjoni fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.
*(Kumm Ġustizzja u Paċi)*
Għalkemm l-Abbozz tal-Kompendju (li fih madwar 700 paġna) huwa lest, dan għadu qiegħed jiġi irfinut b'terminoloġija teknika. Hu ttamat li din il-ħidma titlesta sa l-aħħar tas-sena. Rigward id-Dizzjunarju, ix-xogħol fuq dan id-dokument huwa intiż li jsir wara li jkun iffinalizzat il-Kompendju.

Matul 2007, issir sensibilizzazzjoni fuq l-enċiklika ta' Pawlu VI *Populorum Progressio*, f'għeluq l-40 sena mill-pubblikazzjoni tagħha. Tingħata enfasi għall-*issues* li tqajjem, li għadhom attwali fi żmienna.
*(Kumm Ġustizzja u Paċi,Taqsima Pastorali Xogħol, Istitut ta' Formazzjoni)*
Sar seminar għall-imsieħba soċjali fi Frar 2007 fuq it-tema 'Progress.. Xi prezz' – dwar it-tema ta' l-iżvilupp fid-dawl ta' l-Enċiklika 'Populorum Progressio'.
Ingħatat sensibilizzazzjoni waqt seminar li sar matul iż-żjara tal-Kardinal Raffaele Martino fi Frar, kif ukoll waqt programm fuq ir-radju RTK.
Bħalissa l-Enċiklika qiegħda tinqaleb għall-Malti, u l-Kummissjoni bi ħsiebha tagħmel aktar sensibilizzazzjoni ladarba dan l-eżerċizzju jitlesta. Fl-istess waqt, fl-ambitu tal-progress tal-popli partikolarment fl-ispirtu ta' solidarjetà, ta' l-iżvilupp tal-familja, tal-ġid komuni u tad-drittijiet tal-bniedem għal aċċess għall-proprjetà kif ukoll għad-dritt tax-xogħol, il-Kummissjoni ħadet dawn il-mizuri:

- Il-publikazzjoni ta' dokument b'riflessjonijiet dwar Ġustizzja Soċjali rigward djar u ħwejjeg oħra konnessi.
- Sehem fi programmi televizivi kif ukoll tar-radju għal diskussjoni wiesgħa, ma' rappreżentati politiċi u msieħba soċjali, fuq il-kontenut tad-dokument.
- Preżentazzjoni tad-dokument lill-kumitat parlamentari għall-affarijiet soċjali.
- Preżentazzjoni ta' 'Briefing Paper', ibbażata fuq id-dokument, iżda b'numru ta' rakkomandazzjoniet konkreti, lill-Ministru għas-Solidarjetà Socjali biex tkun ippreżentata lill-Prim Ministru ghall-konsiderazzjoni fil- 'pre-budget document'.
- Stqarrija għall istampa, flimkien mal-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, fuq solidarjetà ma' numru kbir ta' haddiema issensjati u mal-familji tagħhom.

Il-Kummissjoni beħsiebha, sa l-aħhar ta' Settembru, tikkoordina ma' Kummissjonijiet Djocesani oħra, rapport ta' riflessjonijiet fuq issues li ssemmew fil-'pre-budget document' – dan ir-rapport se jinkludi wkoll proposti konkreti ohra.

Ikompli u jinfirex f'aktar parroċċi l-Proġett tal-Katekeżi Bażika f'Mixja ma' l-Evanġelji tal-Ħadd. Jibda wkoll il-Proġett tat-tieni fażi.
(Segretarjat Katekeżi, Segretarjat Liturġija, Parroċċi)
Kien hemm żjieda ta' tliet gruppi ġodda fi tliet parroċċi differenti. Uħud mill-gruppi issa qed ikollhom persuni minn parroċċi oħra. Grupp minnhom ġie strutturat f'diversi ministeri. F'Settembru 2007, fil-laqgħa tal-kappillani, dan il-proġett jerġa' jiġi inkoraġġit u l-kappillani jintalbu biex jibagħtu rappreżentanza mill-parroċċa għall-programm ta' formazzjoni għall-animaturi tal-gruppi li jsir f'Ottubru.

Ikunu pprovduti riżorsi għat-tħejjija xierqa tas-sagramenti.
(Segretarjat Katekeżi, Segretarjat Liturġija)
Rigward il-Magħmudija, is-sussidji tlestew. Rigward l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, għat-tfal qed jitħejja *curriculum* ġdid u għall-ġenituri għad trid issir skema ta' laqgħat skond dan il-*curriculum*. Rigward iż-Żwieġ qed isir aġġornament tal-Kors ta' Kana. Rigward il-Qrar u l-Griżma tal-Morda għad iridu jsiru.

Ikompli l-Proġett tal-Katekeżi ma' l-Adulti fl-okkażjoni tal-Magħmudija tat-Trabi. Jiġu ppubblikati: Direttorju dwar il-Pastorali fl-okkażjoni tal-Magħmudija tat-Trabi; Manwal għall-animaturi tal-katekeżi; u Manwal għall-ġenituri għal qabel il-Magħmudija u ż-żmien ta' wara l-Magħmudija.
*(Segretarjat Katekeżi, Segretarjat Liturġija, Kulleġġ tal-kappillani)*
Ix-xogħol fuq is-sussidji għall-katekeżi ta' l-adulti fl-okkażjoni tal-Magħmudija tat-trabi huwa lest u se jkunu introdotti fix-xhur li ġejjin.

Isir programm ta' formazzjoni permanenti ta' l-animaturi tal-katekeżi ma' l-adulti fil-parroċċi.
*(Segretarjat Katekeżi, Istitut ta' Formazzjoni)*
F'Ottubru ser jerġa' jsir programm ieħor li ser jikkonċentra dwar 'Il-Bibbja fil-Katekeżi ta' l-Adulti'.

Isir Seminar Djoċesan bit-tema: "Ma' l-Adulti Katekeżi Adulta".
*(Segretarjat Katekeżi)*
Dan is-Seminar Djoċesan ser isir fit-18 u d-19 ta' Jannar 2008

Isiru seminars ta' taħriġ għall-operaturi pastorali, fuq l-istess linji tas-seminars li saru fl-2006 għall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali.
*(Segretarjat Parroċċi, Istitut ta' Formazzjoni)*

Is-seminars għall-operaturi pastorali saru f'April 2007. Madwar 700 membru tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali ħadu sehem. Fl-ewwel seminar, kien hemm diskors ta' l-Arċisqof u fit-tieni tkellem Fr Renè Camilleri. Għal iktar approfondiment tal-konferenzi, it-taħditiet kienu offruti fuq il-*website* ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

Jibdew jingħataw sussidji għal-laqgħat tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali dwar il-parroċċa u l-valuri tas-Sinodu.
(Segretarjat Parroċċi)
Fis-seminars li saru f'April, tqassam lil dawk preżenti ktejjeb bit-titlu 'Riflessjonijiet fuq il-Parroċċa fid-dawl tad-dokumenti tas-Sinodu'. Barra minn hekk, il-ktejjeb b'siltiet magħżula mid-diskorsi li saru fis-seminars ta' April 2007 se jitqassam lill-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, bħala għajnuna għal-laqgħat tal-Kunsilli.

Issir ħidma biex il-parroċċi jkollhom reġistru ta' "parruċċani b'missjoni" – lajċi impenjati fil-ħidmiet tal-parroċċa u nies anke morda li joffru t-talb tagħhom għall-parroċċa. Il-ħsieb hu li anke t-tfal ta' wara l-griżma, speċjalment meta l-età togħla, jibdew jitniżżlu f'dan ir-reġistru u orjentati biex jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-parroċċa.
*(Segretarjat Parroċċi)*
L-ideja ta' 'parruċċani b'missjoni' ġiet spjegata lir-rappreżentanti tal-Kummissjonijiet Implimentazzjoni Sinodu fil-parroċċi, biex possibilment tkun introdotta fl-Assemblej Parrokkjali.

Tkun ippubblikata Gwida komprensiva għall-iżvilupp tal-fidi ta' persuni b'diżabilità intellettwali.
*(Segretarjat Katekeżi)*
Dan id-dokument qed jiġi finalizzat.

Ikun rivedut it-test ta' Katekeżi għall-anzjani.
*(Segretarjat Katekeżi)*
Dan id-dokument qed jinħadem. Ħafna mill-materjal huwa lest.

Tkompli tissaħħaħ il-formazzjoni u l-edukazzjoni dwar l-ambjent, permezz ta' diversi inizjattivi:
- Isir irtir/seminar dwar il-baħar u n-nisrani, indirizzat b'mod speċjali għall-operaturi pastorali.
- Ikun ippubblikat ktejjeb edukattiv dwar il-baħar u r-reliġjon f'Malta.
- Ikun ippubblikat ktejjeb edukattiv dwar il-festi u l-ambjent.
- Isir *audit* ambjentali fi ħdan entijiet differenti tal-Knisja, bil-għan li jidentifika kif l-operat tal-Knisja jista' jseħħ b'mod aktar sostenibbli fl-użu ta' riżorsi u b'rispett akbar lejn il-ħolqien, speċjalment lejn l-annimali u s-siġar. Dan iservi ta' edukazzjoni dwar l-użu ta' riżorsi ta' ilma, enerġija, karta u oħrajn; ġenerazzjoni ta' skart solidu u likwidu; użu ta' art; tniġġis ta' l-arja u l-ilma.

Fl-istess waqt, issir ħidma biex matul dawn is-sentejn titfassal strateġija koordinata fi ħdan il-Knisja f'Malta li taħdem biex tintroduċi, f'diversi livelli, programmi ta' edukazzjoni ambjentali.

*(Kummissjoni Ambjent)*

- Sar l-irtir/seminar fuq il-baħar u ħadu sehem fih b'kollox 38 persuna. F'Marzu, flimkien mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, kien organizzat ukoll irtir/seminar dwar 'Il-Wied Malti u n-nisrani'. Attendew 15-il żagħżugħ.
- Iż-żewġ kotba edukattivi – dwar il-baħar u r-reliġjon f'Malta u dwar il-festi u l-ambjent – għad iridu jkunu ppubblikati.
- Bħala l-ewwel pass, sar audit ambjentali fil-Kurja, fil-Media Centre u fil-parroċċa taż-Żejtun. Dan l-awditjar identifika s-sitwazzjoni preżenti u għamel rakkomandazzjonijiet kif din tista' titjieb. Saru seminars għall-ħaddiema fl-entijiet konċernati, biex issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Il-ħsieb hu li 'l quddiem dan ikun estiż għal entijiet u parroċċi oħra f'Malta.
- Qed isir xogħol fuq it-tfassil ta' strateġija koordinata dwar l-edukazzjoni ambjentali.

Jitwaqqfu wkoll iktar gruppi parrokkjali magħrufa bħala Kummissjoni Parrokkjali Ambjent, bil-għan li tgħin lill-komunità parrokkjali tagħraf aħjar ir-responsabbiltajiet tagħha għall-ħarsien ta' l-ambjent u tifforma ruħha aħjar f'dan il-qasam.
(Kummissjoni Ambjent, Parroċċi)
S'issa hemm b'kollox 12-il Kummissjoni Parrokkjali Ambjent. Matul l-ewwel nofs ta' 2007, dawn il-gruppi hadu diversi inizjattivi fil-lokal taghhom.

**Impenji partikulari biex jitwettaq l-għan**

Jinħadem kors li l-għan tiegħu jkun li joffri opportunità ta' riflessjoni u taħriġ għall-għalliema prospettivi fl-iskejjel tal-Knisja dwar l-identità u l-etika ta' l-iskola Kattolika.
*(Kunsill Sup Maġġ Reliġjużi, flimkien ma' Inserm u Istitut ta' Formazzjoni)*
Saru diversi laqgħat bi tħejjija għall-kors dwar l-identità ta' l-iskola Kattolika. Huwa maħsub li matul 2008 din il-proposta tkun finalizzata biex fi żmien qasir tista' tiġi offruta għall-għalliema prospettivi fl-iskejjel tal-Knisja.

Jissaħħu l-gruppi ta' lajċi assoċjati (jew kollaboraturi lajċi) permezz ta' programm ta' formazzjoni kontinwa għalihom – kemm spiritwali kif ukoll professjonali – li tgħinhom ukoll biex jinfetħu dejjem aktar għall-bżonnijiet tal-Knisja.
*(Patrijiet Ġiżwiti, Patrijiet Franġiskani Minuri, Patrijiet Franġ. Konventwali, Patrijiet Tereżjani, Sorijiet St Joseph, Sorijiet Agostinjani, Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu)*
Ir-rapporti tad-diversi kongregazzjonijiet juru l-enfasi li qed issir fuq il-formazzjoni kontinwa għall-kollaboraturi lajċi, b'*induction courses* ukoll għall-kollaboraturi ġodda. Fejn hemm tipi differenti ta' kollaboraturi kif ukoll impenji u esperjenzi fuq livelli differenti, hemm il-ħsieb li tinħadem formazzjoni adattata għal kull kategorija. F'diversi kongregazzjonijiet, hemm l-impenn ukoll biex il-lajċi assoċjati jagħmlu ħidma volontarja ma' persuni fil-bżonn f'oqsma differenti tal-pastorali.

Isiru serje ta' laqgħat f'diversi parroċċi fuq temi partikulari konnessi mat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.
*(Patrijiet Dumnikani)*
Saru dawn il-laqgħat f'10 parroċċi: Valletta (San Pawl), Floriana, B'Kara (Sant'Elena), Marsa (Marija Reġina), Luqa, Żejtun, Pembroke, Sliema (Stella Maris), Balluta, Mqabba.

Isiru korsijiet fuq it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja fil-parroċċi, fl-iskejjel, fl-għaqdiet u l-movimenti.
*(Ċentru Fidi u Ġustizzja)*
Iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja b'kollaborazzjoni ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ser jorganizza kors fit-tagħlim soċjali tal-Knisja. Dan il-kors hu indirizzat għall-mexxejja ta' gruppi u persuni li jistgħu jxerrdu dan it-tagħlim fil-kamp soċjali, ekonomiku, kulturali, politiku u edukattiv.

Minbarra l-ħidma ta' formazzjoni li ssir bħala parti mill-kurikulu ta' l-iskola, ikun hemm attivitajiet speċifiċi ta' formazzjoni spiritwali u umana għall-istudenti, kif ukoll opportunitajiet oħra ta' formazzjoni għal gruppi żgħar minnhom, fuq bażi volontarja.
*(Seminarju, Savio College, Kulleġġ Santu Wistin, St Michael, Imm Conception Tarxien, Sacred Heart San Ġiljan, Skejjel Santa Monika).*
Ir-rapporti ta' dawn l-iskejjel juru l-inizjattivi li ttieħdu fil-qasam ta'

formazzjoni spiritwali u umana għall-istudenti. Jissemmew fost l-oħrajn: laqgħat ta' talb u studju bibliku fi gruppi żgħar; *live-ins* b'tema partikulari; laqgħat dwar aspetti marbuta ma' valuri u ma' l-iżvilupp personali ta' l-adolexxenti.

Tissaħħaħ fl-iskejjel il-formazzjoni tal-għalliema dwar ħajja nisranija, permezz ta' diversi attivitajiet - seminars, esperjenzi ta' talb flimkien, irtiri – kif ukoll laqgħat fuq problemi li jolqtu l-ħajja soċjali u reliġjuża tagħhom u ta' l-istudenti.
*(Skejjel Santa Monika, Sacred Heart, San Ġiljan, Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, Kulleġġ St Elias)*
Ir-rapporti ta' dawn l-iskejjel jitkellmu fuq id-diversi attivitajiet li saru biex tissaħħaħ il-formazzjoni tal-għalliema: seminars, laqgħat fuq problemi partikulari, irtiri, esperjenzi ta' talb flimkien.

Isiru attivitajiet regolari ta' formazzjoni għall-ġenituri ta' l-istudenti. Enfasi tingħata wkoll lill-formazzjoni spiritwali, permezz ta' laqgħat ta' talb u rtiri, u laqgħat li jinkludu *lectio divina*.
*(Sacred Heart San Ġiljan, Skejjel Santa Monika, St Francis Sliema, St Michael, Savio College)*
Ir-rapporti ta' dawn l-iskejjel juru l-isforzi li qed isiru għall-formazzjoni għall-ġenituri ta' l-istudenti, b'inizjattivi differenti. Esperjenza li ssaħħet fi skola partikulari hi dik ta' laqgħat darba fix-xahar ta' *lectio divina* flimkien ma' formazzjoni fuq it-trobbija ta' l-ulied.

Jissaħħaħ u jingħata spinta s-*Spiritual Revival Team*, magħmul minn membri ta' l-istaff, u bis-sehem ukoll ta' ġenituri u studenti.
*(Kulleġġ St Albert)*
Din is-sena dan it-tim iltaqa regolarment. Kien magħmul mid-*Deputy Head*, diretturi spiritwali, l-għalliema tar-Reliġjon u żewġ għalliema oħra. Għal xi laqgħat partikolari attendew ukoll membri oħra ta' l-istaff.

Is-sehem ta' l-istudenti kiber, billi kellhom l-okkażjoni jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq l-attivitajiet u anke jgħinu u jippreparaw materjal għal okkażjonijiet speċjali. It-tim jaħdem f'kollaborazzjoni mal-*Pastoral Care Team (Year Coordinators, Guidance and Counselling)*. Matul 2008, hemm il-ħsieb li jkun introdott is-sehem tal-ġenituri.

Isiru attivitajiet ta' formazzjoni għall-komunità fl-Università: laqgħat għall-istaff amministrattiv u tekniku, esperjenzi ta' talb u *lectio divina*, irtir u eżerċizzi.
*(Chaplaincy Università)*

Dawn kollha saru din is-sena. Minflok *Lectio Divina* sar *Bible Study* fuq il-Ktieb ta' Ġob. Kien hemm nofs ta' nhar ta' rtir għall-istaff akkademiku u tliet korsijiet ta' eżercizzi: għall-istudenti, għall-istaff amministrattiv u għall-istaff akkademiku, professjonisti u gradwati. Kien hemm ukoll riflessjoni fl-Avvent. Fis-sajf, kien organizzat grupp ta' żgħażagħ li mar Taize'.

Ikun hemm tisħiħ fil-kontribut li jagħtu dawn iċ-ċentri fil-qasam ta' formazzjoni, permezz ta' konferenzi, seminars, irtiri u pubblikazzjonijiet, u jibda jsir sforz għal koordinament tal-ħidma tagħhom, fejn dan hu possibbli u f'waqtu.
- Iċ-Ċentru Spiritwalità Tereżjana
- Iċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana
- Iċ-Ċentru għall-kultura u l-Istudji Agostinjani.
- Iċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni

*(Patrijiet Tereżjani, Patrijiet Ġiżwiti, Patrijiet Agostinjani, Patrijiet Franġ. Konventwali)*

Iċ-Ċentru Spiritwalità Tereżjana: sar programm ta' laqgħat b'temi ta' formazzjoni spiritwali, irtiri għal-lajċi, *lectio divina* jew *lectio teresiana* bis-sehem ta' għadd ta' lajċi mpenjati u wkoll reliġjużi sorijiet.
Iċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana kellu programm ta' attivitajiet li jinkludu seminars, irtiri u *workshops.* Iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja wkoll ħareġ programm ta' attivitajiet li jinkludu seminars fuq ir-razziżmu, it-tagħlim soċjali tal-Knisja, l-illitteriżmu, il-ġustizzja u l-paċi.
Iċ-Ċentru għall-Kultura u l-Istudji Agostinjani organizza kors għall-poplu b'enfasi fuq il-Patristika u speċjalment Santu Wistin u żminijietu. Il-kors din is-sena akkademika kien iddedikat għad-djalogu bejn il-filosofija, Santu Wistin u l-Kristjaneżmu. Għas-sena li jmiss, is-suġġett hu 'Il-Mara u l-feminiżmu'.
Iċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni kellu programm ta' konferenzi, seminars u pubblikazzjonijiet, fosthom il-fuljett 'Jum il-Mulej' u dis-

sena l-ktieb 'Ġesù ta' Nażaret' tal-Papa Benedittu XVI. Dis-sena nfetħet dar ġdida għall-Irtiri bl-isem 'Rivotorto', bħala parti mill-ħidma taċ-Ċentru.

Tissaħħaħ il-formazzjoni għall-ħidma professjonali mat-tfal fid-djar tat-tfal.
*(Sorijiet Ursolini)*

Matul 2007, tkompliet il-formazzjoni fl-oqsma ta' social work, *child care*, *early childhood studies*, biex il-ħidma professjonali mat-tfal issir dejjem aħjar.

Diversi għaqdiet u movimenti se jaħdmu biex tissaħħaħ il-formazzjoni tal-membri tagħhom li tħejjihom għal evanġelizzazzjoni f'diversi oqsma tas-soċjetà.
*(Museum, Azzjoni Kattolika, Tiġdid Kariżmatiku, Youth Fellowship, Leġjun ta' Marija, Rinascita Cristiana)*
Ir-rapporti tal-għaqdiet u l-movimenti jitkellmu fuq diversi inizjattivi li ttieħdu biex tissaħħaħ din il-formazzjoni għall-evanġelizzazzjoni, skond il-kariżma partikulari. Fil-każ tal-Museum, is-sena speċjali tal-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca kienet sena li fiha ngħatat spinta lil din il-formazzjoni għall-evanġelizzazzjoni.

Issir enfasi fuq il-formazzjoni spiritwali tal-koppji, permezz tal-*lectio divina* u irtiri fid-dar tas-Siggiewi, li ssir ċentru ta' spiritwalità għall-koppji.
*(Grufan)*
Ġew organizzati diversi laqgħat fejn saret *lectio divina* mmexxija miċ-*chaplain* għal diversi koppji mexxejja. Il-ħsieb huwa li wara, huma stess iħeġġu lill-gruppi tagħhom biex jorganizzaw *lectio divina* għall-grupp tagħhom fid-dar tas-Siġġiewi. S'issa kien hemm xi gruppi li għamlu dan. L-iskemi li fuqhom jitmexxew il-laqgħat fil-gruppi qed ikun fihom ħafna enfasi fuq l-ispiritwalità tal-koppji.

Il-Mariapoli, f'Marzu 2007, tkun mibnija fuq it-temi tal-formazzjoni u l-evanġelizzazzjoni.
*(Fokolari)*

Saret il-Mariapoli f'Marzu 2007, bil-parteċipazzjoni ta' madwar 450 ruħ. Fost dawn, ħadu sehem ukoll xi membri parlamentari taż-żewġ naħat tal-Kamra. Fi tmiem il-Mariapoli tħabbar Proġett għal bini ta' Kuxjenza Ċivika, li diġa beda jitwettaq biex jifforma kuxjenza nisranija fiċ-ċittadini.

Ikomplu jsiru b'impenn il-ġimgħat ta' tagħlim u sajdiet. Billi 2007 hija s-sena ċentinarja għas-soċjetà MUSEUM, dan l-avveniment jitfakkar prinċipalment b'attivitajiet ta' tagħlim u formazzjoni għall-poplu.
*(Museum)*
Komplew b'impenn il-ġimgħat ta' tagħlim u sajdiet. Sa l-aħħar ta' Awissu saru 17 fi 17-il parroċċa u sa l-aħħar tas-sena jkunu saru 12 oħra. Fil-fatt, billi s-sena 2007 hija mhux biss is-sena ċentinarja imma wkoll is-sena tal-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca, kien hemm diversi attivitajiet ta' tagħlim u formazzjoni għall-poplu biex ikun ċelebrat dan, fosthom, f'Settembru 2007, Ġimgħa Speċjali l-aktar għall-familji, fil-ġonna ta' Sant'Anton.

Komunitajiet f'għadd ta' parroċċi f'Malta jqiegħdu lilhom infushom għall-qadi tal-Knisja f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni.
*(Mixja Neokatekumenali)*
Din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni saret f'diversi parroċċi, kemm b'katekeżi għall-adulti, b'kuntatti personali fit-toroq, fi sptarijiet u fid-djar ta' l-anzjani, u fil-każ tal-komunitajiet li qegħdin fil-fażi tat-*Traditio*, f'kunatti bieb bieb darba fil-ġimgħa għal sena sħiħa.

Permezz ta' diversi attivitajiet, tkun enfasizzata fl-iskola l-edukazzjoni dwar l-ambjent u r-rabta ta' l-ambjent ma' ħajja aħjar flimkien.
*(Theresa Nuzzo, Marsa)*
Dan sar matul 2007.

## 2. Knisja li tissaħħaħ fil-komunjoni u fi djalogu fi ħdanha u mas-soċjetà

### Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani

Issir valutazzjoni u ħidma ta' simplifikazzjoni ta' strutturi djoċesani.
*(Segreterija Pastorali)*

Dwar il-valutazzjoni: Il-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu matul 2007 iltaqgħet ma' tmien Segretarjati/Kummissjonijiet Djoċesani u wara li tħejja minnhom rapport bil-miktub, iddiskutiet ma' kull Segretarjat/ Kummissjoni dan ir-rapport. Wara, sar seminar ma' l-Arċisqof fejn ġew elenkati diffikultajiet u problemi li hemm f'dawn l-istrutturi. Is-Segreterija Pastorali qed tieħu ħsieb tittrattahom.
Dwar is-simplifikazzjoni: qed jingħata każ li l-Kummissjonijiet ma jkunux b'numru kbir ta' persuni ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aħjar, anke jekk imbagħad ikollhom il-fakulta' li jwaqqfu sotto-kumitati jew gruppi fuq suġġetti partikulari. Dan sar fil-każ ta' l-aħħar żewġ Kummissjonijiet li twaqqfu.

Issir valutazzjoni ta' l-esperjenza ta' l-unitajiet pastorali, biex ikomplu jkunu mezz f'waqtu għal djalogu u ħidma flimkien u għal qsim ta' riżorsi. Tkompli l-ħidma biex il-parroċċi jaħdmu iżjed f'komunjoni ma' parroċċi oħra fl-unità pastorali u ċerti servizzi jkunu inter-parrokkjali.
*(Segreterija Pastorali, Segretarjat Parroċċi, Segretarjat Lajċi)*

Il-laqgħat tal-gruppi ta' kuntatt fl-unità pastorali għenu lill-parroċċi jersqu aktar lejn xulxin u jwettqu ħidmiet partikolari skond programm li tħejja fl-unità. Qed jittieħdu diversi tipi ta' inizjattivi skond il-ħtieġa tal-parroċċi fl-unità. Dwar servizzi sar ukoll xi progress, bħal per eżempju għajnuna ta' parroċċa lil oħra fl-assenza ta' kappillan jew saċerdot.

Esperjenza partikolari din is-sena huma l-laqgħat li l-Arċisqof qed jagħmel f'kull unità pastorali. Jikkonsistu f'quddiesa komunitarja u laqgħa ma' l-operaturi pastorali. S'issa saru 6 laqgħat u dawn għandhom jikomplew biex l-Arċisqof ikun żar l-unitajiet pastorali kollha sa tmiem is-sena 2007. F'kull unità qed issir tħejjija partikolari u wara l-laqgħa ma' l-Arċisqof,

dawk preżenti qed jiġu mistiedna biex issir valutazzjoni u fejn ikun possibbli jitwettqu suġġerimenti li joħorġu mir-riflessjonijiet li jkunu saru. Fis-sena 2008, hemm il-ħsieb li ssir valutazzjoni tal-ħidma fl-unità.

Issir ħidma għal tisħiħ ta' ħidma fl-unità pastorali fost is-saċerdoti. Għalhekk jintgħażel saċerdot bħala animatur f'kull unità. Meta jintgħażlu l-animaturi ta' l-unitajiet kollha, jaħdmu f'kollaborazzjoni mad-delegat għall-kleru.
*(Segretarjat Kleru)*
Saret xi ħidma bejn is-saċerdoti fl-unità pastorali. Għadu ma ntgħażilx animatur f'kull unità. It-tama hi li jintgħażel fis-sena 2008.

Jissaħħaħ aktar il-Kunsill tas-Segretarjat għall-Kleru, bis-sehem tas-saċerdoti djoċesani.
*(Segretarjat Kleru)*
Qiegħed jiltaqa' l-Kunsill tas-Segretarjat għall-Kleru, bis-sehem tas-saċerdoti djoċesani. Matul is-sena 2007 iltaqa' 4 darbiet s'issa, fosthom laqgħa ma' l-Arċisqof.

Titwaqqaf kummissjoni biex terġa' tibda x-xogħol fuq Direttorju tal-Kleru mġedded.
*(Segretarjat Kleru)*
Għadha ma twaqqfitx Kummissjoni dwar id-Direttorju tal-Kleru. Il-Kunsill tas-Segretarjat Kleru qed jiddiskuti jagħmilx dan ix-xogħol hu.

Matul 2007-2008, jiġu valutati u riveduti l-mandati tas-saċerdoti li qaddsu fl-aħħar ħmistax-il sena.
*(Segretarjat Kleru)*
Sar dan il-proċess ta' reviżjoni u valutazzjoni tal-mandati tas-saċerdoti ta' l-aħħar ħmistax-il sena. Mill-1992 irċevew l-Ordinazzjoni 61 saċerdot; minnhom 53 għandhom mandat. Baqa' 8 minħabba raġunijiet partikulari.

Isir sforz biex jibdew jiltaqgħu regolarment presbyteria parrokkjali. Dawn għandhom ikunu okkażjonijiet li jsaħħu d-djalogu bejn is-saċerdoti li jaħdmu pastoralment fl-istess parroċċa.
*(Segretarjat Parroċċi)*

Għalkemm ġieli saret insistenza biex jiltaqgħu l-*presbyteria parrokkjali*, diversi huma l-parroċċi fejn dan ma jiltaqax.

Tkompli ssir ħidma ta' għarfien tal-*lay associates* fi ħdan il-kongregazzjonijiet reliġjużi.
*(Segretarjat Lajċi)*
Din il-ħidma ser titwettaq fit-tieni sena tal-Pjan.

Issir ħidma bil-għan li twassal għall-aġġornament tal-fratellanzi fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II u tas-Sinodu Djoċesan.
*(Segretarjat Lajċi)*
F'Settembru 2006, permezz ta' digriet ta' l-Arċisqof, ġie promulgat statut bażiku għall-fratellanzi kollha u saret sejħa biex sa Settembru 2007 kull fratellanza tissottometti l-istatut u r-regolamenti partikolari tagħha għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-Knisja. Biex jintlaħaq dan il-għan saru laqgħat ma' rappreżentanti tal-fratellanzi fejn ġie spjegat lilhom l-iskop tal-ħidma lejn aġġornament tal-fratellanzi. Qed ikompli jinżamm kuntatt mar-rappeżentanti permezz ta' fuljett maħruġ apposta u permezz ta' laqgħat ma' fratellanzi fil-parroċċi. Diġa' beda r-rispons b'xi sottomissjonijiet ta' statuti u regolamenti partikolari. L-għan ewlieni tal-ħidma hu li l-fratellanzi jsiru mill-ġdid għaqdiet ta' formazzjoni, jagħrfu s-sejħa partikolari tagħhom, u jwettqu ħidma ta' appostolat, filwaqt li jkomplu jwettqu l-ħidma ta' devozzjoni u ċelebrazzjoni u jġibu 'l quddiem il-qima pubblika.

Ikun imniedi *portal* ristrutturat ta' l-Arċidjoċesi, li jħaddan id-diversi realtajiet tal-Knisja f'Malta u li permezz tiegħu l-Knisja tkun aċċessibbli għal kulħadd. Dan il-proġett ikun imqassam f'fażijiet differenti. Isir ukoll kors għall-*webmasters* inkarigati fil-parroċċi.
*(Segretarjat Komm Soċjali)*
Il-ħsieb hu li dan il-portal ristrutturat ikun inawgurat waqt l-Assemblea Djoċesana 2007.

B'rabta ma' dan il-*portal*, ikunu mnedija l-*websites* ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, tal-Kummissjoni Ambjent u tal-Kummissjoni Kultura; ikunu ristrutturati wkoll l-*websites*: tas-Segretarjat Liturġija u tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

*(Segretarjat Komm Soċjali u entijiet konċernati)*
Bdiet tiffunzjona l-website ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (www.maltapfi.org), u ġiet ristrutturata l-website tas-Segretarjat Liturġija (www.liturgija.com) u tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (www.kdz.org.mt)

***Djalogu fis-soċjetà***
Jitwaqqaf *communications office* li jipprepara kontributi għal djalogu fuq *issues* li jkunu kurrenti fis-soċjetà.
*(Segreterija Pastorali)*
L-Arċisqof talab xi pariri fuq din il-materja u qed titħejja *paper* li tkun tista' tiġi diskussa 'l quddiem.

Jitwaqqaf il-Kunsill tax-Xjenza.
*(Segreterija Pastorali)*

Għad irid jinstab/tinstab *Chairperson* għal dan il-Kunsill għax it-tħaddim ta' struttura bħal din jiddependi ħafna minn dan ir-rwol.

Titwaqqaf il-Kummissjoni Djoċesana għall-ħarsien tal-valuri fl-isport.
*(Segreterija Pastorali)*

Din il-Kummissjoni twaqqfet b'digriet ta' l-Arċisqof tas-17 ta' Lulju 2007 u bdiet tiltaqa' regolarment. Fit-tieni sessjoni ta' l-Assemblea Djoċesana, se tagħti programm ta' ħidma għas-sena li ġejja.
Isir programm ta' djalogu u diskussjonjiet, bl-isem "Djalogu fl-Istitut", li jitratta temi differenti ta' attwalità.
*(Istitut ta' Formazzjoni)*
Saru taħdidiet ma' setturi ta' professjonisti bil-għan li jiġu offruti opportunitajiet ta' djalogu li matulhom tiġi iktar mistħarrġa r-ruħ nisranija tal-kultura u l-ħsieb Maltin. Dawn id-'Djalogi fis-Soċjetà' (li fil-bidu kien hemm il-ħsieb li jkun jisimhom Djalogi fl-Istitut) fil-fatt saru fix-xahar ta' Mejju 2007. Hemm il-ħsieb li għal Novembru jkunu hemm ukoll zewġ laqgħat ta' djalogi oħra b'konnessjoni mat-tema ta' l-Ewropa, u s-serje ta' djalogi titkompla s-sena li ġejja.

Issir ħidma favur it-tolleranza politika, kif ukoll fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja u l-politika.

*(Kumm Ġustizzja u Paċi)*
S'issa għadu ma sar xejn f'dan ir-rigward, iżda l-Kummissjoni beħsiebha tipprepara dokument ta' riflessjoni biex jiġi ppubblikat hekk kif titħabbar id-data ta' l-Elezzjonijiet Ġenerali.

Il-Kummissjoni Ambjent tkompli toffri pariri u opinjonijiet tekniċi dwar każi speċifiċi, bil-għan li tagħti kontribut siewi għad-djalogu u d-diskussjoni fil-pajjiż.
*(Kummissjoni Ambjent)*
Il-Kummissjoni kompliet toffri pariri u opinjonijiet dwar każi speċifiċi. L-aħħar dokumenti u stqarrijiet kienu jikkonċentraw l-iżvilupp sostenibbli fit-turiżmu u dwar il-MEPA u r-relazzjoni tagħha ma' għaqdiet ambjentali. Il-Kummissjoni qed tħejji kompilazzjoni ta' l-opinjonijiet kollha li ppublikat sa issa. Il-Kummissjoni tat ukoll il-kontribut tagħha għall-*pre-budget document* (Mejju 2007) u fuq suġġetti speċifiċi bħall-proġett fuq il-Garnija li qed jitwettaq fit-tramuntana ta' Malta.

Titkompla l-ħidma fil-qasam tax-xandir reliġjuż biex dan ikompli jitfa' dawl nisrani fuq il-ġrajjiet kurrenti fis-soċjetà.
(Segretarjat Komm Soċjali)
Fejn jidħol it-TV, bejn Ottubru 2006 u Ġunju 2007 kienu prodotti 39 edizzjoni tal-programm QalbinNies u 52 edizzjoni tal-Kelma tal-Mulej li jixxandru kull ġimgħa fuq TVM. Inħadmu wkoll sitt spots ta' 30 sekonda l-wieħed bħala parti mill-Kampanja Valuri Nsara – dawn dehru fuq TVM, ONE TV, NET TV u Educational Channel 22. Fejn jidħol Radju RTK, kien hemm diversi programmi regolari li jitfgħu dawl nisrani fuq il-ġrajjiet kurrenti.

Isir seminar kull sena, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, fejn ikunu trattati temi kurrenti fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.
*(Taqsima Pastorali Xogħol)*
Dan is-seminar sar fi Frar 2007, bit-tema kienet 'Progress.. Xi Prezz?' (ara iktar 'il fuq). Qed jitħejja seminar għal Frar 2008, li se jiffoka fuq il-kwalità ta' xogħol li jkun offrut lill-imigranti li jiġu Malta. Dan is-seminar se jinħadem flimkien mas-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu, u l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi.

Isiru serje ta' konferenzi dwar l-apprezzament u l-valorizzazzjoni ta' l-istorja u l-wirt kulturali fil-knejjes f'Malta.

*(Kummissjoni Kultura, Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu Reliġjuż)*
Il-ħsieb hu li dawn isiru matul 2008.

Issir ħidma biex ikun hemm kuntatt ma' Maltin li qed jibdew jaħdmu f'pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja u s-Segretarjat jara kif ikun ta' servizz għalihom.
*(Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu Reliġjuż)*
Is-Segretarjat għamel xi kuntatti, fosthom biex jinstab post fi Brussel li jservi bħala *point of reference.*

***Djalogu Internazzjonali***

Jissaħħu l-kuntatti u ħidmiet ma' gruppi internazzjonali:
Il-Kummissjoni Ambjent tingħaqad mal-*European Christian Environmental Network* (ECEN). Dan jgħin biex jittieħdu inizjattivi ġodda ta' kollaborazzjoni lil hinn mill-Arċidjoċesi.
*(Kummissjoni Ambjent)*
Se ssir ħidma fuq din matul 2008. Bdew kuntatti biex tkun organizzata f'Malta Konferenza Ewro-Mediterranja għas-seminaristi fuq kuxjenza akbar dwar l-ambjent.

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi se taħdem fi proġetti mal-Kummissjoni Pontifiċja *Iustitia et Pax* u mal-Konferenza Ewropeja tal-Kummissjonijiet Ġustizzja u Paċi.
*(Kummissjoni Ġustizzja u Paċi)*
L-ewwel proġett tal-Konferenza Ewropeja tal-Kummissjonijiet Ġustizzja u Paċi kien il-pubblikazzjoni tad-Dokument "*The Immigration in the States Member of the Mediterranean Area*". Dan id-dokument jinsab fuq l-Internet u l-Kummissjoni tat il-kontribut tagħha f'dan il-proġett.
Bejn is-16 u 19 ta' Marzu, is-Segretarja Ġenerali tal-Kummissjoni attendiet l-Assembleja tas-Segretarji Ġenerali li saret f'Verdum ġewwa Franza. F'din il-Konferenza ġie deċiż li jsir studju fuq '*Poverty Reduction*' biex jigi ppreżentat fil-laqgħa Ġenerali li ghandha ssir f'Settembru gewwa Kiev. Wara li r-rapport jiġi approvat, jgħaddi għall-azzjoni komuni fil-pajjizi membri tal-Konferenza Ewropeja.
Bejn it-22 u l-24 ta' Novembru, iċ-*Chairperson* se jattendi t-Tieni Kungress Dinji ta' l-Organizzazzjonijiet Ekkleżjali li jaħdmu fil-kamp

tal-Ġustizzja u Paci ġewwa l-Vatikan. Is-suġġett tal-Konferenza se jkun "l-40 Anniversarju tal-Populorum Progressio, l-iżvilupp tal-persuna sħiħa u tal-poplu kollu".

Il-Caritas tagħti s-sehem tagħha fil-proġett CONCEPT (*Caritas Organizations Networking in Combating Exclusion and Poverty Trap*) – proġett immexxi minn Caritas Ewropa.
*(Caritas Malta)*
Għat-tieni sena konsekuttiva Caritas Malta qed tieħu sehem fil-proġett CONCEPT. L-iskop ewlieni ta' dan il-proġett huwa li flimkien ma' organizzazzjonijiet ta' Caritas oħrajn madwar l-Ewropa, jsir moniteraġġ ta' l-implimentazzjoni tad-dokument 'Strateġiji Nazzjonali fuq l-Inkluzjoni Soċjali u l-Protezzjoni Soċjali'.
Dan id-dokument kien ġie sottomess mill-Gvern Malti flimkien mal-25 stati membri l-oħra lill-Kummissjoni Ewropeja bħala parti mill-Metodu Miftuħ ta' koordinazzjoni. Caritas Malta qed tagħmel din il-ħidma billi tippartecipa fil-grupp Mediterranju flimkien ma' Caritas Italja, Caritas Greċja, u Caritas Ċipru.
Oġġettiv ieħor ta' dan il-proġett huwa li filwaqt li tinħoloq kooperazzjoni aħjar mal-Kummissjoni Ewropeja tiġi promossa kultura ta djalogu mas-soċjeta ċivili u tinħoloq aktar kuxjenza ta' Inklużjoni Soċjali. F'dan il-proġett Caritas Malta qed tieħu sehem ukoll fil-grupp dwar is-Saħħa u s-servizzi relatati mas-saħħa. Dawn jiddiskutu temi dwar aċċess għal kura tas-saħħa, kura fit-tul, inizjattivi ta' *Home Care,* l-eskluzjoni soċjali u l-poverta' ta' persuni bil-virus ta' l-HIV/AIDS madwar l-Ewropa.

Jissaħħu l-kuntatti mal-Kunsilli Pontifiċji tas-Saħħa u tal-Popli Itineranti, kif ukoll ma' l-*International Catholic Children's Bureau (Paris-Bruxelles)*
*(Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi')*
L-Uffiċċju jkun aġġornat kontinwament dwar il-komunikati li d-diversi rapprezentanti tas-Santa Sede joffru fil-Kunsill ta' l-Ewropa, fil-laqgħat tal-Kummissjoni Ewropea u fil-Ġnus Magħquda speċjalment dwar id-Drittijiet u l-Protezzjoni tat-Tfal. Jinżammu wkoll kuntatti regolari ma' l-*International Catholic Child Bureau (ICCB).* L-Uffiċċju jirċievi kwazi kull ġimgha komunikati dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-hidma kollha tal-Bureau.

F'Gunju li għadda, id-direttur attenda l-Assemblea Generali tal-ICCB ġewwa Brussell, fil-Belgju, fejn il-Bureau ghandu l-Headquarters tiegħu. It-Tema kienet: "ICCB: sittin sena mit-twaqqif tiegħu; Għoxrin sena wara d-Dikjarazzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tat-Tfal: *to promote and favour a protective family environment for the child*". Id-direttur ġie elett membru tal-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni.

Il-Kummissjoni "Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa" tikkoordina s-sehem tal-Konferenza Episkopali Maltija fil-Kummissjoni tal-Konferenzi Episkopali ta' l-UE (COMECE).
*(Kumm 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa)*
Bħalissa hemm Uffiċċju, għax il-Kummissjoni għadha ma twaqqfitx. Qed isir ħidma biex titwaqqaf bħala Kummissjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija.
Dwar is-sehem fil-COMECE, din is-sena, delegazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof ħadet sehem fil-Kungress tal-COMECE dwar il-Valuri u l-Perspettivi għall-futur ta' l-Ewropa li sar Ruma bejn it-23 u l-25 ta' Marzu biex ifakkar il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Komunità Ekonomika Ewropea. Mons. Arċisqof ħa sehem għall-ewwel darba wkoll fil-Laqgħa Plenarja tal-COMECE li saret f'Ruma qabel il-Kungress.
Il-COMECE ħatret ukoll lil Fr Vanni Xuereb fil-Kumitat speċjalizzat dwar l-Affarjiet Legali. Fr. Paul Pace SJ ħa sehem, f'isem il-Kummissjoni, fil-laqgħa tal-Kumitat speċjalizzat tal-COMECE dwar il-Migrazzjoni.
L-Uffiċċju jagħmel xogħol neċessarju ta' tħejjija, meta tkun se tiġi diskussa leġislazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri u mill-Parlament Ewropew.
L-Uffiċċju ġieli jintalab ukoll isib nies esperti biex dawn jagħtu kontribut fid-diskussjoni li tkun qed issir fuq il-livell Ewropew dwar proposti tal-Kummissjoni għal politika ġdida jew għat-tiġdid tal-politika tagħha f'oqsma partikolari.

**Impenji partikulari biex jitwettaq l-għan**
Jingħata kontribut fid-diskussjoni fuq *issues* f'Malta – eż. ir-riforma tas-sistema tal-*welfare*.
*(Ċentru Fidi u Ġustizzja)*
Matul 2007, jiġu organizzati seminars b'dawn it-titli: (i) Is-sitwazzjoni ta'

l-Afrika illum; (ii) X'għajnuna hemm għat-tfal li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu llum f'Malta; (iii) X'inhuma l-ostakli biex in-nies isibu xogħol.
Iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja huwa n-*National Focal Point* f'Malta taċ-ċentru ta' l-Unjoni Ewropeja għall-immonitorjar tar-razziżmu u Xenofobja fin-*network* jismu RAXEN. Bl-għajnuna ta' speċjalisti Maltin kull sena jsir rapport fuq dan.

Il-pubblikazzjoni *Orbis* taħdem biex titfa' dawl nisrani fuq kwestjonijiet soċjo-kulturali.
*(Ċentru Fidi u Ġustizzja)*
Ir-rivista Orbis baqgħet toħroġ regolarment matul is-sena, imma f'Mejju ttieħdet id-deċiżjoni li tieħu forma elettronika u ma tibqax tiġi stampata. B'hekk saret tilħaq aktar nies u ser tibda toħrog sitt darbiet fis-sena.

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Millennium Chapel issir l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Provinċja u taħdem b'kollaborazzjoni ma' ta' l-Arċidjoċesi.
*(Patrijiet Agostinjani)*
Il-pjan hu li din tibda tiffunzjona b'mod regolari f'Ottubru 2007. Matul 2007, sar xogħol preparatorju billi ġew identifikati tliet territorji li jikkoordinaw ix-xogħol tagħhom fi ħdan il-Kummissjoni: dawn huma il-Millennium Chapel Paceville, Parroċċa Santu Wistin il-Belt u l-Kulleġġ Santu Wistin, li t-tlieta li huma għandhom grupp ta' impenn għal djakonija u ġustizzja. Żvilupp li sar matul 2007 hu fil-Parroċċa Santu Wistin favur proġetti soċjali għat-tfal u ż-żgħażagħ fid-diversi żoni tal-parroċċa.

Ikunu ffurmati aktar gruppi fl-Università, imsejħa *Christian Reflection Groups*, li jinkludu *lecturers* minn fakultajiet differenti, biex jirriflettu fuq temi ta' fidi u kif din tmiss aspetti differenti ta' l-impenn tagħhom.
*(Chaplaincy Università)*
Matul din is-sena ma kienx hemm *Christian Reflection Groups* ġodda iżda hu maħsub li jiffurmaw aktar gruppi matul is-sena li ġejja.

Permezz tal-laqgħat *Chaplaincy in Dialogue*, jinħoloq spazju ta' djalogu dwar temi ta' importanza għas-soċjetà u jkunu diskussi mil-lenti tal-fidi nisranija.

*(Chaplaincy Università)*
Din saret f'Novembru matul din is-sena akkademika.

Issir ħidma biex jinħoloq djalogu bejn l-istudenti universitarji li jappartjenu lil xi movimenti fil-Knisja.
*(Chaplaincy Università, Moviment Kattoliku Studenti Universitarji)*
Iċ-Chaplaincy kompliet taħdem fuq dan matul is-sena. Se jissaħħaħ il-Media group – tim ta' *lecturers* li se jirriflettu u jiktbu dwar il-fidi u l-kultura fil-Media Maltija. Matul din is-sena wkoll ifforma tim biex jaħdem ħalli jsir *Comparative Study* tas-Survey li kien sar xi ftit snin ilu '*Religious Attitudes and Beliefs on Campus*'.

F'Mejju 2007, ikun hemm parteċipazzjoni fil-Manifestazzjoni Stokkolma 2007, li għandha l-għan li tkun manifestazzjoni internazzjonali ta' komunjoni bejn membri ta' movimenti minn diversi Knejjes insara.
*(Fokolari)*

Din il-laqgħa saret fi Stuttgart, il-Ġermanja, u għaliha attendew rappreżentanti ta' erba' għaqdiet u movimenti minn Malta. Ġimgħa wara saret laqgħa f'Malta fejn ingħataw uħud mill-messaġġi ta' l-avveniment. Għal-laqgħa f'Malta, organizzata bejn għaqdiet u movimenti diversi, attendew 200 ruħ. Hadu sehem ukoll nies minn denominazzjonijiet insara differenti u mir-reliġjon Musulmana.

Issir enfasi fuq il-komunjoni fi ħdan l-iskola, b'attenzjoni lir-relazzjonijiet, ir-rispett, il-kolleġġjalità; u komunjoni b'rabta mal-komunità ekkleżjali f'Malta li turi ruħha b'interess qawwi fil-ħajja tal-Knisja f'Malta u fl-istituzzjonijiet tagħha u b'sehem fl-attivitajiet organizzati.
*(Seminarju, Kulleġġ St Albert)*
L-intenzjonijiet strateġiċi ta' l-i*School Development Plan* inbnew madwar il-bżonn ta' aktar kolleġġjalità u inklużjoni. Ir-rapporti jsemmu diversi attivitajiet li saru bil-għan li jsaħħu l-ispirtu ta' komunjoni kemm bejn l-istaff, kif ukoll ma' l-istudenti; kif ukoll b'rabta mal-komunità ekkleżjali f'Malta, b'sehem f'okkażjonijiet partikulari.

## 3. Knisja li taqdi u tmexxi 'l quddiem is-solidarjetà ma' l-emarġinati

**Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani**
Issir ħidma biex tingħata attenzjoni lill-preżenza tar-razziżmu; ikun studjat dan il-fenomenu, u jkunu organizzati attivitajiet kontra r-razziżmu u favur id-diversità f'Malta.
*(Kumm Ġustizzja u Paċi, Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu Reliġjuż, Jesuit Refugee Service)*
Fiz-17 u t-18 ta' Frar, ġie organizzat Seminar li fih il-kelliem ewlieni kien il- Kardinal Renato Raffaele Martino, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Ġustizzja u Paċi. L-iskop tas-seminar kien li jinħoloq *awareness* tal-problema tar-razziżmu, għarfien ta' l-Enċiklika Populorum Progressio, għarfien ġenerali fuq it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja b'mod partikulari fuq id-djalogu inter-religjuż u inter-kulturali kif ukoll ir-rwol tal-media fil-konfront tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Il-Kardinal żar iċ-Ċentru miftuħ ta' l-immigranti fil-Marsa, kif ukoll ġiet organizzata quddiesa, immexxija mill-Kardinal u mill-Arċisqof, għall-immigranti Kattoliċi fil-kappella tal-Bon Pastur u wara, laqgħa miftuħa ma' l-istess immigranti.

Tissaħħaħ il-ħidma b'riżq dawk li jitolbu kenn f'pajjiżna, b'akkolejnza fi proprjetà tal-Knisja, skond il-possibiltajiet, u ħidma ta' sensibilizzazzjoni favur ir-refuġjati.
(*Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu Reliġjuż*)
Din is-sena, is-Segretarjat qed jisħaq ħafna, fl-attivitajiet tiegħu b'risq ir-refuġjati, fuq l-importanza fl-għaqda tal-familja u li dawn in-nies isibu ħajja aktar stabbli f'pajjiżi ta' l-emigrazzjoni. Saru diversi ħidmiet ta' sensibilizzazzjoni – fosthom programm regolari fuq Radju Malta u diversi *press releases* fuq il-media. Is-Segretarjat ħa sehem ukoll f'attivitajiet konnessi mal-Jum Internazzjonali tar-Refuġjati mniedi mill-UNHCR.
Bħalissa, il-Knisja f'Malta, barra is-servizzi li għandha fl-uffiċċju f'Dar l-Emigrant, qed iżżomm ukoll 14-il dar f'7 lokalitajiet f'Malta li fihom hemm 400 sodda.

Il-*Community Outreach Unit* tal-Caritas taħdem biex jiġu aġġornati l-ħidmiet ta' karità fil-komunitajiet parrokkjali. Issir ħidma biex ikun hemm stampa ċara ta' x'inhuma l-istrutturi eżistenti, kif jaħdmu, xi

proġetti hemm maħsuba, x'inhuma d-diffikultajiet u x'inhuma l-għajnuniet meħtieġa.
*(Segretarjat Caritas, Parroċċi)*
Il-qasam djakonija fi ħdan Caritas bħalissa tinsab għaddejja b'ħidma ta' evalwazzjoni ta' l-istrutturi parrokkjali ta' djakonija. Tħejja kwestjonarju ta' evalwazzjoni tal-kummissjonijiet djakonija. Sa issa diġa nġabru l-evalwazzjonijiet tal-kummissjonijijet djakonija fl-unitajiet numru 2, 3, 5, 6, 8, 10, 11, 12, 13, 14 u 16. L-iskop ewlieni huwa li tkabbar l-għarfien dwar il-kummissjoni djakonija u tħares mill-qrib lejn l-istruttura, il-mod kif taħdem, il-proġetti preżenti, it-tekonoloġija użata, il-volontarjat u kif il-kummissjoni djakonija qed tikkollabora ma' entijiet oħrajn.

Bl-għajnuna ta' għadd ta' voluntiera mħarrġa apposta, jiġi ppreżentat lill-parroċċi DVD li jfisser x'inhi 'djakonija' u kif għandha taħdem kemm fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq livell ta' unità pastorali. L-iskop hu li jkun hemm djalogu u diskussjoni bejn l-operaturi pastorali dwar id-djakonija, kif mixtieqa mis-Sinodu.
*(Segretarjat Caritas, Parroċċi)*
B'kollaborazzjoni sħiħa mal-moderaturi ta' l-unitajiet pastorali, qed jiġu organizzati sessjonijiet ta' formazzjoni dwar id-djakonija. Waqt dawn is-sessjonijiet qed jintwera DVD dwar is-servizz ta' qadi fil-parroċċa. Dan id-DVD jagħti ħarsa dettaljata lejn id-definizzjoni ta' djakonija, l-oriġini tal-ħidma tal-Caritas fil-parroċċi, eżempji konkreti ta' kif taħdem il-kummissjoni u r-rwol tas-Sinodu Djoċesan. Sa issa dan id-DVD intwera fi 11-il unità pastorali. Qed joħorġu ħafna punti interessanti f'dawn il-laqgħat u qed ikun hemm talbiet sabiex dan id-DVD jintwera wkoll lill-Kunsilli Pastorali Parrokjali. Kull kummissjoni djakonija qed tingħata pakkett ta' informazzjoni baziku dwar il-ħidma ta' djakonija.

Issir ħidma biex fejn m'hemmx u hu possibbli li titwaqqaf, ikun hemm kummissjoni djakonija fil-parroċċa. Din il-ħidma ssir f'diversi fażijiet u tibda b'valutazzjoni tal-ħidma li qed issir mill-għaqdiet voluntarji. Wara li ssir analiżi ta' l-informazzjoni miġbura, jingħataw ir-rakkomandazzjonijiet kif għandha titwaqqaf u tibda taħdem il-kummissjoni djakonija, u jsir imbagħad *follow-up*. Din tkun ħidma fuq bażi ta' unità pastorali.
*(Segretarjat Caritas, Parroċċi)*

Il-qasam djakonija jinsab għaddej b'ħidma biex titwaqqaf il-kummissjoni djakonija f'7 parroċċi differenti. Dawn huma Valletta (San Duminku), Żabbar, Qormi (San Bastjan), Marsa (Marija Reġina), Ħal Tarxien, ĦaΩ Żebbuġ u Balluta. Qed jsiru laqgħat ma' dawn il-parroċċi biex jiġu identifikati n-nies li ser imexxu din l-struttura parrokkjali u eventwalment tibda taħdem skond il-bżonnijiet tal-parroċċa.
Qed ssir emfasi biex din l-struttura tkun komposta minn rappreżentanti ta' diversi gruppi soċjali biex tkun tabilħaqq kummissjoni li tikkordina l-ħidma ta' djakonija.

Tiġi studjata *policy* dwar użu pastorali aħjar tad-Djar tal-Knisja u strutturi oħra għal skopijiet soċjo-pastorali.
*(Segreterija Pastorali, Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni)*
Għadha kemm tfasslet *policy* dwar l-amministrazzjoni ta' dawn id-Djar (li jinkludu d-Djar tat-Tfal, id-Djar ta' l-Anzjani, id-Djar ta' Persuni b'Diżabilità u d-Dar għal min hu bla dar). Din il-*policy* tipprevedi involviment akbar mill-familjari u t-tfassil ta' ħajja aktar interessanti u attiva għar-residenti. Dawn id-Djar għandhom ikollhom rabta akbar mal-parroċċi fejn qegħdin u hekk ikunu opportunità pastorali għall-qadi. L-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni qed jara liema servizzi jistgħu jkunu ċentralizzati u pprovduti mill-Kurja, u jara wkoll kif dawn id-Djar ikunu kollha ta' livell għoli kif jixraq lir-residenti u lill-familjari tagħhom u lill-Knisja stess. Qed jara wkoll li, fejn m'hemmx, kull Dar ikollha Bord ta' Amministrazzjoni li jaħdem id f'id ma' l-amministratur tad-Dar biex din tkompli timxi 'l quddiem.

L-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikunu inkoraġġiti jagħmlu esperjenzi ta' djakonija kemm f'Malta kif ukoll barra. Ikun hemm ukoll rappreżentanza żagħżugħa fil-kummissjonijiet djakonija.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Caritas)*
Matul din is-sena il-KDŻ kompliet taħdem fuq is-servizz VIS (*Voluntary Information Service*). Permezz ta' dan is-servizz, il-KDŻ tieħu ħsieb tiġbor opportunitajiet ta' volontarjat kemm f'Malta u kif ukoll barra. Din l-informazzjoni kollha tinsab fil-*website* tal-KDŻ. Permezz tagħha tingħata l-informazzjoni meħtieġa (anke permezz tat-telefon) lil dawk iż-żgħażagħ li jitolbu informazzjoni fuq opportunitajiet ta' volontarjat.

Jintbagħtu wkoll *updates* regolari dwar dawn l-opportunitajiet fis-servizz *UPDATE young people* li jintbagħat kull ġimagħtejn lil numru kbir ta' adolexxenti u żgħażagħ.
Il-KDŻ qiegħda wkoll tiddiskuti ma entitajiet taż-żgħażagħ biex jiġu koordinati laqgħat ma' l-Arċisqof sew qabel kif ukoll wara l-esperjenzi tal-volontarjat li ħafna żgħażagħ jagħmlu matul is-sajf. Għad trid issir iktar ħidma rigward l-element żagħżugħ fil-Kummissjonijiet Djakonija.

Isir ir-raba' rapport ta' l-Osservatorju tal-Faqar (*Poverty Watch*), bil-għan li josserva l-forom ġodda ta' faqar fis-soċjetà Maltija llum, u li jkun strument u inċentiv għal azzjoni konkreta favur il-persuni żvantaġġjati fil-komunità.
*(Segretarjat Caritas, Discern)*
Sa issa r-riċerka *Poverty Watch* għadha ma bdietx. Jidher li hemm bżonn deċiżjoni fl-iqsar żmien possibbli dwar tliet punti: definizzjoni ta' faqar, b'liema regolarità ser isir ir-rapport, minn fejn ser jiġi l-iffinanzjar ta' l-Osservatorju tal-Faqar.
Il-qasam djakonija tal-Caritas qed tagħmel riċerka soċjali f'2 parroċċi differenti sabiex jiġu identifikati l-bzonnijiet l-aktar urġenti tal-familji u persuni fil-bżonn. Il-*fieldwork* qed jsir mill-membri tal-Kummissjoni Djakonija filwaqt li t-taħriġ tar-riċerkaturi u l-analiżi tar-riċerka jsiru mill-Caritas. Dawn il-ħidmiet qed isiru b'kollaborazjoni mal-Kummissjonijiet Djakonija tal-parroċċi. Saret ukoll proposta minn parroċċa oħra biex fil-bidu tas-sena 2008 tinbeda riċerka soċjali oħra.

Flimkien mas-servizzi ta' riabilitazzjoni għall-persuni dipendenti mid-droga, ikun offrut ukoll programm ta' prevenzjoni fl-iskejjel, bil-programm *Focus,* kif ukoll sensiela ta' *weekend seminars*, b'kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra.
*(Caritas Malta)*
Il-programm *Focus* kien offrut lil skejjel primarji, u saru *weekend seminars* għal studenti ta' l-iskejjel sekondarji. Bħala *follow up* għal dawn is-seminars, ġew organizzati wkoll laqgħat dwar temi ta' *lifeskills* għal dawn l-istudenti fix-xhur ta' wara s-seminars. Saru wkoll korsijiet ta' taħriġ dwar it-trobbija lill-ġenituri kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-parroċċi, u kompliet il-ħidma ta' prevenzjoni fil-postijiet tax-xogħol permezz ta' l-*Employees Assistance Programme.*

Flimkien mal-proġett ta' *counselling* għall-persuni u l-familji f'diffikulta', issir ħidma biex jitwaqqaf *Hiv/Aids Support Group.*
*(Caritas Malta)*
Caritas Malta zammet numru ta' laqgħat ma' diversi professjonisti li jaħdmu fil-qasam ta' AIDS u HIV u wkoll ma' persuna li hi stess hija infettata bil-virus HIV. Riżultat ta' dan, saret laqgħa edukattiva flimkien mal-kulleġġ Malti tat-tobba sabiex titqajjem kuxjenza rigward l-iżviluppi f'dan il-qasam. Ingħatat informazzjoni dwar testijiet li jsiru fis-servizz li toffri Caritas, Xefaq. Din il-laqgħa ddiskutiet ukoll il-possibilta' li jitwaqqaf grupp ta' sapport għal dawn il-persuni.

Fl-2007, jinħadem proġett ta' prevenzjoni dwar *binge drinking* fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ Maltin.
*(Caritas Malta)*
Il-Caritas Youth Outreach huwa grupp ta' 8 żgħażagħ li tul dawn l-aħħar tliet snin ħadmu fuq proġett ta' prevenzjoni f'Ċentri taż-Żgħażagħ madwar Malta. Is-suġġetti li huma jindirizzaw jinkludu: *Communication Skills, Self-Awareness, Assertiveness*, Ir-Razziżmu u l-Xenofobija, L-Abbuż tad-Droga u *Relationships.* Minħabba li l-problema tal-*binge drinking* bdiet tinħass sewwa f'pajjiżna, fl-2007 ġie introdott dan is-suġġett bħala parti mill-programm tas-sessjonijiet li jingħataw liċ-Ċentri. Is-sessjoni dwar il-*Binge Drinking* issir b'kollaborazzjoni ma' l-*Alcoholics Anonymous* u ssir permezz ta' metodoloġija interattiva (*quizes*, *simulation exercises* u workshops). S'issa ż-żgħażagħ li bbenefikaw minn din is-sessjoni kienu dawk taċ-Ċentri ta' Ħal Balzan, Sta Luċija u l-membri tal-Pit Stop Club. Hemm pjan illi din it-tema tiġi żviluppata aktar fil-fond.

**Impenji partikulari biex jitwettaq l-għan**
Tissaħħaħ il-ħidma ta' qadi, akkumpanjament u difiża ta' l-immigranti li jiġu Malta, b'servizzi professjonali, legali, soċjali u reliġjużi. Tkompli l-ħidma biex titqajjem kuxjenza fuq id-dinjità u d-drittijiet tagħhom permezz ta' laqgħat fl-iskejjel u fil-komunità, u pubblikazzjonijiet.
*(Jesuit Refugee Service)*
Bis-saħħa ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, il-UNHCR, u donazzjonijiet privati, il-Jesuit Refugee Service setà jżid l-istaff tiegħu, u jimpjega aktar nies li joffru servizzi professjonali fiċ-ċentri tad-detenzjoni: żewġ avukati, żewġ assistenti legali, *social worker* u nurse (seconded mill-gvern) u

psikologa li jattendu regolarment lid-detenuti. Magħhom hemm numru żgħir ta' voluntiera, inkluż tabib li jattendi kull ġimgħa.
Ġie ppubblikat ktejjeb, bl-Ingliż u bil-Franċiż, li jispjega lid-detentuti l-proċess kollu tat-tfittxija tal-kenn skond il-liġi Maltija, u hemm fondi biex ikun ippubblikat ukoll bl-Għarbi u bit-Tigrinja, lingwa ta' l-Eritrea.
Kull nhar ta' Ħadd numru żgħir ta' Ġiżwiti jqaddsu fiċ-ċentri għad-detenuti nsara. Dis-sena, issaħħet din il-preżenza pastorali bil-għajnuna siewja ta' numru ta' sorijiet tal-Karità, u membri tal-Museum u tal-Leġjun ta' Marija.

Tingħata kura pastorali lill-immigranti irregolari li qegħdin il-Marsa.
*(Patrijiet Kapuċċini)*
Din il-ħidma kompliet u estendiet ruħha minħabba li n-numru ta' l-immigranti żdied. Il-ħidma saret iktar organizzata u ko-ordinata flimkien ma aġenziji oħrajn li jieħdu ħsieb l-immigranti.

Issir ħidma mar-refuġjati u l-immigranti irregolari fiċ-ċentri tad-detenzjoni u ċentri oħra tagħhom.
*(Leġjun ta' Marija)*
Saret din il-ħidma bi żjajjar regolari.

Tkompli l-ħidma biex titqajjem kuxjenza fuq il-problema ta' l-illiteriżmu f'Malta, u t-tiftix għal soluzzjonijiet konkreti.
*(Istitut Paolo Freire)*

Bil-programmi vari tiegħu, bl-għajnuna ta' volontiera ddedikati, l-Istitut Paolo Freire qed jgħin biex persuni differenti jiskopru t-talenti tagħhom u jagħtu sehemhom iktar fil-komunità. Il-programmi jilħqu lil tfal u lill-adulti, u jinkludu korsijiet ta' '*Literacy for Employment*'.

Issir ħidma biex jinġabru esperjenzi ta' ħaddiema li jaħdmu b'paga minima u li qed jaffaċċjaw kundizzjonijiet diffiċli ta' xogħol, bil-għan li flimkien magħhom tittieħed azzjoni li tista' ttejjeb il-qagħda tagħhom.
*(Żgħażagħ Ħaddiema Nsara)*
Din il-ħidma bdiet issir u għad trid tkompli tiżviluppa matul 2008.

Il-fondazzjoni 'Suret il-Bniedem', li diġa' tagħti kenn lil dawk bla dar, tgħin ukoll b'akkomadazzjoni lil persuni bi problemi ta' saħħa mentali, li wara żmien fid-dar, ikunu jistgħu jerġgħu jkunu integrati fil-komunità.
*(Patrijiet Kapuċċini)*
Suret il-Bniedem kompliet tagħti s-servizzi tagħha lil dawk li huma bla dar, flimkien ukoll ma dawk li għandhom problemi ta' saħħa mentali. Dar Victoria issa hija lesta min kollox u hija mgħammra biex tilqa' ġo fiha dawn ir-residenti li jistgħu jkunu integrati lura fis-soċjetà jew inkella li posthom mhux aktar fl-isptar Monte Carmeli. Is-servizzi komplew jiftħu u jirfinaw ruħhom mill-esperjenza li ngabret f'dawn l-aħħar snin.

Diversi komunitajiet f'Malta jqiegħdu lilhom infushom għas-servizz tal-parroċċi f'ħidma ta' qadi.
*(Mixja Neokatekumenali)*
Dan sar permezz ta' ħidmiet diversi kemm f'Malta kif ukoll barra, bħall-Italja, l-Olanda, l-Awstralja u Guam. Ħafna komunitajiet li għamlu l-passaġġ tar-*Reditio* huma ffurmati biex jgħinu lill-parroċċi f'pastorali ta' medjazzjoni bħala għajnuna lill-familji li tilfu lil xi ħadd, żjajjar lill-anzjani u oħrajn.

Issir valutazzjoni tal-prijoritajiet u l-ħidma biex ikun hemm aktar appostolat effettiv fost dawk fil-bżonn, speċjalment il-morda, l-anzjani u dawk fil-ħabs.
*(Patrijiet Kapuċċini)*
Saret il-valutazzjoni, biex il-patrijiet ikunu aktar effettivi u effikaċi fil-ħidmiet tagħhom. Sar proċess ta' *auditing* ma' l-Aħwa kollha tal-Provinċja u fl-oqsma kollha li jinsabu fihom, fuq perjodu ta' disa' xhur. Saru Assemblej biex jiġu diskussi r-riżultati u r-rapporti. Issa qegħdin fil-fażi li jimplimentaw kif jista jsir tqassim aħjar ta' *personnel* u ħin, fid-dawl tal-kariżma.

Tissaħħaħ il-ħidma li qed issir ma' dawk vittmi ta' vjolenza domestika, kemm b'formazzjoni għall-voluntiera u persuni li jaħdmu f'dan il-qasam, kif ukoll bi twaqqif ta' *support group* għan-nies li kienu fid-djar immexxijin mill-Bon Pastur.

*(Sorijiet Bon Pastur)*
Sar kors '*Volunteers' Training Programme*' għall-voluntiera u staff li jaħdmu Dar Merħbabik. Saru wkoll diversi '*talks*' mill-istaff ta' Merħbabik lil studenti universitarji u lil grupp ta' żgħażagħ, u saru programmi fuq il-media. Kien hemm diversi persuni, fosthom studenti, li kellhom esperjenza f'Merħbabik bi skop ta' aktar *awareness*'fuq il-problema u l-konsegwenzi tagħha. Is-*support group* formali għadu ma sarx, imma d-Dar hi miftuħa għall-ex residenti li jiġu jfittxu l-għajnuna.

Issir ħidma biex tingħata ħajja ġdida liċ-'Ċentru St Jeanne Antide', biex ikun post ta' smigħ u għajnuna lill-iżjed dgħajfa u mwarrba.
*(Sorijiet tal-Karità)*
Tfassal statut ġdid u qed tinħoloq xibka ta' voluntiera. Il-Fundazzjoni hija magħmula minn sorijiet u lajċi li jaħdmu flimkien b'mod sistematiku, f'teams biex joffru support lil dawk il-persuni, familji u gruppi ta' minoranza li huma esklużi mis-soċjetà. S'issa bdew servizzi ta' għajnuna lil ommijiet żgħażagħ, tfal minn familji f'diffikulta', refuġjati, residenti nisa tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-servizzi se jkomplu jissaħħu għal 2008.
Tkompli l-ħidma ma' l-ommijiet mhux miżżewġa.
*(Sorijiet Ursolini)*
Id-dar tar-Rabat dejjem miftuħa biex tilqa' dawn l-ommijiet; matul 2007 ma kienx hemm applikazzjonijiet.

Issir ħidma fost l-anzjani fir-residenzi għalihom, biex tingħatalhom kura b'ispirazzjoni nisranija.
*(Little Sisters of the Poor, Sorijiet Dumnikani)*
Din il-ħidma saret matul 2007, u żdiedu wkoll l-opportunitajiet għall-anzjani biex jieħdu sehem fi gruppi ta' formazzjoni nisranija.

Issir ħidma biex ikun hawn aktar kuxjenza dwar l-abbużi li jsiru fuq l-anzjani u biex ikun hemm liġijiet u strutturi li jipproteġu aktar lill-anzjani.
*(Seg Assistenza Soċjali – Azzjoni Kattolika)*
Din il-ħidma saret mis-Segretarjat Assistenza Soċjali.

Bil-għan li tissaħħaħ il-ħidma tas-Segretarjat Assistenza Soċjali, fl-ewwel tliet xhur ta' 2007 issir valutazzjoni ta' l-istruttura tas-Segretarjat u ta' kif qed jikkumplementa s-servizz u l-ħidma tas-*social workers* u l-*care workers*.
*(Seg Assistenza Soċjali – Azzjoni Kattolika)*
Il-valutazzjoni ta' l-istruttura sħiħa għadha ma saritx; imma saret valutazzjoni fuq is-servizz u l-ħidma tas-*social workers* u ttieħdet azzjoni b'riżultat ta' dan.

Ikomplu b'impenn dawn it-tliet inizjattivi ta' solidarjetà : adozzjoni ta' tfal mill-bogħod; proġett 'Dar għal kull familja' fl-Asja ; u l-iskema 'Ekonomija ta' Komunjoni', fejn parti sew mill-qligħ li jħallu diversi inizjattivi jmur għall-fqar.
*(Fokolari)*
Tkomplew dawn it-tliet inizjattivi ta' solidarjetà. Saru diversi laqgħat ta' formazzjoni għal dan għall-membri kollha tal-Moviment.

Tingħata attenzjoni speċjali lil dawk it-tfal li għandhom diffikultajiet jew għaddejjin minn problemi partikulari.
*(Imm Conception, Tarxien; Skola tad-Dorotej, Żebbuġ; St Michael)*
Ittieħdu diversi inizjattivi biex ikunu megħjuna tfal b'diffikultajiet jew li għandhom problemi partikulari.
Fost dawn, tip ta' *assessment* kontinwu li jgħin biex il-ġenituri u l-istudenti jagħrfu l-kwalitajiet sbieħ tat-tfal – dan jgħin biex dawk li huma batuti fl-iskola jew li jaqgħu lura jibnu stima tagħhom infushom, u jaraw li Alla tahom ħafna doni li jistgħu jintużaw għall-ġid ta' kulħadd. Ingħatat ukoll għajnuna lil tfal li ġejjin minn familji b'diffikultajiet finanzjarji, jew problemi ta' tip ieħor. Ingħatat attenzjoni partikulari lil tfal li jħossu li ma jiswew għal xejn għax m'humiex maħbubin.

Issir ħidma biex fost l-istudenti tinħoloq kuxjenza aktar solidali ma' min hu fqir, żvantaġġjat jew emarġinat. Din issir permezz ta' kelliema – eż dwar l-immigranti irregolari, nies fil-ħabs u qraba tagħhom – kif ukoll permezz ta' esperjenzi partikulari u ħidma ma' nies li għaddejjin minn tbatija, u b'rabta ma' żminijiet partikulari fil-Liturġija.
*(Seminarju; Kulleġġ Santu Wistin; St Michael; Kulleġġ St Albert; Skola tad-Dorotej, Żebbuġ; Stella Maris College, Gżira; Sacred Heart, San Ġiljan)*

Ir-rapporti ta' l-iskejjel juru l-ħidma ta' sensibilizzazzjoni li saret fost l-istudenti biex tinħoloq aktar din il-kuxjenza ta' solidarjetà. Kienu mistiedna diversi kelliema dwar esperjenzi ta' tbatija kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, u studenti kellhom l-opportunità jagħmlu esperjenzi partikulari ma' nies għaddejjin minn tbatija jew iżuru istituzzjonijiet fejn hemm nies li qed ibatu. Intużaw ukoll żminijiet partikulari tal-Liturġija – Avvent, Milied, Randan – biex tinħoloq aktar din il-kuxjenza.

## 4. Knisja li tiċċelebra b'mod ħaj

**Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani**

Flimkien mad-djoċesi ta' Għawdex, isir dixxerniment tar-riżultat taċ-ċensiment ta' l-attendenza fil-quddiesa tal-Ħadd u tittieħed l-azzjoni neċessarja.
*(Arċidjoċesi, flimkien mad-djoċesi ta' Għawdex – bl-għajnuna ta' Discern)*
Tlesta r-Rapport sħiħ taċ-Ċensiment mid-Discern, u qed jitqassmu lill-parroċċi s-sezzjonijiet li jikkonċernawhom. Iltaqa' grupp biex jistudja liema huma l-aħjar inizjattivi li għandhom jittieħdu; beda l-proċess biex titwaqqaf *task force* biex tara x'għandu jsir wara r-riżultat taċ-Ċensiment tal-quddies.

Jiġu ppreparati sussidji biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-Liturġija tal-Ħadd. Dawn is-sussidji jkunu indirizzati l-aktar għall-għalliema u l-katekisti.
*(Segretarjat Liturġija)*
Ġew ippubblikati sussidji għat-tfal biex jintużaw kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-parroċċi bi preparazzjoni għall-quddiesa tal-Ħadd.

Jiġi ppubblikat Direttorju għaċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sagramenti.
*(Segretarjat Liturġija, Segretarjat Kleru, Kulleġġ tal-Kappillani)*
Tlestiet parti mid-Direttorju għaċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sagramenti. Din ġiet diskussa fil-unsill Presbiterali u fil-Kunsill Pastorali Djoċesan. Wara l-kummenti ta' dawk preżenti, qed isiru l-approfondimenti neċessarji.

Jiġi ppreżentat dokument li jagħti linji-gwida dwar animazzjoni aħjar tal-quddiesa fuq it-televiżjoni u fuq ir-radju.

*(Segretarjat Liturġija, Segretarjat Komm Soċjali, Kummissjoni Kultura)*
Dan sar u ntbagħat lill-kappillani u lil kull stazzjon tat-televiżjoni u r-radju li talab li jitrasmetti l-quddiesa. Hemm persuna mis-Segretarjat responsabbli li tikkuntattja lill-parroċċi ħalli t-tħejjija u l-animazzjoni tal-quddiesa jsiru sew.

Ikun ippubblikat *resource pack* għall-*youth leaders*, bi skemi ta' laqgħat fuq il-quddiesa u t-taqsimiet differenti tagħha, biex iż-żgħażagħ jifhmu u japprezzaw iżjed il-quddiesa bħala laqgħa speċjali ma' Kristu.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Liturġija)*
Minkejja li dan ir-*resource pack* hu lest, għadu ma ġiex ippubblikat minħabba li kien hemm l-idea li apparti l-iskemi ta' laqgħat, ikun ukoll fih xi materjal awdjo-viżiv fuq it-tifsir ta' partijiet differenti tal-quddiesa, sinjali, simboli, ġesti eċċ. Dawn għadhom qed jinħadmu iżda għandhom ikunu lesti sa l-aħħar ta' din is-sena. Wara li jitlestew, jiġi ppreżentat ir-*resource pack* sħiħ bħala *resource pack* interattiv.

Ikunu ppubblikati linji-gwida u proposti ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi għall-quddies animat mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Jitwaqqaf ukoll *working group* li jidentifika l-*liturgy teams* eżistenti fil-parroċċi, u jgħinhom joperaw fl-ispirtu tal-linji-gwida; kif ukoll jgħin biex jitwaqqfu f'parroċċi fejn m'hemmx. Jiġu identifikati wkoll dawk il-gruppi li janimaw il-liturġija permezz tal-mużika, biex jinġiebu flimkien u jingħataw aktar formazzjoni u bl-esperjenzi tagħhom iservu ta' stimolu għal xulxin fil-ħidma tagħhom.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Liturġija)*
Dawn il-linji-gwida, li nħadmu mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija, huma lesti iżda ġie deċiż li jinħarġu flimkien mal-linji-gwida tal-pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi. Il-*working group* li jaħdem flimkien mal-*liturgy teams* ser jibda jopera wara li dawn jiġu ppubblikati. Sadanittant il-ħidma ta' *networking* bejn il-*music ministry teams* tinsab miexja u qed tiġi msaħħa permezz ta' żewġ attivitajiet ċelebrattivi li jsiru matul is-sena, li huma l-festival ta' mużika nisranija kontemporanja u l-konkors kanzunetta uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ. Dawn l-attivitajiet għandhom l-iskop prinċipali li jinkoraġġixxu u jġibu flimkien dawn il-*music ministry teams* u *bands* u

jaqsmu t-talenti tagħhom ma' żgħażagħ oħrajn. Ġie wkoll ippjanat *music ministry weekend* li ser isir f'Ottubru li ġej.

Tkompli l-ħidma biex ikun hawn fil-parroċċi kappella ta' adorazzjoni perpetwa u biex aktar nies, speċjalment żgħażagħ, ikunu jafu bihom u jsibu fihom għajn ta' ispirazzjoni.
*(Segretarjat Parroċċi, Kumm Djoċ Żgħażagħ)*

L-għadd ta' parroċċi li għandhom kappella ta' adorazzjoni qiegħed dejjem jiżdied u skond informazzjoni reċenti miġbura mill-Uffiċċju Relazzjonijiet Pubbliċi, bħalissa hawn 'il fuq minn 40.

Isiru vespri maż-żgħażagħ, fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, fl-Epifanija, fl-Ewwel Ħadd tar-Randan u fil-Pentekoste, b'talb speċjali għall-qdusija fil-vokazzjonijiet kollha tal-ħajja nisranija.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Kunsill tal-Vokazzjonijiet)*
Il-vespri baqgħu jsiru b'mod regolari. S'issa saru fil-parroċċi taż-Żejtun u tar-Rabat. Ix-xewqa tal-KDŻ hi li filwaqt li l-vespri jibdew isiru f'parroċċi/ unitajiet differenti, dawk il-parroċċi li fihom il-KDŻ tkun organizzat il-vespri jibqgħu jagħmlu din l-esperjenza flimkien maż-żgħażagħ tagħhom. Dan sabiex terġa' tiġi skoperta s-sbuħija tat-talba tal-Knisja u li tintalab bħala komunità f'ambjent żagħżugħ. Għall-Vespri ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, ser ikun preżenti l-Arċisqof.

Fl-2007, jiġi ppubblikat il-lezzjonarju ferjali u tal-Ħdud. Fl-2008, jiġu stampati l-erba' volumi tal-Liturġija tas-Sigħat.
*(Segretarjat Liturġija, Kumm Liturġika Nazzjonali)*
Il-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali bdiet taħdem fuq il-pubblikazzjoni tal-lezzjonali ferjali u tal-Ħdud. Bħalissa tlesta l-ewwel abbozz biex jiġi evalwat sew qabel ma jinbeda x-xogħol ta' l-istampar.

Tkun ippubblikata edizzjoni ġdida u aġġornata tal-ktieb tal-kant għaż-żgħażagħ *Iktus*, kif ukoll suppliment tiegħu bil-mużika ta' l-innijiet li jkunu f'*Iktus*.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Liturġija)*
Ftit xhur ilu l-Arċisqof wera x-xewqa li l-KDŻ u s-Segretarjat għal-Liturġija jiddiskutu flimkien il-possibilità li jkun hemm ktieb wieħed

djoċesan ta' kant fid-djoċesi. Din il-laqgħa saret u kien hemm qbil li għas-snin li ġejjin, l-*Iktus* ser ikun il-ktieb ta' kant għad-djoċesi – ktieb miż-żgħażagħ għall-komunità sħiħa. Il-proċess ittawwal ftit minħabba li kellhom isiru provvedimenti biex ikun hemm numru sostanzjali ta' innijiet magħrufa mill-komunità sħiħa u mhux biss miż-żgħażagħ. Saru wkoll laqgħat ma' persuni li kienu fil-Kummissjoni Mużika Sagra u saret ukoll laqgħa ma' rappreżentanti mid-djoċesi ta' Għawdex fejn kien hemm ukoll qbil li dan il-proġett ser isir miż-żewġ djoċesijiet flimkien. Il-lista ta' innijiet issa hi kkompilata u qed jiġi wkoll ikkompilat is-suppliment tal-mużika. Huwa ttamat li l-*Iktus* il-ġdid ikun lest f'Jannar 2008.

Isir studju kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali biex tikber l-ospitalità fil-knejjes:
- ospitalità ta' persuni b'diżabilità
- ospitalità ta' persuni anzjani
- ospitalità ta' familji bi tfal żgħar
- ospitalità għall-insara fiż-żminijiet ta' llum (i.e. ħinijiet adattati għaż-żminijiet ta' llum).

*(Segretarjat Liturġija, Parroċċi)*
Dan l-istudju għad irid isir.

Jiġi valutat il-mod kif l-insara Maltin qed jieħdu sehem fil-liturġija parrokkjali: x'jista' jsir aħjar, x'għandu jkun ikkoreġġut.
*(Segretarjat Liturġija, Discern, Parroċċi)*
Inbeda l-proċess biex titwaqqaf *task force'* biex tara' x'għandu jsir u twettaq mal-paroċċi dak li hemm bżonn isir wara r-riżultati taċ-Ċensiment tal-quddies: dan jinkludi li jiġi valutat il-mod kif l-insara Maltin qed jieħdu sehem fil-liturġija parrokkjali u x'jista jsir aħjar.

Tissaħħaħ il-ħidma biex il-festi tal-parroċċi jkunu tassew ċelebrazzjonijiet reliġjużi li jgħaqqdu l-poplu, u li jesprimu l-aspetti ta' qima, ferħ nisrani, għaqda u għajnuna lil min hu fil-bżonn, filwaqt li jkomplu jitwarrbu l-elementi li jġibu firda jew offiża lil Alla jew lill-proxxmu.
*(Arċidjoċesi)*

Inizjattiva ġdida din is-sena kienet quddiesa f'Marzu mmexxija mill-Arċisqof bis-sehem ta' dawk li jagħtu sehemhom fl-organizzazzjoni

tal-festi tal-qaddisin. L-Arċisqof wasslilhom messaġġ ta' riflessjoni fuq il-festi. Permezz ta' fuljett, il-messaġġ kollu ta' l-Arċisqof twassal bil-miktub lil dawk li jagħtu sehemhom fl-organizzazzjoni tal-festi filwaqt li ġew mistiedna biex jirriproduċuh sħiħ jew in parti f'xi fuljett jew ktieb li jiġi ppublikat fl-okkażjoni tal-festa – kif fil-fatt diversi għamlu. Din il-laqgħa ċelebrattiva ser tibda ssir kull sena fix-xahar ta' Jannar.

Tkompli ssir ħidma għal impenn ambjentali fil-liturġija. Għalhekk:
- Isiru talbiet fil-quddiesa b'rabta ma' temi ambjentali differenti.
- Ikunu identifikati waqtiet matul is-sena liturġika li fihom jistgħu jkunu trattati temi ambjentali;
- Jitħejjew u jitqasmu fuljetti b'temi ambjentali, li mhux biss jagħtu tagħrif fuq problemi partikulari imma wkoll jgħidu x'għandu jkun l-impenn tan-nisrani, b'talba marbuta mat-tema.

*(Kummissjoni Ambjent, Segretarjat Liturġija)*

Tkompliet din il-ħidma ta' tħejjija u stampar ta' fuljetti b'tema ambjentali. Dawn il-fuljetti jkunu jinkludu tagħrif u riflessjonjiet li jinftiehmu minn kulħadd. Isir sforz sabiex dan it-tagħrif mhux biss juri l-iskala tal-problema partikulari imma wkoll x'inhuma r-responsabbiltajiet u x'għandu jkun l-impenn tan-nisrani. Il-fuljetti jkun jinkludu wkoll talba. Kopji ta' dawn il-fuljetti jitqassmu lill-parroċċi kollha ta' Malta kif ukoll f'Għawdex. Din is-sena tqassmu fl-1 ta' Jannar (dwar il-Paċi) u f'Mejju (dwar il-Klima). Bil-għan li din l-inizjattiva tilħaq aktar l-għanijiet tagħha, tqassam kwestjonarju lill-kappillani kollha ta' Malta, biex jinġabar tagħrif dwar kif qed jintlaqgħu dawn il-fuljetti u biex ikun jista' jitjieb dan is-servizz. Il-Kummissjoni Ambjent issa qed taħdem fuq dawn ir-riżultati.

## Impenji partikulari biex jitwettaq l-għan

Tkompli ssir b'impenn il-quddiesa għaż-żgħażagħ il-Ħadd filgħaxija fil-Knisja Ġesù Nazzarenu, Sliema.
*(Patrijiet Dumnikani)*
Din kompliet issir kif ippjanat.

Tkompli ssir b'impenn il-quddiesa għaż-żgħażagħ is-Sibt filgħaxija fil-Knisja ta' Sarria, b'tim immexxi miż-żgħażagħ stess.

*(Ignatian Youth Network)*
Din il-quddiesa baqgħet issir fuq bażi regolari u minn din is-sena tkompliet issir kull nhar ta' Sibt fi-sajf ukoll.

Fl-Università, is-Sibt filgħaxija, tingħata importanza liċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija għall-familja, permezz ta' gruppi ta' animazzjoni, u attenzjoni speċjali lil-liturġija għat-tfal u b'servizz għan-nies neqsin mis-smigħ.
*(Chaplaincy Università)*
Dan sar b'mod regolari. Kien hemm ukoll tħejjija tal-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin bl-għajnuna tas-Segretarjat għal-Liturġija.

Issir ħidma biex, fil-linja tal-kariżma tat-Tiġdid Kariżmatiku, jingħata kontribut lis-sens ta' ċelebrazzjoni fil-Knisja permezz ta' Akkademja ta' Tifħir u Qima *(Academy of Praise and Worship).*
*(Tiġdid Kariżmatiku)*
Twaqqfet l-Akkademja ta' Tifħir u Qima, li qed toffri tagħlim u taħriġ bażiku, prattiku u regolari lil dawk li ingħaqdu fil-Kor tal-Akkademja.

Minn Settembru ta' 2007, l-Akkademja ser tibda toffri korsijiet aktar speċifiċi fit-taħriġ ta' teknika u teorija mużikali kif ukoll – li ser ikunu obligatorji – sezzjonijiet ta' tagħlim fit-Teoloġija bażika ta' tifħir u qima. Għalissa din l-Akkademja ser tkun miftuħa għal dawk li huma involuti fit-Tiġdid Kariżmatiku permezz ta' gruppi jew komunitajiet, aktar 'il quddiem għandha tinfetaħ biex tieħu persuni minn entijiet oħra

Tingħata iktar opportunità lill-istudenti biex ikollhom esperjenzi ta' ċelebrazzjoni ħajja, ukoll permezz ta' talb fil-gruppi, sehem attiv fil-preparazzjoni tal-quddiesa, u inizjattivi marbutin ma' żminijiet partikulari tal-Liturġija.
*(Seminarju; Kulleġġ Santu Wistin; Kulleġġ MIssjunarju ta' San Pawl; St Michael; Stella Maris College, Gżira; Imm Conception, Tarxien; Sacred Heart, San Ġiljan; Skejjel Santa Monika; St Francis, Sliema)*
Ir-rapporti ta' l-iskejjel juru l-isforzi li saru biex tingħata din l-opportunità lill-istudenti. F'diversi skejjel, hemm inizjattivi ta' gruppi ta' talb, preparazzjoni ta' l-istudenti flimkien mal-għalliema għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, u ċelebrazzjonijiet bi programm li jinbena mas-sena liturġika.

L-għan hu li t-fal jieħdu minn età żgħira esperjenza pożittiva ta' ċelebrazzjoni ħajja.

## 5. Knisja li tagħti attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żżgħażagħ

### Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani

#### Familja

Titwaqqaf struttura djoċesana għat-tfal, bis-sehem tagħhom stess, bil-ħsieb li tħeġġeġ din il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Knisja u fis-soċjetà u tara *issues* differenti mil-lenti tagħhom.
*(Arċidjoċesi)*

Dan il-proċess inbeda tant li dan is-sajf ikunu saru l-ewwel tliet laqgħat ta' l-Arċisqof mat-tfal fejn fi gruppi ttrattaw il-ħames għanijiet tal-Pjan Pastorali. Tliet laqgħat oħra bħal dawn se jsiru fix-xitwa biex hekk ikunu koperti s-sitt distretti ta' l-Arċidjoċesi. Hemm il-ħsieb ukoll li f'kull parroċċa, matul Ottubru u Novembru, issir Assemblea għat-Tfal. Dan kollu kien ippjanat biex iwassal għat-twaqqif tal-Kummissjoni li hu maħsub li jsir qabel is-sajf ta' sena oħra.

Tkompli l-edukazzjoni fuq il-valuri tal-familja fost iż-żgħażagħ, fost koppji namrati, fost il-miżżewġin ġodda. Minn żmien għal żmien isiru kampanji fuq il-valuri tal-familja.
*(Kumm Djoċ Familja, Kumm Djoċ Żgħażagħ, Moviment ta' Kana)*
Il-Moviment ta' Kana fittex li jippromwovi valuri sodi favur iż-żwieġ u l-familja, kemm fl-iskejjel li fihom kienu mistiedna kelliema tal-Moviment, kemm bil-pubblikazzjonijiet, kemm fuq il-mezzi tax-xandir.
Il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Moviment ta' Kana u Caritas qed jaħdmu fuq proġett 'Żwieġ b'Saħħtu'. Ser issir Konferenza Nazzjonali b'din it-tema fis-27 ta' Ottubru u minn hemm il-proġett għandu jkompli jiżviluppa biex jitwassal messaġġ dwar żwieġ b'saħħtu.
Il-Kummissjoni Djoċesana Familja, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, l-Università ta' Malta u l-Moviment ta' Kana qegħdin jaħdmu fuq proġett li jinvolvi l-kunċett ta' '*Family Studies*' fil-qasam ta' l-edukazzjoni

f'Malta. Ser issir konferenza nazzjonali dwar dan is-suġġett fi Frar 2008 – ix-xewqa hi li dan iwassal biex fil-kurrikulu nazzjonali jidħol dan il-kunċett tal-'*Family Studies*'.
Matul din is-sena, twaqqaf il-Forum Familja li jiġbor fih il-movimenti u l-għaqdiet Kattoliċi li qed jaħdmu fil-qasam tal-familja. B'hekk għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni fix-xogħol li qed isir b'risq il-familja Maltija.

Tkompli l-ħidma ta' tisħiħ tal-Kummissjonijiet Familja Parrokkjali. Jingħataw orjentazzjoni biex jaħdmu ħalli jsaħħu aktar il-valuri tal-familja (bħall-fedelta', is-sagrifiċċju, l-impenn, ir-rispett). Tkompli l-ħidma biex, fejn għadha m'hijiex imwaqqfa l-Kummissjoni f'xi parroċċi, titwaqqaf.
*(Kumm Djoċ Familja, Parroċċi)*

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja kompliet bil-ħidma għat-tisħiħ tal-Kummissjonijiet Familja fil-parroċċi. F'din l-aħħar sena twaqqfet Kummissjoni Parrokkjali Familja fl-Imqabba, reġgħet bdiet tiffunzjona dik ta' Raħal Ġdid (Kristu Re) u qegħda fil-proċess li titwaqqaf dik tal-Qawra. Il-Kummissjoni tagħmel żjarat regolari fil-parroċċi. Fadal 15-il parroċċa x'iżżur biex tkun żaret il-parroċċi kollha.

Ikun hemm aktar żjarat fil-familji fil-komunitajiet parrokkjali. Issir ħidma biex fil-parroċċi jkun hemm ukoll koppji magħżula li jżuru familji u jitolbu magħhom, f'okkażjonijiet partikulari – bħal fil-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma ta' l-Isqof u ż-Żwieġ.
*(Parroċċi, Kumm Djoċ Familja)*
Diversi parroċċi ħadmu u qed jaħdmu fuq programm ta' żjarat fil-familji. Għad irid isir aktar xogħol fuq dan matul 2008. Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qegħda taħseb biex tagħmel aġġornament tal-linji gwida biex jasal aktar il-messaġġ li l-għajnuna lill-familji individwali tiġi l-ewwel fil-ħidma tal-kummissjonijiet familja fil-parroċċa.

Issir ħidma biex jissaħħaħ it-talb fil-familja.
*(Kumm Djoċ Familja)*
Kompla t-tqassim tal-ktieb ta' talb għall-familja fil-parroċċi. Il-Kummisjoni bdiet taħseb biex tagħmel aġġornament ta' dan il-ktieb issa li l-kopji stampati kważi nbiegħu kollha. Il-Kummissjoni fil-ħidma u l-

kitbiet tagħha qed tinkoraġġixxi li l-familji jkollhom post fid-dar tagħhom fejn jistgħu jinġabru biex jitolbu.

Isir Uffiċċju għar-Riċerka fuq il-Familja.
*(Kumm Djoċ Familja, Moviment ta' Kana, Discern)*
Wara ħafna diskussjonijiet, sar qbil bejn il-partijiet kollha involuti biex dan l-Uffiċċju ta' Riċerka fuq il-Familja jitwaqqaf u jinżamm fi ħdan id-Discern. Tlesta statut dwar kif ser timxi din l-istruttura u ġiet identifikata persuna biex tmexxiha.

Titwaqqaf u tibda taħdem il-Kummissjoni Pastorali Tribunal Ekkleżjastiku.
*(Arċidjoċesi)*
Din għadha ma twaqqfitx.

Jissaħħu l-*follow-ups* għal dawk li temmew il-kors ta' Kana. Il-Gruppi Familji Nsara jfittxu li jilħqu aktar miżżewġin ġodda.
*(Moviment ta' Kana)*
Il-ħidma tal-grupp *Belong* li jieħu ħsieb il-*follow-ups* tal-korsijiet ta' Kana qed issir b'mod konġunt bejn Kana u l-Youth Fellowship u n-numru ta' parteċipanti qed dejjem jiżdied. Dawn qed ikollhom laqgħat informattivi u varjati. Bil-mod il-mod din il-ħidma qed taqbad ukoll f'xi parroċċi. Fil-fatt bħalissa hemm *team* żgħir li qed jaħdem fuq manwal – ktieb b'diversi laqgħat li saru tul dawn it-tliet snin li jkun jista jservi ta'għajnuna għal dawk li jridu jagħmlu xi ħaġa simili fil-parroċċa. Il-Gruppi Familja Nsara qed ikomplu jirsistu ukoll biex kemm jista' jkun jilħqu aktar koppji miżżewġin żgħażagħ – dan jiddependi ħafna wkoll mill-għajnuna u s-sapport tal-Kappillan tal-parroċċa.

Ikun hemm *counsellors* ġodda u jsir taħriġ professjonali għall-*counsellors* li qed jagħtu s-servizz tagħhom.
*(Moviment ta' Kana)*
F'Lulju 2007, 20 *counsellor* temmew b'suċċess l-ewwel sena tal-kors tagħhom fil-*family therapy*. Għaxra minnhom kienu *counsellors* stabbiliti u għaxra kienu ġodda. Il-biċċa l-kbira minnhom issa ser ikomplu t-tieni sena tal-kors li ser twassalhom biex ikollhom id-diploma fil-*family*

*therapy*. Barra minn hekk, huma ser ikomplu jirċievu aktar taħriġ *in-house* biex ikunu jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom fi ħdan Kana.

Ikunu ppubblikati fuljetti riveduti u DVDs bħala għajnuna għall-korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ.
*(Moviment ta' Kana)*
Din is-sena, intemmu b'suċċess ir-reviżjoni u l-pubblikazzjoni ta' tliet fuljetti minn tmienja tal-Kors ta' Kana. Dawn issa ġew iżjed jappellaw għall-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' llum. Barra minn hekk, ħarġet ukoll l-ewwel DVD – dik fuq is-sesswalità – biex tintuża fil-kors flok it-taħdita. Din għandha l-iskop li tkun provokattiva biżżejjed u b'hekk toħloq diskussjoni sana fuq is-suġġett. Hemm il-ħsieb ukoll li jkun hemm iżjed DVDs.

Ikun ippubblikat il-manwal tal-*going steady*.
*(Moviment ta' Kana)*

Bil-għajnuna ta' grupp żgħir, il-preparazzjoni ta' dan il-manwal miexja ġmielu bit-tir li dan ikun lest sa tmiem din is-sena. Il-ħsieb hu li dan ikun jista' jintuża fil-laqgħat taż-żgħażagħ fil-parroċċi biex ikollhom sa min kmieni għodda f'idejhom għad-diskussjoni fuq il-valuri sbieħ tal-ħajja.

Issir ħidma biex jitwaqqaf *support group* għat-tfal tal-persuni separati.
*(Moviment ta' Kana, Caritas, Segretarjat Katekeżi, Sależjani)*
Din il-ħidma li żviluppat frott il-laqgħat ma' persuni separati, hija ħidma delikata ħafna. S'issa bil-għajnuna tal-partijiet kollha involuti, fuq bażi esperimentali, saru żewġ laqgħat għal dawn it-tfal. Issa jonqos il-koordinament bejn il-partijiet involuti kif ukoll riflessjoni matura fuq l-esperjenza.

Titkompla l-ħidma fuq il-programm ta' katekeżi għad-dħul fil-ħajja nisranija tat-tfal u l-preadolexxenti, b'mod li sa l-aħħar ta' l-2008 ikunu tlestew l-abbozzi tar-riżorsi l-ġodda għall-ewwel sena u t-tieni sena, u jkun tlesta wkoll il-proċess ta' *feedback* u taħriġ lill-katekisti għal dawn is-sentejn u jibdew jitħaddmu r-riżorsi l-ġodda.
*(Segretarjat Katekeżi)*

Tkompla x-xogħol fuq it-tfassil tat-testi għall-ewwel u għat-tieni sena tal-programm. Saru s-seminars għall-katekisti li ser jgħallmu f'dawn l-ewwel sentejn. Sar ukoll xogħol biex jiġi adattat it-test tar-raba' sena tal-programm li issa mhux ser ikun jipprepara t-tfal għall-Griżma. Fil-fatt, dan se jiġi stampat f'Settembru 2007 biex jibda jintuża minn din is-sena.

## Adolexxenti/Żgħażagħ

Jitniedu linji-gwida għall-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi, mibnija fuq id-dokument tas-Sinodu *Adolexxenti u Żgħażagħ*. Dawn ikunu jinkludu, fost l-oħrajn, kodiċi ta' etika għall-operaturi pastorali li jiġu f'kuntatt ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u reviżjoni tal-linji-gwida għall-Kummissjoni Parrokkjali Adolexxenti u Żgħażagħ (KPAŻ) biex ikunu iżjed flessibbli għar-rejaltajiet differenti li hemm fil-parroċċi f'Malta.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ)*

Id-*draft* ta' dawn il-linji-gwida huwa lest. Fil-ġimgħat li ġejjin sejrin jingħataw lil diversi persuni sabiex jagħtu l-*feedback* tagħhom fuq dan id-*draft*. Fl-10 ta' Settembru se jsir seminar ma' l-operaturi pastorali fejn flimkien se jkunu studjati dawn il-linji-gwida biex wara jkunu jistgħu jiġu ppubblikati.

Titħejja katekeżi għall-adolexxenti li qegħdin Forms IV u V.
*(Segretarjat Katekeżi)*
Tħejjew it-temi u xi kitbiet għal erba' faxxikli biex jintużaw bħala riżorsi. Bħalissa qed issir il-kitba tagħhom. Flimkien mal-faxxikli qed jitħejjew sussidji ta' metodoloġija kateketika għal dawn l-etajiet.

Jitkomplew b'mod regolari l-laqgħat għall-ġenituri ta' l-adolexxenti fil-parroċċi.
*(Segretarjat Katekeżi)*
Dawn il-laqgħat baqgħu jsiru, dejjem meta ssir stedina mill-kappillan. Qed isir sforz biex wieħed jara liema hu l-aħjar mod biex jintlaħqu aktar ġenituri b'formazzjoni adattata għalihom.

Isir kors ta' 20 sessjoni għall-animaturi ta' l-adolexxenti.
*(Segretarjat Katekeżżi)*
Il-kors sar. Attendew 30 persuna, lajċi u reliġjużi minn diversi oqsma tal-ħajja. Fost dawn kien hemm studenti universitarji u professjonisti. Wara dan il-kors, inħasset il-ħtieġa ta' *on-going formation* għall-animaturi, u li l-kors ikun fuq sentejn biex jistgħu jappprofondixxu t-temi.

Lejn l-aħħar ta' l-2007, isir symposium dwar it-tema 'Kif ngħaddu l-fidi lill-adolexxenti'. Wara, isiru numru ta' seminars biex jingħata sapport lill-animaturi tal-gruppi ta' l-adolexxenti u lill-adolexxenti nfushom.
*(Segretarjat Katekeżi, Kumm. Djoċ. Żgħażagħ)*

F'Ðunju li għadda sar seminar bit-tema: L-adolexxent u l-Knisja: X'għandhom x'jagħtu lil xulxin? Dan ġie organizzat mis-Segretarjat għall-Katekeżi u l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Attendew madwar 285 ruħ. Fost il-punti li ħarġu, kien hemm: li tittieħed b'aktar serjetà l-problema tat-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel u fiċ-ċentri ta' formazzjoni; il-bżonn ta' aktar formazzjoni u informazzjoni fejn tidħol il-formazzjoni sħiħa ta' l-adolexxenti. Saru wkoll laqgħat bħala *follow-up* ta' dan is-seminar.

Isir Kumitat permanenti għall-Pastorali fl-Iskejjel tal-Knisja.
*(Segretarjat Katekeżi, Segretarjat Edukazzjoni)*

Sar rapport ikkummissjonat mill-Kunsill għall-Iskejjel tal-Knisja – kunsill imwaqqaf mill-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri – dwar il-formazzjoni reliġjuża f'dawn l-iskejjel. Il-koordinatur tal-ħidma pastorali fl-iskejjel intalab ifassal linji għall-implimentazzjoni tal-proposti li saru fir-rapport. Saru kuntatti bejn il-koordinatur tal-pastorali fl-iskejjel u ż-żewġ *subject coordinators* tar-Reliġjon f'dawn l-iskejjel. Saret ukoll laqgħa ta' evalwazzjoni għall-għalliema tar-Reliġjon u l-animaturi ta' l-attivitajiet reliġjużi.

Isir programm ta' formazzjoni permanenti għar-*religious counsellors.*
*(Segretarjat Katekeżi, Istitut ta' Formazzjoni)*
Se jitkomplew il-laqgħat ta' formazzjoni għar-*religious counsellors.* F'Ottubru se jkun hemm laqgħa tagħhom ma' l-Arċisqof.

Jinħolqu *chaplaincies* ġodda fi skejjel, bis-sehem tal-ministeri tar-reliġjużi u tal-lajċi, u ssir ħidma biex dawn ikollhom għarfien uffiċjali.
*(Arċidjoċesi, Segretarjat Katekeżi, Segretarjat Edukazzjoni, Segretarjat Kleru u Ħajja Konsagrata, Segretarjat Lajċi)*

Kien hemm *religious counsellors* ġodda li ħadu post oħrajn li ngħataw ministeru ieħor għax kibru fl-età. Bil-ħolqien tal-'kulleġġi', beda jinħass il-bżonn li fl-iskola jkun hemm aktar minn *religious counsellor* wieħed, u li r-*religious counsellors* li sa issa kien jaħdmu fi skejjel separati jibdew jaħdmu f'tim. Għal-laqgħat tar-*religious counsellors* qed jiġu mistiedna lajċi impenjati fil-pastorali fl-iskejjel, u trid issir il-ħidma biex dawn jiġu rikonoxxuti mill-Knisja f'dan il-ministeru.
Ġie rikonoxxut ir-rwol taċ-*Chaplain* fl-MCAST bi ftehim uffiċjali bejn il-Bord tad-Diretturi u l-Arċidjoċesi. F'Ottubru se tiġi inawgurata u mbierka kappella moderna b'faċilitajiet għas-servizzi konnessi ma' din il-ħidma pastorali, u se jitwaqqaf u jibda jaħdem regolarment it-tim taċ-*Chaplaincy*. Qed tissaħħaħ il- ħidma flimkien miċ-*Chaplaincies* ta' l-Università, Junior College u MCAST.

Issir ir-riċerka fuq it-tendenzi reliġjużi taż-żgħażagħ.
*(Discern, Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Katekeżi)*
Inbeda l-proċess biex dan isir u qed isiru laqgħat fuq x'tip ta' analiżi għandha ssir. Se ssir laqgħa oħra f'Settembru bejn id-Discern, Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ u s-Segretarjat Katekeżi dwar dan l-istudju.
Isir ukoll stħarriġ fuq livell ta' parroċċi li jgħin biex il-parroċċi jagħrfu iżjed ir-rejalta' ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ li fuqha jistgħu jibnu l-ħidma pastorali tagħhom.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Parroċċi)*
Tfassal *standard survey* biex ikun jista' jsir fuq livell ta' parroċċi u ser jiġi ppreżentat bħala parti mil-linji gwida għall-parroċċi.

Isir kors ta' sena li jwassal għal *Certificate in Youth Ministry*, rikonoxxut mill-Università ta' Malta.
*(Fakulta' tat-Teoloġija, Istitut ta' Formazzjoni, Kumm Djoċ Żgħażagħ)*
Il-ħsieb hu li ċ-*Certificate in Youth Ministry* jiftaħ f'Ottubru li ġej. Matul din is-sena saru wkoll diversi laqgħat immexxija mill-Istitut

ta' Formazzjoni Pastorali u li fihom ħadu sehem is-Segretarjat għal-Liturġija, is-Segretarjat għall-Katekeżi u l-Caritas fejn tfassal kors mhux universitarju *Basic Principles in Youth Ministry.*

Jinħadem programm ta' formazzjoni kontinwa għall-*youth leaders.*
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Istitut ta' Formazzjoni)*

Dan il-programm sar u jikkonsisti f'diversi seminars, laqgħat u *live-ins* għall-*youth leaders.*

Ikunu aġġornati r-riżorsi b'materjal ġdid għall-użu tal-*youth leaders*, ta' l-istudenti u tal-għalliema tar-reliġjon u l-PSD.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Katekeżi)*

Minkejja li nxtara materjal ġdid, ir-*resource centre* ilu diversi xhur magħluq minħabba r-*refurbishment* li qed isir fil-*premises* tal-KDŻ. Dan għandu jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku fil-bidu tas-sena akkademika li jmiss.

Bħala *follow-up* tal-kampanja "Lejn Ħajja Sesswali Isbaħ", li saret fl-2006, jiġi ppubblikat ktejjeb b'artikli fuq it-temi trattati fil-Kampanja. Dan il-ktejjeb se jkun immirat prinċipalment għall-għalliema, ġenituri u operaturi pastorali li jaħdmu fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Jinħadem ukoll *resource pack* għall-għalliema mill-Forms I sa V, li jinkludi fih skemi ta' laqgħat. Isir ukoll manwal għall-ġenituri li għandhom it-tfal ta' din l-età biex ikunu jafu iktar kif jittrattaw is-suġġett tas-sesswalità ta' wliedhom.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ)*
Qed issir il-preparazzjoni meħtieġa biex il-ktejjeb ikun wieħed mis-sensiela ta' Klabb Qari Nisrani. Rigward ir-*resource pack, s*aret laqgħa mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u beda x-xogħol fuq dan.
Issir reviżjoni tal-kontenut u tal-forma tar-rivista *Mill-KDŻ*, wara li tkun tlestiet ir-riċerka fuq it-tendenzi reliġjużi taż-żgħażagħ.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ)*
Din ir-reviżjoni ma setgħetx issir minħabba li r-riċerka għadha ma saritx.

Isir Forum taż-żgħażagħ, li jkun jinkludi rappreżentanti minn: KPAŻ tal-parroċċi, l-għaqdiet u l-movimenti nazzjonali, il-*pastoral teams* u ċ-*Chaplaincies* fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji, u l-ordnijiet reliġjużi.
*(Kumm Djoċ Żgażagħ, flimkien ma' l-entijiet imsemmija)*

Minkejja li dan il-forum għadu mhux imwaqqaf b'mod uffiċjali, il-laqgħat ta' konsultazzjoni rigward diversi inizjattivi tal-KDŻ kif ukoll dwar iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesana, qegħdin isiru ma' rappreżentanti ta' l-entijiet kollha msemmija hawn fuq. L-attendenza qed tkun waħda pożittiva.

Isir proġett pilota fuq bażi sperimentali għall-parroċċi fl-unità 10 (Sliema u Balluta), fejn iċ-ċentru tas-Salezjani jkollu r-responsabbilta' tal-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u jħejji wkoll iż-żgħażagħ għal aktar impenn fil-parroċċi rispettivi tagħhom. Il-ħidma tkun koordinata minn *youth minister* f'isem il-KDŻ.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Sależjani, Parroċċi unità 10)*

Is-Sależjani ntalbu jagħmlu pjan pastorali li għandu jiġi studjat flimkien mal-Kappillani ta' l-10 distrett. Il-Kappillani intalbu jibagħtu ismijiet ta' persuni li jistgħu jiffurmaw parti mill-Kummissjoni. Daħlu żewġ ismijiet.

B'koordinament mas-Segretarjat Katekeżi, isiru żjarat fil-parroċċi, b'mod li l-KDŻ tibqa' sensittiva għall-ħtiġijiet pastorali fil-parroċċi u tgħin għat-twettiq ta' dak li hu mitlub mis-Sinodu għall-pastorali taż-żgħażagħ; u biex jinbena sens ta' koordinazzjoni bejn parroċċi ta' l-istess unità.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, Segretarjat Katekeżi, Parroċċi)*

Inbeda xi xogħol u matul is-sena d-dieħla dan jitkompla u jkompli jinbena.

Issir ħidma biex iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani fejn jieħdu sehem iż-żgħażagħ ikunu ċelebrazzjoni ta' mixja li jkunu għamlu matul is-sena liturġika. Din il-mixja tkun mibnija fuq it-tema li l-Papa jagħżel għas-sena u li minnha joħorġu numru ta' valuri li fuqhom issir katekeżi maż-żgħażagħ.

*(Kumm Djoċ Żgħażagħ)*
Din il-mixja tfasslet u bħalissa qed issir ħidma biex titwettaq. L-Arċisqof ser jagħti bidu għal din il-mixja fl-attività li ser issir dak in-nhar ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.
Il-KDŻ tikkoordina serje ta' attivitajiet preparatorji għaż-żgħażagħ Maltin li jixtiequ jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Sydney, l-Awstralja, fl-2008.
*(Kumm Djoċ Żgħażagħ, flimkien ma' għaqdiet u movimenti taż-żgħażagħ)*
Bħalissa qed isiru numru ta' laqgħat informattivi għal dawk iż-żgħażagħ li huma mħajrin jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u wkoll xi attivitajiet oħrajn. L-Arċisqof innifsu se jmexxi dan il-grupp ta' żgħażagħ. Meta l-grupp ta' dawk li se jmorru għall-WYD jiġi ffurmat, jibdew ukoll isiru numru ta' laqgħat formattivi. Qed issir ukoll ħafna ħidma mill-komunitajiet Maltin li jinsabu ġewwa Melbourne u Sydney u li ser ikunu l-*host families* tal-grupp meta jkun l-Awstralja.

**Impenji partikulari biex jitwettaq l-għan**

Tingħata attenzjoni speċjali lill-familja permezz tal-ħidma mat-tfal u l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fl-iskejjel u l-kateżi fil-parroċċi.
*(Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù)*
Dan qed isir, u miegħu hemm ukoll attenzjoni partikulari lit-tfal ġejjin minn familji bi problemi jew li huma stess ikunu sofrew xi tip ta' abbuż.

Issir ħidma mal-familji fil-parroċċi, speċjalment ma' dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' mard, ulied f'diffikulta', u problemi oħra.
*(Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija)*
Dan qed isir, speċjalment permezz ta' żjarat fil-familji lil nies li għaddejjin minn tbatija – nies waħedhom, familji bi problemi, morda; u *professional pastoral counselling* man-nies li jabbużaw mid-droga u l-alkoħol u l-familji tagħhom.

Fl-iskejjel tingħata attenzjoni partikulari lir-rabta fl-edukazzjoni ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ mal-familji tagħhom. Fi skola minnhom se tkun diskussa *Parental Involvement Policy*.

*(Skejjel St Joseph, Skejjel Santa Monika)*
Qed tingħata din l-attenzjoni, b'inizjattivi ta' formazzjoni, bħal seminar fuq l-internet bis-sehem ta' l-istudenti u l-ġenituri flimkien.

Ikun hemm opportunitajiet ta' irtiri fis-silenzju għaż-żgħażagħ.
*(Ignatian Youth Network)*
Saru diversi rtiri fis-silenzju għaż-żgħazagħ is-sena li għaddiet u dawn ser jibqgħu jsiru s-sena li ġejja.

Ikun hemm opportunitajiet varji għaż-żgħażagħ biex jagħmlu xogħol volontarju f'Malta u barra minn Malta – l-Eġittu, l-Etjopja, l-Alġerija u Cottolengo.
*(Chaplaincy Università)*
Din is-sena reġa' kien hemm opportunitajiet għall-gruppi ta' żgħażagħ biex jagħmlu xogħol volontarju fl-Eġittu, l-Etopja, Cottolengo, Bari u Lourdes. Hu ttamat li s-sena li ġejja jerġa' jkun hemm l-istess opportunitajiet.

Iż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tikkonsolida u ssaħħaħ iċ-ċentri tagħha u tiftaħ ċentri ġodda, filwaqt li tgħin biex aktar żgħażagħ jirċievu taħriġ li jippreparahom għal ħidma f'dan il-qasam b'viżjoni nisranija.
*(Żgħażagħ Azzjoni Kattolika)*
Din il-ħidma saret matul 2007. Saret enfasi fuq taħriġ għal mexxejja ġodda taċ-ċentri.

Is-*Salesian Pastoral Youth Service* jorganizza diversi seminars ta' formazzjoni umana miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ.
*(Salesian Pastoral Youth Service)*
L-SPYS tellgħet diversi seminars ta' formazzjoni umana matul is-sena. Ilkoll kellhom attendenza numeruża ta' żgħażagħ u ta' nies impenjati f' dan il-qasam. Din is-sena wkoll, l-iSPYS fasslet l-iSPYS.INT li qed tagħti aktar appoġġ lil żgħażagħ li jkunu jixtiequ jagħmlu esperjenza missjunarja. Din is-sena fil-fatt, bħas-sena li għaddiet, reġgħu marru grupp ta' żgħażagħ l-Indja.

Ikun hemm laqgħat regolari ta' formazzjoni għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

*(Museum, Parroċċi, Youth Fellowship)*
Komplew il-laqgħat regolari ta' formazzjoni tal-Museum. Il-Youth Fellowship komplew il-korsijiet *Keep the Fire, Acquire the Fire, Discipleship Training Programme, People of Purpose, Searchlight* – kollha bil-għan li jilħqu kategoriji differenti ta' adolexxenti u żgħażagħ.

Tkompli l-ħidma ta' evanġelizzazzjoni fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fl-iskejjel permezz ta' ACTS *School of Mission.*
*(Youth Fellowship)*
Din is-sena ACTS komplew b'ħidma ta' evanġelizazzjoni fl-iskejjel ma' mijiet ta' studenti żgħażagħ fil-Form 4, 5 u 6th Forms. Permezz ta' *video-presentations*, diskussjonijiet, testimonjanzi u mużika kontemporanja, il-membri ta' ACTS ħadmu biex, b'mod dinamiku, jaqsmu ma' l-istudenti l-messaġġ ta' l-imħabba ta' Ġesù.

## TLIET DOKUMENTI

**Dokument *Lejn Knisja dejjem aktar inklużiva***
Id-dokument dwar il-Knisja u l-persuni b'diżabilità, bl-isem *Lejn Knisja dejjem aktar inklużiva*, ġie approvat mill-Arċisqof bħala dokument tal-Knisja f'Malta, u kien ippubblikat fit-3 ta' Diċembru 2006. Fih diversi proposti ta' azzjoni. Il-Kummissjoni Persuni b'diżabilità tkun responsabbli biex taħdem għat-twettiq ta' dawn il-proposti fis-sentejn li ġejjin.

Il-Kummissjoni fasslet pjan biex ikun hemm għarfien akbar fil-Knisja f'Malta ta' dan id-dokument li juri l-*policy* tal-Knisja f'dan il-qasam. Hi ppjanata ħidma fost l-operaturi pastorali tal-parroċċi għal dan il-għan.

**Dokument dwar il-ħajja konsagrata**
Id-dokument dwar il-ħajja konsagrata se jinħadem fis-sentejn li ġejjin. Qed jitħejja Kungress għall-persuni ta' ħajja konsagrata, li jkun il-bidu tal-proċess biex jinħadem id-dokument. Responsabbli biex jinħadem dan id-dokument se jkun il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri ReliġjuΩi (KSMR), flimkien mad-delegat ta' l-Arċisqof għall-membri ta' l-istituti ta' ħajja konsagrata.

Il-KSMR se torganizza Kungress għall-Persuni ta' Ħajja Konsagrata matul Marzu u April 2008. Id-dokument se jinkiteb bħala *follow-up* ta' dan il-Kungress.

**Dokument dwar il-Knisja u l-edukazzjoni**
Id-dokument dwar il-Knisja u l-qasam ta' l-edukazzjoni se jibda jin]adem wara ristrutturar li jkun hemm fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni.

Għad trid issir il-ħidma fuq dan id-dokument.

# Kummissjoni Ambjent Arċidjoċesi ta' Malta
# OPINJONI DWAR RIŻORSI AMBJENTALI

## 1. Daħla

Qed ngħixu fi gżejjer ċkejkna b'densità ta' popolazzjoni li hi fost l-ogħla fid-dinja u b'limitazzjonijiet kbar ta' riżorsi naturali. Intant l-imġieba ta' xi wħud minna, l-argumenti li spiss nisimgħu u l-proġetti li naraw proposti jew imwettqa, spiss jikxfu mentalità li donnu Malta hi xi kontinent bla qies fejn ir-riżorsi naturali u ambjentali huma bla limitu. Forsi ħafna mill-problemi ambjentali li qed nippruvaw negħlbu bħalissa u li qed jipperikolaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-gżejjer tagħna, huma frott ta' din il-mentalità.

Mentalità bħal din għamlet u għadha tagħmel ħafna ħsara għax, minħabba li r-riżorsi naturali tagħna huma limitati, dak li qed jinqered spiss qed jintilef darba għal dejjem. Aktar ma jgħaddi ż-żmien pajjiżna qiegħed kull ma jmur jiftaqar għax ir-riżorsi ambjentali tiegħu, li huma l-qofol ta' kull żvilupp ekonomiku u soċjali, qed jitnaqqru ftit ftit, kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità. Sfortunatament mhux kulħadd hu konxju mid-dimensjoni ta' din it-telfa u għalhekk mhux kulħadd iħoss il-ħtieġa li jwaqqaf din il-qerda.

L-opinjonijiet li l-Kummissjoni Ambjent ippubblikat, minn żmien għal żmien matul dawn l-aħħar tlett snin, kienu intenzjonati li jissensibilizzaw lill-poplu għal din ir-realtà u l-urġenza li jsir xi ħaġa qabel ma jkun tard wisq. B'mod ċar u riċerkat, dawn l-opinjonijiet fittxew li jippreżentaw il-fatti kif inhuma filwaqt li joffru riflessjoni nisranija dwar kif min jemmen għandu b'għażla deċiżiva' jġib ruħu quddiem id-diversi kwistjonijiet ambjentali f'pajjiżna.

Madanakollu dawn ir-riflessjonijiet mhux dejjem intlaqgħu tajjeb speċjalment minn dawk li jippreferu li l-Knisja toqgħod kwieta u ma titkellimx fuq kwistjonijiet ambjentali. Għad hawn min jippreferi jisfrutta r-riżorsi ambjentali bl-addoċċ bla ma ħadd jindaħallu jew ifakkru fir-responsabbiltà li għandu bħala nisrani li jindokra l-ħolqien li Alla fdalu f'idejh. Hawn min iħossu skomdu li jdaħħal lil Kristu u l-valuri evanġeliċi

fil-kwistjonijiet ambjentali, u jipprova jnaqqas jew jgħatti l-gravità tal-problemi ambjentali li qed niffaċċjaw jew (kif kien irrapurtat minn xi sezzjonijiet ta' l-istampa) saħansitra jgħid li dawn il-kwistjonijiet qed jaljenaw lin-nies mill-messaġġ Kristjan.

Imma l-Papa Benedettu XVI mhux ta' l-istess opinjoni. Anzi, fil-laqgħa li kellu f'Loretu fil-bidu ta' Settembru, reġa saħaq fuq ir-responsabbiltà ambjentali tan-nisrani. Aktar milli ħmerijiet jew ideoloġiji tan-*new age*, dan il-qawmien ekoloġiku fi ħdan il-Knisja qed ikun mezz tanġibbli kif in-nisrani jista' juri bil-fatti mħabbtu lejn min hu batut, lejn il-marid, lejn il-fqir u lejn il-ġenerazzjonijiet ta' għada. Din hi l-konvinzjoni tal-Kummissjoni Ambjent.

Tajjeb li naraw dan it-tagħlim fid-dawl tal-pjan ta' Alla għalina u l-mixja tagħna lejH. Alla ħalaq lill-bniedem xbieha tiegħu u jqiegħed lil kull bniedem f'kuntest storiku partikulari – jiġifieri il-bniedem qed jgħix fiż-żmien (minn meta jitwieled 'l quddiem) u fl-ispazju (fil-post jew ambjent li fih jgħix). Għalhekk il-bniedem irid ikun xbieha u xhud ta' Alla kemm fiż-żmien (matul ħajtu kollha) u kemm fl-ispazju (ikun fejn ikun). In-nisrani jimmatura aktar ma jagħraf, iħobb u jqim il-preżenza ta' Alla f'dawk ta' madwaru u l-ħolqien kollu.

Għalhekk in-nisrani ma jistax jgħix fl-imgħoddi – marbut u mxekkel minn tradizzjonijiet u stili ta' ħajja li ma jħalluhx jimmatura fir-relazzjoni tiegħu mal-Ħallieq u mal-ħolqien tiegħu. Ċentrali f'dan l-argument hi l-importanza ta' l-edukazzjoni u l-formazzjoni. Hu permezz ta' l-edukazzjoni sħiħa li n-nisrani jikseb l-għerf, l-abbiltajiet, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa għall-formazzjoni tiegħu nnifsu. Dawn jgħinu sabiex, quddiem xi kwistjoni ambjentali, in-nisrani jifhem x'qiegħed jiġri, ikun kritiku dwar u jevalwa s-sitwazzjoni, u jieħu deċiżjonijiet li jirrespettaw il-ġid komuni – u mhux l-interess tiegħu biss.

Kien għalhekk li l-Kummissjoni Ambjent, għal darb'oħra impenjat ruħha li tħejji din l-opinjoni fuq tliet riżorsi ambjentali ewlenin tal-gżejjer Maltin. Din l-opinjoni toffri riflessjoni dwar l-art u l-użu tagħha, dwar il-bijodiversità, u dwar l-ilma tax-xorb. Il-Kummissjoni tħoss li għandha ssemma' leħinha dwar dawn il-kwistjonijiet għaliex matul dawn l-aħħar

snin, minħabba l-isfruttar bla rażan ta' dawn ir-riżorsi, diġa' tlifna wisq minnhom ... u minflok nibżgħu għal dak li baqgħalna qed inkomplu nisfruttawhom bħallikieku mhumiex ser jispiċċaw qatt. Aħna aktar minn konxji li hemm riżorsi ambjentali oħra li jixirqilhom l-attenzjoni tagħna, iżda dawn ser ikunu kkunsidrati f'dokumenti oħra ppjanati għall-ġejjieni.

## 2. In-nisrani u r-responsabbiltà ambjentali

Meta Alla ħalaq id-dinja għoġbu jsawwarha b'mod li l-ħafna komponenti tal-ħolqien jiddependu minn xulxin u jinfluwenzaw lil xulxin. Magħġuna fin-natura hemm mezzi li bihom jinżamm bilanċ bejn dawn l-elementi kollha (eż. l-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-pjanti u l-annimali) ħalli l-ħajja fuq din il-pjaneta tkompli tiżviluppa. Fir-rakkont tal-Ġenesi, Alla l-Ħallieq jafda din l-armonija f'idejn il-bniedem li, għax maħluq fuq xbieha Tiegħu, jista' jkompli (bid-dehen li tah Alla u f'għaqda intima miegħu) l-iżvilupp tal-Ħolqien (ara Ġen 2:15).

Imma l-bniedem inġarr mill-ġibdiet u r-rebgħa għall-ġid tal-ħolqien u s-suppervja u wasal biex mar kontra dak li tgħidlu r-raġuni[1]. Bid-dnub il-bniedem għażel li jagħmel ħerba u jisfrutta l-ħolqien minflok li jaħdem f'armonija m'Alla biex *iġedded wiċċ l-art* (Salm 104:30). Permezz tad-dnub, il-bniedem wasal biex jassar lilu nnifsu, lil ħutu u l-ħolqien kollu. Imma Alla tant ħabb lid-dinja li ma ħallihiex tinqered u bagħat lil Ibnu l-Waħdieni biex jifdiha (Ġw 3:16) u jerġa' jistabilixxi dik l-armonija fil-ħolqien li kien fassal fil-bidu (Rum 8:18-23).

In-nisrani huwa msejjaħ sabiex jieħu bis-serjetà l-impenn li tah Alla – dak ta' amministratur tal-ħolqien – ħalli d-dinja terġa' ssir dar xierqa għal ulied Alla: dar fejn il-bniedem jgħix f'armonija mal-Ħlejjaq; dar li fiha hemm riżorsi għal kulħadd; dar li fiha ħadd ma jbati l-ġuħ u l-faqar; dar li fiha ssaltan il-ġustizzja u l-paċi. L-għażla ta' ħajja mibnija fuq il-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli hi att tanġibbli u – fil-kuntest tad-dinja tal-lum – kuraġġuż ta' mħabba li n-nisrani jagħżel li jagħmel lejn Alla, lejn ħutu u lejn il-ħolqien.

Kif stqarrejna diversi drabi f'dokumenti bħal dan, għall-Kummissjoni l-iżvilupp sostenibbli:

> "... *hu żvilupp li jissodisfa il-bżonnijiet tal-lum mingħajr ma jikkomprometti l-possibiltà li l-ġenerazzjonijiet futuri jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.*"[1]

Bi żvilupp nifhmu bidla għall-aħjar li tissarraf fi stabbiltà akbar għall-komunità tal-ħajja ta' din il-pjaneta fraġli tagħna. Dan iwassal għal żieda fil-ġid komuni li jkun jista' jitgawda minn kulħadd – mhux biss mill-bniedem imma minn kull komponent tan-nisġa tal-ħajja. Jekk xi bidla ma tissarrafx f'dawn il-kwalitajiet, allura mhix żvilupp. Għalhekk l-Kummissjoni temmen li ma jistax ikun hemm żvilupp tassew jekk dan ma jkunx sostenibbli.

Żvilupp sostenibbli hu żvilupp li jsib bilanċ bejn u jissodisfa l-bżonnijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-pajjiż. Kull argument li jipprova jindirizza bżonn partikolari u jitraskura l-oħrajn hu argument fjakk u perikoluż. Għalhekk daqskemm ma jagħmilx sens li titkellem fuq protezzjoni ambjentali akkost ta' kollox jew favur żvilupp li ma jġibx miegħu l-ebda piż soċjali; daqshekk ieħor huma fjakki u perikolużi argumenti favur żvilupp ekonomiku li ma jirrispettax il-bżonnijiet soċjali u ambjentali tal-pajjiż. Sabiex pajjiżna jkun sostenibbli jeħtieġ bidla fl-istil ta' ħajja li ngħixu: fil-mod kif naħsbu, fil-mod kif nikkunsmaw ir-riżorsi, fil-mod kif nippjanaw il-ġejjieni tagħna ... kif ukoll fid-drawwiet u l-użanzi tagħna.

Argumenti favur żvilupp bla limiti huma spiss il-frott ta' mentalità li ma tirrealizzax li minħabba li qed ngħixu f'nisġa kkumplikata ta' interazzjonijiet, kull azzjoni tagħna għandha l-limiti tagħha u ma tistax issir f'isolament mill-impatt li tħalli fuq aspetti oħra tal-ħajja. Fuq skala globali, hija din il-mentalità li wasslet għal ħafna mit-tħarbit – u f'xi nħawi wkoll saħansitra l-qerda – fis-sistemi naturali tal-pjaneta tagħna li qed jissarfu f'tibdil tal-klima, qerda bl-addoċċ tal-bijodiversità, konsum bla

[1] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, L-Ewwel Parti, It-Tieni Sezzjoni: L-Istqarrija tal-Fidi Nisranija, 1, 1, 6, 4, 377

rażan tar-riżorsi, żieda fl-inċidenza ta' mard ikkawżat mit-tniġġiż, nuqqas ta' ġustizzja soċjali u żbilanċ fit-tqassim tal-ġid. F'kull kas issib eżempji kif ir-regħba u l-egoiżmu ta' xi wħud (kemm fuq livell individwali u kemm dak kollettiv) tefa' lil ħaddieħor fil-miżerja. Filwaqt li jkun hemm min qed igawdi minn dan l-iżbilanċ ikun hemm ħaddieħor li qed ibati. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan imur kontra l-ordni tal-ħolqien u allura kontra r-rieda t'Alla l-Ħallieq u Missier ta' kulħadd ... u għalhekk l-ebda nisrani ma jista' jibqa' indifferenti għal dan kollu[2].

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika hu ċar dwar dan:

"*Is-seba' kmandament jitlob li tkun rispettata s-sħuħija jew l-integrità tal-ħolqien. L-annimali, il-pjanti, u l-ħlejjaq bla ħajja ġew naturalment destinati minn Alla għall-ġid tal-bnedmin kollha ta' l-imgħoddi, ta' issa u tal-ġejjieni (ara Ġen 1,28-31). L-użu tar-riżorsi minerali, veġetali u annimali ta' l-univers ma għandux jinfired minn dak li titlob il-morali. Il-ħakma li l-Ħallieq ta lill-bnedmin fuq il-ħlejjaq bla ħajja u fuq il-ħlejjaq ħajja kollha m'hijiex ħakma assoluta; għandha tiġi rregolata minn kemm nieħdu ħsieb il-kwalità tal-ħajja tal-proxxmu tagħna, ukoll dawk li għad iridu jiġu fid-dinja; titlob rispett reliġjuż għall-integrità tal-ħolqien kollu.*"[3]

Ħafna aktar minn qatt qabel, il-Knisja trid tkun sinjal ċar u kuraġġuż għaż-żminijiet tal-lum fejn l-iskala ta' valuri tħawdet u ħafna qed ifasslu twemminhom fuq dak li jħossu huma minflok fuq il-prinċipji evanġeliċi. Bl-interess sinċier li għandha fl-iżvilupp tal-bniedem sħiħ – għax fih tara xbieha tal-Ħallieq – il-Knisja tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex issib l-bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli: l-ambjent, is-soċjetà u l-ekonomija. Il-Knisja hi msejħa tkun id-dawl tad-dinja (Mt 5:14) u jeħtiġilha tkun aktar għaqlija minn ulied id-dlam (Lq 16:8) ħalli ma tinqabadx hi wkoll fix-xbieki fini tal-ħażen. Fuq livell globali il-Knisja Kattolika qed tkun sinjal veru għal żminijietna f'dan il-qasam[4].

---

[2] World Commission on Environment and Development (1987). *Our Common Future*. Oxford: Oxford University Press, p.43

[3] John Paul II (1990) *Peace with God the Creator, Peace with all of Creation*. Message of his Holiness for the celebration of the World Day of Peace. 1 January 1990.

[4] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, It-Tielet Parti, It-Tieni Sezzjoni: L-Għaxar Kmandamenti, 2, 7, 2, 2415.

Madanakollu, l-Kummissjoni Ambjent tħoss li dan mhux dejjem jista' jingħad għall-membri kollha tal-Knisja lokali. Filwaqt li fuq livell uffiċċjali l-Knisja diġà għamlet passi fid-direzzjoni t-tajba, xorta waħda għad fadal xi wħud f'kull livell tal-Knisja li għalihom r-responsabbiltà ambjentali qegħdha l-isfel ħafna fl-iskala tal-valuri tagħhom. Infatti r-riflessjonijiet f'din l-opinjoni qed nagħmluhom sabiex iservu, l-ewwel u qabel kollox, ta' riflessjoni awtokritika ta' l-imġieba ta' xi membri tal-Knisja f'Malta.

## 3. L-art

Il-fatt li Alla ħalaq id-dinja sabiex igawdi minnha kulħadd ma tneħħix id-dritt għall-proprjetà privata; madankollu tpoġġi fuq is-sidien ta' dan il-ġid ir-responsabbiltà li jaqsmu mill-ġid li Alla pprovdielhom ma' min m'għandux[5]. Kien għalhekk li fil-Liġi ta' Mosè kien hemm provvedimenti sabiex meta l-għonja jitbierku bil-ġid jiftakru fil-foqra, fil-morda u fil-barranin.

> "*Il-bniedem huwa u jagħmel użu mill-ġid ta' l-art ma għandux iqis li l-ġid li għandu huwa tiegħu biss, imma huwa wkoll ta' kulħadd fis-sens li jista' jgawdi minnu mhux hu biss imma oħrajn ukoll.*"[6]

L-art li Alla pprovdilna mhix riżorsa ambjentali rinnovabbli għalhekk meta biċċa art naturali tintuża għal xi skop partikolari, diffiċli jirnexxilek iġġibha lura għall-istat oriġinali tagħha. Din hi r-raġuni għaliex jinqalgħu kwistjonijiet kbar kull meta xi biċċa mill-ftit art naturali u mhux żviluppata li għad fadlilna f'dawn il-gżejjer tkun indikata għal xi żvilupp.

Qabel l-1988 it-telf ta' l-art għall-iżvilupp kien wieħed sostanzjali u bla kontroll. Dan kien minħabba diversi raġunijiet, fosthom l-iżvilupp mgħaġġel fl-ekonomija tal-pajjiż li għolla l-aspettattivi taċ-ċittadini li

[5] Grech, K. (2006) Is-sehem tal-Knisja f'fora internazjonali dwar l-ambjent. F' Pace, P. (ed) *L-Ambjent: Dar waħda ... ta' Familja waħda... ta' Missier wieħed.* Kummissjoni Ambjent, Arċidjoċesi ta' Malta - Malta.

[6] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, It-Tielet Parti, It-Tieni Sezzjoni: L-Għaxar Kmandamenti, 2, 7, 1, 2402-2403.

ssarfu fil-bini ta' residenzi privati spiss ta' daqs esaġerat. Iżda t-telf ta' l-art kien qiegħed iseħħ ukoll minħabba żvilupp bla kontroll fil-qasam turistiku u dak industrijali. Kien jidher ċar li dan it-telf ta' art ma kienx wieħed sostenibbli u li kieku konna ser nibqgħu sejrin b'din ir-rata l-gżejjer tagħna kienu ser jispiċċaw belt waħda ta' binjiet fuq xulxin min tarf sa tarf.

F'attentat sabiex titwaqqaf ir-rankatura ta' dan l-iżvilupp mhux sostenibbli, fl-1988 inħolqot it-Temporary Provisions Scheme (TPS) sabiex ikunu identifikati żoni fejn stajna niżviluppaw u żoni (Outside Development Zones, ODZ) fejn ma stajniex. Bla dubju ta' xejn, din l-inizjattiva rnexxielha tnaqqas ir-rata tat-telf ta' l-art naturali meta tqis dak li kien sar qabel l-1988. Iżda, wieħed jistaqsi: dawn il-miżuri kienu biżżejjed biex jiżguraw l-użu sostenibbli ta' l-art?

Skond il-MEPA[7], l-art mibnija fit-TPS żdiedet min 15.4% ta' l-art kollha ta' dawn il-gżejjer fl-1988, għal 16.9% fl-2004 (dawn il-figuri ma jinkludux żviluppi li seħħew fl-ODZs). Ċertament li hemm diversi fatturi soċjo-ekonomiċi li qed iwasslu għal din is-sitwazzjoni kif indikati mill-istess MEPA: densità għolja ta' popolazzjoni, użu mhux għaqli ta' binjiet, postijiet diġà eżistenti li mhux użati, il-valur għoli ta' investiment fil-bini, u ċerti żviluppi fit-trasport u l-mobilità tan-nies. Sadanittant il-pajsaġġ Malti qed ikompli jitgħarraq b'dan l-iżvilupp ta' l-art. Skond il-MEPA[8], hemm indikazzjonijiet li ċerti żviluppi li tħallew iseħħu f'inħawi rurali ma kienux skond il-*policies*.

L-estensjonijiet taż-żoni għall-iżvilupp li kienu approvati mill-parlament is-sena l-oħra, kienu maħsubin sabiex jirregolarizzaw anomaliji li nħolqu bl-introduzzjoni tat-TPS fl-1988. Filwaqt li l-Kummissjoni Ambjent fehmet il-bżonn li jkunu indirizzati l-anomaliji li kien hemm, ħasset li fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat tat-tibdil propost kien ser jissarraf f'aktar tnaqqir tar-riżorsi ambjentali u naturali ta' pajjiżna. Kien għalhekk li l-Kummissjoni ma qablitx mal-linji ġenerali tal-proposta[9]. Dakinhar, il-

---

[7] Konċilju Vatikan II. *Gaudium et Spes,* 69.
[8] MEPA. (2005) State of the Environment Report 2005.
[9] MEPA (2005). State of the Environment Report 2005. Sub-report 4: Land.

Kummissjoni argumentat li l-użu sostenibbli ta' l-art jitlob li l-ewwel isir użu aħjar mill-ħafna bini vakant li hemm fiż-żoni ta' l-iżvilupp preżenti qabel ma nduru għal art ġdida. Kulħadd jiftakar fil-kontroversja taħraq li kienet qajmet din il-kwistjoni għax ħafna fehmu li ma nistgħux inkomplu nitilfu art għall-iżvilupp – għall-ebda raġuni, anke jekk tkun l-istess liġi li tippermettilek tagħmel dan.

Il-liġijiet tal-pajjiż huma maħsuba sabiex jipproteġu l-ġid komuni ... iżda l-esperjenza uriet li minħabba diversi raġunijiet dan mhux dejjem iseħħ. Il-liġijiet huma riżultat ta' proċess li matulu l-awtoritajiet jinterpretaw ix-xewqat u l-bżonnijiet tal-poplu u b'hekk jinħolqu normi sabiex is-soċjetà tiffunzjona aħjar. Nifhmu wkoll illi l-liġijiet iridu jkunu ġusti u mnebbħin mill-ġid komuni. Dan huwa xieraq u ġust għax b'hekk niżguraw li jkollna soċjetà li fiha hemm rispett lejn id-drittijiet taċ-ċittadini.

Iżda, speċjalment għalina l-insara, ħajjietna huma regolati mhux biss mil-liġijiet imma wkoll minn kuxjenza ffurmata u responsabblità personali li jwassluna sabiex immorru pass aktar 'l quddiem mil-liġi. Għalina l-insara dan il-pass ġej mill-imħabba nisranija lejn il-proxxmu. Meta timxi skond il-liġi qed tagħmel dak li hu mistenni minnek bħala ċittadin, meta lest li tiċċaħħad minn drittijietek biex tħobb lill-proxxmu tiegħek qed tgħix l-Evanġelu: "*U jekk xi ħadd iġgħalek timxi mil wieħed, mur miegħu tnejn.*" (Mt 5:41).

Fuq l-iskala tal-valuri l-osservanza tal-liġi hi biss l-ewwel pass. Imma li tkun lest li tinsa drittijietek għall-ġid komuni – dak hu pass erojku simili għal dak li għamel Ġesù li "... *għad li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla*" (Fil 2:6). Din hi l-perfezzjoni fl-osservanza tal-liġi li Ġesù talab mid-dixxipli tiegħu (Mt 5:17). Dan hu prinċipju bażiku fit-tagħlim tal-Knisja ... imma sfortunatament xi uħud fi ħdanha mhux dejjem kienu lesti li japplikaw l-istess prinċipji fejn jidħlu kwistjonijiet ambjentali. Kien għalhekk li l-Kummissjoni appellat lil dawk kollha li setgħu kienu nvoluti fit-tkabbir tal-konfini sabiex ipoġġu l-ġid komuni u l-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna bħala l-ewwel prijorità. Il-Kummissjoni kienet temmet l-istqarrija tagħha hekk:

> *"Min jaf kieku s-sidien ta' l-art jagħżlu li ma jagħtux lil arthom għall-bini b'ġest ta' responsabbiltà u impenn ambjentali lejn pajjiżhom? Dan jista' jkun il-bidu ta' skema nazzjonali (bħalma jsir f'ċerti pajjiżi) li fiha l-individwi jew organizzazzjonijiet jew kunsilli lokali jew il-gvern jew anke żviluppaturi jixtru jew joffru art li titħalla bla mittiefsa għall-ġenerazzjonijiet futuri.*
>
> *Il-Kummissjoni qed tagħmel dan l-appell b'impenn u b'responsabbiltà kbira ... aktar u aktar meta hi konxja li t-tibdiliet fil-konfini jinvolvu lil xi organizzazzjonijiet u entitatjiet fi ħdan il-Knisja. Il-Kummissjoni tappella lil dawn sabiex ikunu minn ta' quddiem biex jagħtu xhieda tal-valuri evanġeliċi fil-prattika. Dan ikun l-aqwa xhieda u l-aktar ħidma pastorali effettiva li nistgħu nwettqu ... u l-impatt idum ħafna aktar minn kull struttura tal-ġebel li nistgħu intellgħu."*[10]

Sfortunatament dan l-appell ma ħalliex l-effett mistenni. Jidher ċar li għad fadlilna ħafna sabiex kemm bħala ċittadini, u aktar bħala nsara, nibdew niskopru kemm verament teżisti rabta bejn il-fidi tagħna u r-responsabblità ambjentali tagħna. L-għarfien ta' din ir-realtà jeħtieġ li tilħaq lill-poplu imma aktar u aktar lill-membri tal-Knisja: partikularjament qassisin u reliġjużi li (kif intwera biċ-ċar mill-ittri li dehru fl-istampa dan l-aħħar) permezz ta' l-eżempju tagħhom fil-mod kif jużaw dawn ir-riżorsi jistgħu jagħmlu ħafna ġid jew ħafna deni.

Eżempju dwar kif l-użu mhux sostenibbli ta' l-art qed ikollu impatt negattiv fuq in-nisġa soċjali ta' pajjiżna ħareġ biċ-ċar fl-istqarrija li għamlet il-Kummissjoni Djoċesana Ġustizzja u Paċi dwar "Djar u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu"[11]. L-istqarrija tikkwota statistika li turi li minn Jannar 2004 'l hawn il-prezzijiet tax-xiri ta' appartamenti u

[10] Kummissjoni Ambjent (2006). *Stqarrija dwar it-tibdil fil-konfini ta' l-iżvilupp.* http://www.maltachurch.org.mt/Press/2006/AMBJENT-KONFINI_062.pdf
[11] *Ibid.*

*maisonettes* żdied b'56.5% u 48.6% rispettivament. L-istqarrija tkompli turi kif dawn il-prezzijiet esaġerati qed jissarfu f'piżijiet finanzjarji kbar għall-koppji żgħażagħ. Il-Kummissjoni Ambjent tħoss li l-għerq ta' din iż-żieda eċċessiva hi r-regħba ta' dawk li qed jinnegozjaw l-art – li jfittxu li jagħmlu profitt esaġerat akkost ta' kollox. Kemm ser indumu biex nindunaw li dan kollu ser jirnexxielu jdgħajjef lis-soċjetà Maltija għax qed isewwes is-sisien tagħha – il-familji? Ladarba donnu din l-industrija mhix kapaċi tirregola lilha nnifisha allura ma nistgħux inħallu ir-regoli tas-suq jiddeterminaw kollox u l-komunità politika għandha d-dmir li twieżen lill-familja billi, fost affarijiet oħra, tiżguralha d-dritt għad-dar[12].

Hawnhekk, il-Kummissjoni Ambjent tixtieq tieħu din l-opportunità sabiex tifraħ lill-awtoritajiet li dan l-aħħar iddeċidew li jtellgħu għall-approvazzjoni tal-parlament proposti għall-mezzi ġodda sabiex jitrażżan l-iżvilupp illegali ta' l-art. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni tappella lil kulħadd, iżda b'mod speċjali lill-membri tal-Knisja stess, sabiex jaddottaw prinċipji sostenibbli meta jaslu biex jiddeċiedu fuq xi proġett li jinvolvi l-użu ta' l-art ... kemm meta jbigħu l-art kif ukoll meta jiġu biex jagħmlu użu minnha.

Ħafna parroċċi jew ordnijiet reliġjużi spiss jiltaqgħu ma' din id-dilemma: fejn ser nibni postijiet għal skopijiet pastorali, soċjali, kulturali u edukattivi u kif ser inġib il-flus ħalli niffinanzja dawn il-progetti. Li tkun sostenibbli fl-aġir tiegħek mhix ħaġa awtomatika imma titlob għażliet diffiċli u modi differenti kif tieħu d-deċiżjonijiet. Kultant id-diffikultà tiġi minn kemm tkun qawwija l-pressjoni biex taġixxi bħas-soltu. Jekk trid tkun sostenibbli fl-għażliet tiegħek trid tagħmel kull sforz sabiex issib siti alternattivi fejn tindirizza l-bżonnijiet li għandek bl-użù ta' binjiet li diġa jeżistu u f'art diġa żviluppata. Minbarra dan, il-Kummissjoni tixtieq tappella lil min ibiegħ xi art biex jiffinanzja proġetti simili sabiex jagħmel dan b'responsabbiltà u jevita li l-art li jkun biegħ tispiċċa f'idejn l-ispekulaturi li jkomplu bl-isfruttar ta' l-art għad-detriment ambjentali u soċjali ta' pajjiżna.

---

[12] Kummissjoni Djoċesana Ġustizzja u Paċi (2007) *Djar u Ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu - Dokument b'riflessjonijiet dwar ġustizzja soċjali.* http://www.maltachurch.org.mt/Press/2007/2007-003_dokument.pdf

## 4. Il-Bijodiversità: ir-rikkezza tal-ħlejjaq

Skond it-tagħlim tal-Knisja l-bniedem, li hu maħluq fuq xbieha ta' Alla, hu l-qofol tal-Pjan ta' Alla. Alla żejjen lill-bniedem bid-dehen li jippermettilu jissieħeb mal-Ħallieq fit-tiġdid tal-ħolqien. Għall-Knisja dan ipoġġi lill-bniedem 'l fuq mill-bqija tal-ħlejjaq l-oħra – għalhekk Alla għamlu sid, jew aħjar amministratur, tal-ħolqien. Iżda fl-istess waqt hija din l-istess differenza li tgħabbi lill-bniedem b'piż li l-ebda ħlejqa oħra ma ġġorr – il-piż tar-responsabbiltà għall-aġir tiegħu.

Madanakollu din il-pożizzjoni ewlenija tal-bniedem fil-ħolqien spiss kienet interpretata ħażin u wasslet lil xi uħud sabiex jgħollu lill-bniedem 'l fuq min-natura – f'post li mhux tiegħu. Hawn min jemmen li, minħabba li hu sid il-ħolqien, l-bniedem jista' juża lin-natura kif jidhirlu hu u li l-ħolqien jeżisti biss sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Din il-mentalità wasslet sabiex fuq medda ta' snin (imma l-aktar f'dawn l-aħħar mitejn sena), bl-iskuża ta' l-iżvilupp, il-bniedem qered numru kbir ta' ħlejjaq, ħakem u ppersegwita diversi popli, irrovina ħafna ambjenti u niġġes l-arja, l-art, l-ilma u l-baħar. Il-bniedem ġab ruħu bħala amministratur ħażin li berbaq u ħassar il-wirt li Alla fdalu f'idejh. Id-dnub hu li dan l-isfreġju għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum.

Minbarra dan, xi uħud ma jirrealizzawx li d-diversi speċi ta' pjanti u annimali li ħalaq Alla – jiġifieri l-**bijodiversità** – huma riżors ambjentali importanti li spiss neħduh *'for granted'*. Fil-verita' din id-diversita' kollha ta' ħlejjaq, ta' karatteristiċi ġenetiċi, u ta' ekosistemi, tista' titnaqqar u tonqos, spiss b'dannu għall-istabilita' tan-nisġa tal-ħajja. Dawn il-ħlejjaq mhux biss jistgħu jkunu essenżjali għall-ikel jew għar-rikrejazzjoni tagħna, iżda wkoll huma essenzjali sabiex in-nisġa tal-ħolqien (l-ekosistema) tiffunzjona sew. Tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa dwar il-qagħda tal-bijodiversità fil-gżejjer tagħna.

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, il-gżejjer Maltin kienu (u sa ċertu punt għadhom) mogħnija b'bijodiversità rikka. Per eżempju, filwaqt li f'pajjiżna nsibu madwar 900 speċi ta' pjanta tal-fjuri jikbru b'mod naturali[13], fir-Renju Unit kollu (art li hi madwar 800 darba akbar

[13] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, It-Tielet Parti, It-Tieni Sezzjoni: L-Għaxar Kmandamenti, 3, 4, 2, 2212.

minn Malta) insibu madwar 2,000 speċi ta' fjuri biss. Il-bijodiversità hi wirt nazzjonali mportanti – daqs wirt kulturali u soċjali ieħor li għandna f'pajjiżna – li teħtieġ il-protezzjoni, speċjalment l-ispeċi endemiċi tagħna li huma uniċi fid-dinja.

Imma milli jidher il-poplu Malti għadu ma fehemx u mhux qed japprezza l-importanza tal-bijodiversità biżżejjed. Kif wieħed jista' jistenna, minħabba l-użu bl-addoċċ ta' art għall-bini u għal skopijiet oħra (eż. toroq u rikrejazzjoni), ċerti abitati naturali (jew aħjar, ċerti bijotipi) ta' pajjiżna, speċjalment dawk li nsibu fuq ix-xtut tagħna huma kollha mhedda bis-sħiħ. Fost dawn insibu l-isteppa, iż-żrieżaq tat-tafal, il-bwar u għadajjar ta' ilma salmastru u l-għaram tar-ramel. Nistgħu ngħidu li dawn l-istess abitati u oħrajn bħax-xagħri, il-makkja, il-widien, is-sisien u l-irdumijiet huma l-aħħar refuġju tal-bijodiversità tal-gżejjer tagħna.

Sabiex nipproteġu l-bijodiversità tagħna jeħtieġ qabel xejn nipproteġu l-abitati li fihom jgħixu l-annimali u l-pjanti tagħna. F'dan ir-rigward jidher li f'Malta għamilna pass fid-direzzjoni t-tajba biż-żieda ta' disgħa u tletin post fuq l-art u tlieta fil-baħar li kienu ddikjarati bħala postijiet speċjali għall-konservazzjoni. Minbarra dawn jeżistu wkoll inħawi oħra li huma protetti b'xi mod. Din ix-xejra għal żieda f'dawn l-inħawi protetti għandha tkun inkoraġġita u apprezzata aktar mill-pubbliku li għandu jara f'dawn l-inizjattivi attentati sabiex nipproteġu l-wirt naturali tagħna – għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni Ambjent tixtieq tħeġġeġ lill-awtoritajiet sabiex jiżguraw li dawn il-postijiet speċjali għall-konservazzjoni, ikunu mmaniġjati kif suppost. Dan jeħtieġ riżorsi li mhux dejjem ikunu disponibbli. Jenħtieġ li l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' dawn l-inħawi jkunu implimentati kif imiss u kif inhu xieraq.

Sfortunatament, ħafna mill-problemi li jwasslu għal telf ta' bijodiversità ġejjin min-nuqqas kbir ta' rispett lejn il-ħlejjaq ta' madwarna li ħafna drabi nqisuhom li qegħdin hemm biex jissodisfaw il-pjaċiri kollha tagħna. Allura jekk ħlejqa għandha valur ekonomiku spiss tispiċċa ppersegwitata bl-addoċċ – mingħajr ma nagħtu kas jekk hix adulta jew jekk hix qegħidha fl-istaġun li tirriproduċi jew jekk għadhiex ferħ – b'mod li

n-numri tagħha dejjem jonqsu sakemm tinqered għal kollox. Jekk il-ħlejqa m'għandhiex importanza diretta jew użu speċifiku għalina allura ninjorawha kompletament u ma nħabblux rasna jekk l-aġir tagħna jkollu impatt negattiv fuqha.

Mentalità bħal din tmur kontra r-responsabbiltà ambjentali li l-bniedem ingħata minn Alla. Dan hu r-raġunar supperv u egoist li sewa l-Ġenna ta' l-Art lill-bniedem u jekk inħarsu madwarna dan l-atteġġament (fuq livelli differenti) qed jeqred l-ambjent tal-gżejjer tagħna ... li faċilment jistgħu jkunu ġenna ta' l-art. Din il-mentalità diġà swietilna ħafna. Matul dawn l-aħħar snin tlifna darba għal dejjem madwar 110 speċi mill-gżejjer tagħna u diversi speċi partikulari, bħal ċerti gremxul, friefet il-lejl u mammiferi oħra, huma mhedda[14].

F'Malta, għandna diversi ħlejjaq li huma tant mhedda u tant importanti li huma protetti bil-liġi. Fost dawn insibu: il-fkieren tal-baħar, is-sagħtar, ċerti tipi ta' bebbux bħall-bronja, iż-żiemel il-baħar, iż-żrinġ, id-dniefel u l-baleni li jżuru lil Malta. Annimali protetti bħall-qanfud, u żwiemel il-baħar ma jistgħux jinżammu id-dar. Huwa importanti li l-poplu jkun konxju ta' dawn l-ispeċi u tal-bżonn li jkunu mħarsa kif inhu xieraq. Hawnhekk tajjeb li nsemmu eżempju wieħed spiss marbut mal-Milied. Is-Sagħtar hija pjanta li tfewwaħ ħafna. Bejn ix-xhur ta' Mejju u Awissu, din il-pjanta twarrad bi fjur żgħir ta' lewn vjola li jiġbed lejħ in-naħal. Infatti din il-fjura tgħin mhux ftit għal-produzzjoni ta' l-għasel f'Malta. Avolja hija protetta, spiss insibu nies li jiġbru din il-pjanta biex iżejnu l-presepju biha. Dan huwa illegali. Sfortunatament din il-pjanta iddum bosta snin sabiex tikber u biex tirkupra mill-ħsara li tkun ġarbet.

Din il-qerda ta' bijodiversità hija wkoll mifruxa fl-ibħra tagħna. Per eżempju, il-mergħat ta' l-alka (*Posidonia* u speċi oħra) huma wieħed mill-aktar abitati għonja fil-bijodiversità ta' taħt il-baħar. F'dan l-abitat jistkennu u jgħixu numru kbir ta' ħlejjaq li xi uħud minnhom għandom importanza ekonomika. Fihom jgħixu wkoll iż-żgħar ta' ħafna speċi ta' ħut u annimali oħra. Minbarra dan, dawn il-mergħat jagħtu l-ossiġnu

---

[14] Axiak, V. *et al*, (eds.) (1998) *State of the Environment Report 1998*/Environment Protection Department, Ministry for the Environment, Malta.

lill-ilma baħar kif ukoll jistgħu jillimitaw l-erożjoni jew telf tar-ramel mix-xtut tagħna. L-iżvilupp mgħaġġel matul ix-xtut tagħna kif ukoll attivitajiet mid-dgħajjes qed ikollhom impatt negattiv ħafna fuq dawn il-mergħat ta' l-alka.

Sajd b'mezzi illegali jew mhux skond ir-regolamenti qiegħed iżid f'din il-qerda wkoll. Hemm indikazzjonijiet ċari li matul dawn l-aħħar ħamsin sena l-popolazzjoni ta' diversi speċi ta' ħut fil-Mediterran (eż. it-tonn tal-pinna kaħla) naqsu minħabba s-sajd bl-addoċċ. F'Malta jidher ċar li diversi speċi ta' ħut (bħaċ-ċerna) naqsu ħafna u dan kollu tort tal-ferneżija li naqbdu kull ħaġa li żżiġġ fl-ilma u b'hekk ma nħallux lin-natura tirriġenera ruħha.

Periklu ieħor li l-bijodiversità f'dawn il-gzejjer qed tiffaċċja ġejja mill-introduzzjoni ta' speċi hekk imsejħa 'aljeni' jiġifieri barranin u mhux tal-post. Il-periklu qed jikber minħabba li l-importazzjoni ta' speċi ta' pjanti u annimali eżotiċi llum saret moda. Minħabba li ma jkollhiex għedewwa naturali, speċi aljena spiss titkattar bla kontroll u tinvadi postijiet ġodda malajr filwaqt li tikkawża ħsara sinifikanti fil-bijodiversità awtentika ta' post partikulari. Eżempju ta' dan hija l-firxa mgħaġġla tal-ħaxixa tal-baħar bl-isem ta' *Caulerpa racemosa* li daħlet fil-Mediterran madwar għoxrin sena ilu u diġà nfirxet kważi ma' kullimkien – anke f'postijiet matul ix-xtut tagħna. Din kienet irrekordjata fil-gżejjer tagħna l-ewwel darba fl-1997.

Ma nistgħux nitkellmu fuq il-bijodiversità u nħallu barra l-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar. Din il-kwistjoni kkundizzjonat bil-kbir kull diskussjoni pubblika dwar l-ambjent f'Malta matul dawn l-aħħar għoxrin sena u spiċċajna bil-maġġoranza tal-poplu maqbud bejn żewġ pożizzjonijiet estremi. Filwaqt li naħa ssostni li l-kaċċa u l-insib huma delizzju li għandu għeruq fondi fl-istorja u l-kultura ta' pajjiżna u għalhekk huma namra soċjo-kulturali leġittima; in-naħa l-oħra ssostni li din in-namra għandha għalfejn tħamrilna wiċċna bil-mistħija għax qed teqred tajr li hu protett u ċċaħħad liċ-ċittadini l-oħra li m'għandhomx din in-namra milli jgawdu l-kampanja u lil dan it-tajr. Ċertament li kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu, iżda jkun aktar għaqli li nħarsu lejn dan il-fenomenu minn perspettiva fit-tul, oġġettiva u mingħajr passjoni żejda.

Jeħtieġ li kull naħa tifhem li kwistjoni bħal din mhux ser tissolva bit-tgħajjir, theddid, ġlied u manuvri u negozjati minn taħt; imma bir-raġuni li tana Alla biex inkunu nistgħu namministraw il-ħolqien aħjar. Nagħmlu sew bħala nazzjon jekk naraw fejn irridu naslu fl-aħħar mill-aħħar f'din il-kwistjoni, sabiex imbagħad nimxu lejn dik id-direzzjoni b'mod kawt, sinċier u ġust. Attitudnijiet fundamentalisti li– bid-dieher kif ukoll bil-moħbi – jagħmlu minn din il-kwistjoni xi gwerra qaddisa jagħmlu aktar ħsara milli ġid għall-kawża. Jekk xi naħa jew oħra tħoss li kienet sfurzata tieħu pożizzjoni li hi inġusta allura s-soluzzjoni tkun aktar diffiċli. Min-naħa l-oħra rridu niżguraw li l-argumenti u l-aspettattivi taż-żewġ naħat tal-kwistjoni jkunu raġonevoli u jirrispettaw il-ġid komuni.

Bħal kull namra oħra l-kaċċa u l-insib huma delizzju li bniedem jieħu gost iwettaq u li jġib miegħu ċertu sodisfazzjon personali. Kulħadd jifhem il-bżonn u d-dritt li wieħed ikollu ċ-ċans li jsib l-isfog tiegħu f'xi forma ta' passatemp li jgħinu jinsa' xi ftit mit-tensjonijiet kollha li ġġib magħha l-ħajja mgħaġġla tal-lum. Madanakollu dan id-dritt ta' l-individwu mhux wieħed assolut imma jrid ikun f'sintonija mal-ġid komuni tas-soċjetà. Hu għalhekk li kull delizzju għandu r-regoli li jikkontrollaw il-mod kif ikun eżerċitat ... sabiex filwaqt li jagħti pjaċir lil min jipprattikah ma jċaħħadx lil ħaddieħor mil-libertajiet tiegħu. Fi kliem ieħor, fil-kuntest ta' pajjiż żgħir bħal tagħna, hemm min iħoss li malajr kemm jista' jkun jeħtieġ li, bħal kull attività f'pajjiżna li tagħmel użu mir-riżorsi naturali tagħna, il-kaċċa u l-insib jiżviluppaw f'delizzju sostenibbli. Iżda fl-istess waqt, hemm min jargumenta li l-qtil ta' ħlejqa bħala delizzju qatt ma jista' jkun sostenibbli u għalhekk għandu jkun evitat. Għalhekk tajjeb li neżaminaw fid-dettall dan il-fenomu u naraw x'tista' tkun is-soluzzjoni.

Ħlief għall-perjodu relattivament żgħir fl-istorja tagħna, il-kaċċa f'Malta rari jew qatt ma kienet il-mezz ewlieni li bih konna niżguraw li jkollna x'nieklu. Qabel u matul il-ħakma tal-kavallieri f'Malta il-kaċċa kienet meqjusa bħala l-passatemp tas-sinjuri. Fil-fatt il-Buskett kien maħsub u ppjanat bħala post għall-kaċċa mill-kavallieri u żgur mhux sabiex jissodisfa il-ġuħ tal-fqar. Matul is-seklu għoxrin dan il-passatemp kiber fil-popolarità tiegħu u n-numru ta' kaċċaturi liċenzjati żdied minn ftit inqas min 3,000 qabel it-tieni gwerra għal kważi 15,000 sas-sena 1987. Skond l-aħħar tagħrif in-numru ta' kaċċaturi u nassaba flimkien illum

ilaħħaq mas-16,000[15]. Dan ifisser li f'madwar 80 sena in-numru ta' nies li għandhom din in-namra żdied b'ħames darbiet.

Hemm diversi fatturi u żviluppi soċjali u ekonomiċi li seħħew matul dawn l-aħħar snin li flimkien wasslu għal din iż-żieda fil-popolarità ta' din in-namra. Fosthom insibu, l-iżvilupp ekonomiku u ż-żieda fil-kwalità tal-ħajja li taw lok għal aktar żmien liberu disponibbli. Iżda minkejja li dawn l-istess fatturi nsibuhom ukoll f'postijiet oħra fil-Mediterran, din iż-żieda daqshekk qawwija fil-popolarità tal-kaċċa u l-insib ma ssibhiex fuq l-istess skala f'dawn l-inħawi. Għaliex? Din il-mistoqsija teħtieġ tweġiba li tkun frott studju antropoloġiku serju u ħieles minn kull passjoni u emozzjoni.

Meta wieħed iqis din iż-żieda sostanzjali fin-numru ta' persuni li għandhom din in-namra kif ukoll l-iżviluppi li saru kemm fil-metodi addotati (eż. il-kaċċa minn fuq il-baħar) kif ukoll l-armi użati ċertament li dan id-delizzju m'għadux l-istess bħal dak li kien isir dari. Allura l-elementi folkloristiċi u tradizzjonali ta' din in-namra ċedew posthom għall-żviluppi li seħħew f'dan il-passatemp. Ikun żball li wieħed jibqa' jsostni dan l-argument biex jiġġustifika dan il-passatemp daqs li kieku ma nbidel xejn mill-imgħoddi sal-lum. Fuq dan, id-dokument *Gaudium et Spes* isostni li "... *jeħtieġ li jsir sforz biex nevitaw li nqisu li ċerti użanzi ma jinbidlu qatt, jekk ma jibqgħux joffru risposti għall-bżonnijiet ġodda ta' żmienna.*"[16]

Indikazzjoni tan-nuqqas ta' sostenibiltà f'din in-namra hi n-numru dejjem jonqos ta' tajr li jiġi jżurna. Dan jixhduh l-istess kaċċaturi u nassaba anzjani li jiftakru qtajja ta' tajr bil-wisq aktar abbundanti minn dawk li qed iżuruna llum. Ċertament li l-ikbar impatt li hemm fuq in-numri tat-tajr ġej minħabba diversi attivitajiet tal-bniedem fosthom: it-tniġġis, il-qerda ta' abitati naturali, iż-żieda fil-bini, il-bexx u t-tibdil fil-klima. Madanakollu l-kaċċa u l-insib mhux regolat żgur mhux qed jgħin sabiex dawk it-tajr li jkunu ħelsu minn dan is-saram kollu jirnexxielhom ibejtu u b'hekk jiżguraw numri aktar sostanzjali ta' tajr.

---

[15] MEPA (2006) *State of the Environment Indicators 2006.*

[16] Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) (2007). FKNK's reply to the Raine 2007 Illegal Hunting Report 1 (May 2007).

Wieħed jista' jibqa' jgħaddas rasu fir-ramel u jkompli jsostni li din in-namra għandha tibqa' bla mittiefsa sakemm jibqgħu jiġu t-tajr. Jew inkella nistgħu noqogħdu nargumentaw li l-għasafar kollha 'meħudin' huma tal-passa u allura m'hemm l-ebda effett negattiv u fit-tul fuq l-ambjent naturali lokali. Minbarra l-fatt li, ukoll jekk huma 'tal-passa', huma parti mill-ħolqien u mill-wirt għallinqas ta' popli oħra, wirt li n-nisrani u l-bniedem ċivili għandu jirrispetta, nifhmu illi rridu u ma rridux in-numru kbir ta' dilettanti qed ikollu impatt negattiv fuq l-ambjent u allura fuq l-istess delizzju tagħhom. Tajjeb li dawk l-assoċjazzjonijiet li jippromwovu dan id-delizzju jirrealizzaw li l-kaċċa u l-insib għal tajr protett, il-qtil u l-bejgħ illegali ta' karkassi ta' tajr rari u n-nuqqas ta' rispett lejn il-liġijiet li jirregolaw din in-namra qed jagħmlu ħsara kbira lill-istess namra ... kif ukoll jattiraw il-kundanna ta' ħafna miċ-ċittadini. Il-Kummissjoni tappella lil dawn l-assoċjazzjonijiet sabiex b'mod ċar u attiv jikkundannaw u jieħdu azzjoni sabiex dawn il-prattiċi jitwaqqfu darba għal dejjem.

Sfortunatament, irridu nirrimarkaw li l-Knisja f'Malta ftit li xejn tkellmet fuq din il-kwistjoni jew għenet sabiex dan il-passatemp ikun ikkontrollat. Anzi kien hemm każijiet (għalkemm iżolati) li fihom xi rappreżentanti tal-Knisja tkellmu w aġixxew b'mod ftit li xejn għaqli fuq din il-kwistjoni b'mod li aktar komplew saħħnu l-irjus flok taw lok għar-raġuni. It-tagħlim tal-Knisja ma jgħidx jekk il-kaċċa u l-insib humiex attivitajiet leċti jew le; imma jħalli f'idejn il-ġudizzju ta' l-individwu li, b'kuxjenza iffurmata u f'rabta mal-Ħallieq, jgħix dan il-prinċipju:

> "*Kull ħlejqa għandha t-tjieba u l-perfezzjoni proprja tagħha: Għal kull xogħol tas-"sitt ijiem" ingħad: 'U ra Alla li kien tajjeb'. ... Il-ħlejjaq kollha ta' kull xorta li Alla riedhom skond is-sura proprja tagħhom, jirriflettu, kull waħda, skond il-manjiera tagħha, raġġ ta' l-għerf u t-tjieba bla qjies ta' Alla. Hu għalhekk li l-bniedem hu fid-dmir li jirrispetta t-tjieba proprja ta' kull ħaġa maħluqa, biex jevita li jużа b'mod diżordinat il-ħlejjaq, ħaġa li hi ta' stmerrija ta' Alla u ġġib konsegwenzi mill-agħar għall-bnedmin u għall-ambjent tagħhom.*"[17]

[17] *Op cit.*

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni Ambjent dawn il-prinċipji imsemmija hawn fuq joffru d-direzzjoni li fl-aħħar mill-aħħar għandna nimmiraw għaliha. Għalhekk il-Kummissjoni tappella sabiex l-imġieba kollha tagħna – inkluż il-kaċċa u l-insib – tkun regolata minn dan ir-rispett lejn dak li ħalaq Alla. Il-Kummissjoni terġa' tipproponi, kif għamlet fil-kuntest ta' l-użu ta' l-art (ara sezzjoni 3). li anke f'din il-kwistjoni mmorru pass 'l quddiem mill-liġi u nħaddmu r-responsabbiltà li għandna bħala ulied Alla. Li naslu sabiex kulħadd jirrispetta l-liġi li tirregola dan id-delizzju jkun pass għaqli fid-direzzjoni t-tajba. Imma dan xejn ma jżomm lid-dilettant nisrani li, fil-kuntest tal-bżonnijiet ta' pajjiżna u l-ġid komuni, kif ukoll b'rispett akbar lejn il-ħajja, b'libertà ta' kuxjenza jasal sabiex jillimita d-delizzju tiegħu jew saħansitra jagħżel li flok jaqbad jew joqtol dawn il-ħlejjaq, jiskopri mezzi oħra sabiex igawdihom.

## 5. L-Ilma

Sfortunatament, bħala gżejjer ċkejkna f'nofs il-Mediterran, fejn ix-xita mhix normalment abbundanti, ir-rizorsi naturali ta' l-ilma ħelu m'humiex biżżejjed sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-poplu tagħna u ta' tant ħlejjaq oħra li jgħixu magħna. Studju riċenti juri li meta tikkonsidra r-riżervi ta' ilma ħelu, Malta hija l-ifqar pajjiż fl-Unjoni Ewropea u li l-kwalità ta' ammont sostanzjali mir-riżervi ta' ilma maħżun ġol-blat huwa mhedded minn diversi abbużi. Meta nikkonsidraw l-effett negattiv li t-tibdil fil-klima jista' jkollu fuq l-ammont ta' xita li jkollna, u sakemm jibqa' ma jsir xejn konkret sabiex dan ir-riżors jintuża aħjar, wisq probabbli li f'temp ta' 50 sena jirnexxielna nitilfu nofs ir-riżervi ta' l-ilma ħelu li għandna. Hawn min jemmen li s-sitwazzjoni hija infatti aktar gravi minn hekk. Dan għaliex wisq probabbli meta tqis l-ammont ta' ilma li jittieħed min dawn ir-riżorsi ta' ilma maħżun taħt il-blat kemm legalment u kemm dak misruq, r-rata ta estrazzjoni hija forsi anke id-doppju ta' dik li nistgħu nqisu bħala rata sostenibbli.

Mill-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin, jidher ċar li s-soluzzjoni għal din il-problema tan-nuqqas ta' ilma ma tistax tkun biss waħda teknoloġika. Veru li nistgħu nsaffu l-ilma ħelu mill-baħar ... iżda dan qed nagħmluh bi spejjeż finanzjarji u ambjentali enormi filwaqt li l-ħela, is-serq u l-abbużi minn din ir-riżorsa għadhom għaddejjin. Per eżempju, hemm

indikazzjonijiet li aktar min-nofs l-ammont ta' ilma li jittieħed minn taħt il-blat (*aquifers*) qed jittieħed b'mod illegali – u saħansitra hawn min joffrilek servizz illegali biex itaqqablek *borehole* personali! Minbarra dan, hu fatt magħruf li hemm min imur pass oltri u minbarra li jħaffer *borehole* illegali u jisraq l-ilma li hu proprjetà tagħna lkoll, ikollu l-wiċċ tost li jbegħlna minn dak l-istess ilma. Fl-istess ħin il-kwalità ta' l-istess ilma spiss tkun mhedda min-nuqqas ta' ħsieb ta' xi uħud li jikkontaminaw dan ir-riżors permezz ta' l-użu ħażin ta' fertiliżżanti u pestiċidi fir-raba tagħna. Kemm hija sostenibbli din is-sitwazzjoni?

Kull meta tagħmel xita qawwija, kwantitajiet kbar ta' ilma jiġġerrew mat-toroq tagħna u jintilfu għal dejjem fil-baħar. Li kieku dan l-ilma tax-xita jsib fejn jiskula ġewwa ġwiebi u finalment jinżel fl-*aquifers,* inkunu qiegħdin ngħinu sabiex intaffu l-problema ta' nuqqas ta' ilma.

Wasal iż-żmien li l-awtoritajiet ikollhom il-konvinzjoni u l-kuraġġ li jużaw kull mezz neċessarju sabiex jinqata' il-ħela, is-serq u l-abbuż ta' din ir-riżorsa vitali. Nifhmu li l-awtoritajiet għandhom il-mezzi kollha sabiex jgħarfu kif, permezz ta' politika ċara dwar dan ir-riżors, kif ukoll permezz ta' interventi maniġerjali differenti koordinati, jirnexxielhom jindirizzaw il-problema aħjar (eż: l-użu aħjar ta' l-ilma li nipproduċu mit-tisfija tad-drenaġġ u l-ħażna ta' l-ilma tax-xita). Imma sabiex insibu tarf tal-problema tan-nuqqas ta' ilma rridu nindirizzawha b'soluzzjonijiet differenti.

L-isfortuna hi li ħafna nies ma jirrealizzawx id-dimensjoni tal-problema sakemm jibqgħu jsibu l-ilma fil-vit. Jeħtieġ li nqumu mill-ħolma li ħakmitna u nindunaw li wasal iż-żmien li nħallsu l-prezz ġust għall-ilma li qed nikkunsmaw. Naturalment dan għandu jsir filwaqt li nippretendu li l-kwalità ta' l-ilma tkun xierqa u li l-piż ekonomiku reali ta' din ir-riżorsa jinġarr b'mod li jkun soċjalment ekwu u ġust. Iżda sfortunatament inħossu li din il-kwistjoni kienet politiċizzata wkoll u għalhekk hemm nuqqas ta' viżjoni fit-tul u rieda polítika sabiex naqbdu il-barri minn qrunu. Hemm bżonn urġenti li l-poplu tagħna jirrealizza l-urġenza tal-kwistjoni u l-ħtieġa li jagħmel dak li hemm bżonn: jaqta' il-ħela, iħallas prezz ġust u ma jibqax jisraq l-ilma – la mill-*mains* u lanqas mill-*boreholes*.

Għal darb'oħra, dan għandna nagħmluh mhux sempliċiment biex nosservaw il-liġi imma għax hekk tirrikjedi minna r-responsabbiltà li għandna lejn il-ġid komuni tal-proxxmu tagħna u bħala rispett lejn l-istess Ħallieq li pprovdilna dan il-ġid. Fl-istess waqt nistennew mill-mexxejja tagħna l-kuraġġ u l-viżjoni meħtieġa sabiex tkun adottata strateġija li timmaniġġja b'mod għaqli l-użu sostenibbli ta' din ir-riżorsa ... qabel ikun tard wisq.

Tant ieħor nixtiequ li l-Knisja, speċjalment fuq il-livell ta' parroċċa, titkellem b'mod ċar li s-serq ta' l-ilma – isir kif isir u jsir minn min isir – huwa dnub. Tant ieħor huwa dnub li minħabba ndifferenza jew bi traskuraġni nikkontaminaw b'xi mod dan ir-riżors tant meħtieġ għall-għajxien tagħna u ta' uliedna. Il-Kummissjoni tħoss li l-kappillani, l-qassisin u r-reliġjużi għandhom jimpenjaw ruħhom li jedukaw lill-fidili dwar kif in-nisrani għandu jġib ruħu quddiem din il-kwistjoni. B'dan il-mod niżguraw li l-messaġġ evanġeliku jibqa' idawwal il-ħajja tan-nisrani u jkun relevanti sabiex jgħin lil min jemmen jaffronta l-isfidi kontra l-valuri li jiltaqa' magħhom fid-dinja tal-lum.

## 6. Konklużjoni

Bħalma għamlet b'opinjonijiet oħra, il-Kummissjoni Ambjent ippublikat din l-opinjoni sabiex taqdi l-funzjoni tagħha li teduka u tinforma l-poplu Malti billi toffri riflessjoni nisranija dwar kwistjonijiet ambjentali li nkunu għaddejjin minnhom. Il-Kummissjoni ma trid tisforza lil ħadd biex iġib ruħu b'xi mod jew ieħor. Il-Kummissjoni temmen li bidla vera u dejjiema sseħħ mhux meta xi ħadd ikun sfurzat jinbidel, imma meta dak li jkun jifhem u jħoss il-ħtieġa li jagħmel dan.

F'din l-opinjoni l-Kummissjoni bdiet billi uriet kif, f'konformità mat-tagħlim uffiċċjali tal-Knisja u l-pożizzjoni li qed jadotta l-Papa Benedittu XVI, in-nisrani tal-lum ma jistax jinjora r-responsabbiltà ambjentali tiegħu. In-nisrani hu responsabbli quddiem Alla mill-użu għaqli u sostenibbli tar-riżorsi ambjentali li qed iżommuna ħajjin ... u hu msejjaħ ukoll sabiex jiġġieled ir-regħba u l-konsumiżmu li qed jeqirdu dan id-don ta' Alla.

Imma biex ngħixu ħajja sostenibbli jeħtieġ il-kuraġġ li nwarrbu stili ta' ħajja li minkejja li konna drajna fihom m'għadhomx aktar relevanti għar-realtajiet li qed ngħixu fihom illum. Inbid ġdid għandu jitqiegħed f'dammiġġani ġodda (Mt 9:17). Dan mhux faċli meta wieħed iqis li l-poplu tagħna ilu żmien jgħix stil ta' ħajja li mhix sostenibbli – fejn il-ġid komuni jsir il-propjetà esklussiva ta' min jirnexxielu jaħtfu l-ewwel u jikkapparrah għalih – għad-detriment tal-pajjiż kollu. Sabiex ngħixu ħajja sostenibbli jeħtieġ niskomodaw ruħna biex insibu alternattivi oħra li minnhom jista' jgawdi kulħadd. Wieħed jista' jsib elf skuża sabiex jipprova jipposponi l-ħtieġa li jbiddel l-istil ta' ħajja tiegħu, imma l-fatt jibqa' li rridu u ma rridux għad jiġi żmien fejn inkunu sfurzati nagħmlu dak li forsi ma nixtiequx.

Minbarra r-rieda, din il-bidla teħtieġ ukoll proċess edukattiv li jippromwovi l-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli u li jwassal għal impenn serju. Dan il-proċess m'għandux ikun iffukat biss fuq it-tfal imma għandu jestendi għall-adulti fil-komunità u jwieġeb għall-bżonnijiet tagħhom. Diġà saru inizjattivi importanti fl-edukazzjoni tat-tfal imma sfortunatament b'mod ġenerali l-edukazzjoni ta' l-adulti titħalla biss għal meta jkun hemm xi kriżi fil-lokalità. Bħalma kienet pijuniera f'diversi oqsma soċjali, il-Knisja lokali permezz tal-Kummissjoni tidher li diġà bdiet timpenja ruħha u qed tindirizza dan il-bżonn permezz ta' korsijiet ta' informazzjoni u formazzjoni li qed torganizza minn żmien għall-ieħor ma' sezzjonijiet differenti tal-komunità.

L-alternattivi għall-Knisja lokali f'dan il-proċess ta' maturita' lejn użu aktar għaqli tar-riżorsi ambjentali tagħna huma tnejn: jew tibqa' gallarija u tħalli kollox għaddej bit-tama li l-affarijiet jissolvew waħedhom jew twieġeb għas-sinjali taż-żminijiet (Mt 16:3) u b'mod attiv tipparteċipa fil-binja ta' komunità li tgħix il-valuri nsara. L-ewwel alternattiva hija tentazzjoni. It-tieni waħda biss turi għażla responsabbli li l-Kummissjoni tħoss li l-Knisja u kull membru tagħha għandu jagħmel. Fil-fatt, impenn lejn żvilupp sostenibbli jitlob bidla wkoll fl-operat tal-Knisja innifisha: kemm fil-mod kif tuża l-propjeta afdata f'idejha u kemm fil-mod kif tippreżenta r-relevanza tal-Vanġelu llum.

## Ċirkolari Numru 11

### ĠABRA FAVUR L-ART IMQADDSA

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Settembru, fl-Arċdjoċesi tagħna se tiġi ċelebrata l-ġurnata ta' talb u ta' għajnuna għall-Art Imqaddsa.

Nappellaw lil kulħadd biex noffru t-talb tagħna lil Alla għal dawn ħutna. B'mod speċjali, b'tama sħiħa nitolbu lil Alla biex idawwal l-imħuħ u jrattab il-qlub tal-bnedmin biex tinstab soluzzjoni xierqa, ġusta u dejjiema, għat-traġedja ta' ġlied u qtil li ilha tifleġ lill-Art Imqaddsa, u li dan l-aħħar xegħlet b'qawwa ġdida.

Nippruvaw ngħinu lil dawn ħutna wkoll materjalment, billi nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna fil-ġabra li sejra ssir fil-quddies kollu li jiġi ċelebrat fil-knejjes tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 15 u 16 ta' dan ix-xahar.

Bl-offerti tagħna ngħinu biex jinżammu miftuħa postijiet u ħidmiet reliġjużi u ta' għajnuna għal dawn ħutna li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

Il-Mulej żgur jisma' t-talb tagħna. Hu japprezza kull sagrifiċċju li nagħmlu u jroddilna, kif jaf Hu, ta' kull ma nagħmlu għal dawn ħutna u għall-Art Imqaddsa.

Maħruġa mill-Kurja Arċveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Settembru 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit, Kanċellier

## Ċirkolari Numru 12

### L-ELEMOŻINA TAL-QUDDIESA U L-EURO

B'ċirkolari numru 350 tat-3 ta' Diċembru 1996, il-membri ta' l-Arċidjoċesi kienu mgħarrrfin li Monsinjur Arċisqof kien qed jitlob illi mill-1 ta' Jannar 1997 l-offerta għall-Quddiesa tkun ta' għallinqas żewġ liri maltin.

Fid-dawl tal-fatt illi mill-1 ta' Jannar 2008, Malta sejra tibda jkollha l-Euro bħala l-munita tagħha, u billi r-rata uffiċċjali stabilita hija ta' 0.4293 Lira maltija għal kull Euro, is-Saċerdoti huma mgħarrfa illi din l-offerta mitluba hija ekwivalenti għal 4.66 Euros.

Ma tistax tintalab offerta akbar minn dan l-ammont. Iżda l-membri tal-Knisja huma liberi biex jagħmlu offerta akbar minn din, u f'dak il-każ is-Saċerdoti jistgħu jaċċettaw din l-offerta li liberament tingħatalhom.

Mill-1 ta' Jannar 2008, l-Uffiċċju tal-Quddies tal-Kurja ser jibda jagħti l-elemożina tal-Quddies mitlub lilu b'din ir-rata ta' offerta ta' 4.66 Euros għal kull Quddiesa letta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 2 ta' Ottubru 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju {enerali

Carmel Zammit, Kanċellier

## Ċirkolari Numru 13

### ĠURNATA MISSJUNARJA 2007

Il-Ġurnata Missjunarja din is-sena sejra tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd, 21 ta' Ottubru bit-tema: "Il-Knejjes kollha għad-dinja kollha ".

Aħna l-Insara għandna għal qalbna l-ħidma missjunarja tal-Knisja. Ngħinuha bit-talb u s-sagrifiċċji, kif ukoll bl-offerti tagħna. Hija ħaġa tajba li fil-Ġurnata Missjunarja nitolbu b'aktar ħeġġa għal ħutna missjunarji u għall-ħidma tagħhom. Għalhekk hu rakkomandat li, ħlief għall-każ ta' Quddies għal xi okkażjoni speċjali, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 20 u 21 ta' Ottubru, tiġi ċelebrata dejjem il-Quddiesa għall-Evanġelizazzjoni tal-Ġnus.

Fil-Quddies kollu ta' l-istess ġranet, fil-knejjes kollha għandha ssir il-ġabra għall-Missjonijiet. Inħeġġu lil kulħadd biex infissru mħabbitna għal Alla u għall-ħidma missjunarja tal-Knisja bil-ġenerosità tagħna kemm f'din il-ġabra fil-knejjes, kif ukoll bl-għotjiet fil-boroż jew envelopes li jitqassmu fi djarna.

### TALB GĦAX-XITA

Peress li qed jinħass nuqqas ta' xita, l-aktar minn ħutna li jaħdmu r-raba, minn meta tasal din iċ-ċirkolari sakemm jibqa' jinħass in-nuqqas ta' xita, fit-Talba tal-Fidili fil-quddies kollu għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Agħtina, Mulej, xita fejjieda f'waqtha, biex artna ma ċċaħħadniex mill-frott tagħha."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Ottubru 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

## Ċirkolari Numru 14

### FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa ta' Kristu Re din is-sena sejra tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd, 25 ta' Novembru 2007. Il-motto magħżul mill-Kumitat Organizzattiv biex jiggwidana fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa hu: "Jiena Nisrani - Ħmira fis-Soċjetà." Iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani tal-festa ta' Kristu Re se jsiru b'dan il-programm:

1. Il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru fis-7.00 p.m.: Laqgħa għall-Adolexxenti, fis-Seminarju, Tal-Virtù.
2. Is-Sibt, 24 ta' Novembru fit-3.30 p.m.: Tibda mixja tat-tfal minn Triq Sant'Anna, il-Furjana u tgħaddi minn fejn il-monument ta' Kristu Re għal quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Furjana
3. Il-Ħadd, 25 ta' Novembru fl-4.30p.m.: Manifestazzjoni Djoċesana fi Triq il-Kappella, quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann. Fiha jkun hemm diskors ta' Mons. Arċisqof.

Fis-6.30 p.m. ikun hemm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann. Mons. Arċisqof jixtieq ukoll li, bi tħejjija għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis 22 ta' Novembru 2007.

---

### ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bħal kull sena, il-Knisja qegħda tappella għall-ġenerosità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-Iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ. Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 17 u 18 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond ta' l-Iskejjel tal-Knisja. Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 31 ta' Ottubru 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof tit. ta' Aradi, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

# STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA
## Lecture Annwali tad-Discern 2007

It-tema tal-lecture annwali ta' DISCERN, l-Istitut ta' l-Arċidjoċesi għal riċerka dwar is-sinjali taż-żminijiet, din is-sena se tkun, "Ulied l-istess Alla?". Il-kelliem se jkun il-Prof. David B. Burrell C.S.C., Professur fil-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Notre Dame. L-attività se ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Settembru 2007, fis-7.00 p.m., fil-Lukanda 'Le Meridien Phoenicia', Floriana.

Sa mill-1982, il-Prof. Burrell għamel ħafna xogħol dwar oqsma komparattivi fit-teoloġija filosofika fil-Gudaiżmu, Kristjaneżmu, u Islam. Huwa kiseb il-PhD mill-Università ta' Yale fl-1965. Ilu jaħdem fl-Università ta' Notre Dame sa mis-sena 1964. Bejn l-1971 u l-1980 kien iċ-Chairman tad-Dipartiment tat-Teoloġija fl-istess università. Fl-1980-1981, huwa qatta' sena f'Ġerusalemm bħala Rettur ta' l-Istitut Ekumeniku għar-Riċerka Teoloġika. Sas-sena 2004 ħadem fil-programm tar-rebbiegħa ta' l-Università ta' Notre Dame, għal sottogradwati, f'Ġerusalemm. Huwa wkoll awtur ta' diversi kotba.

**3 ta' Settembru 2007**

## Nunzju Appostoliku ġdid għal Malta

Il-Papa Benedittu XVI innomina lil Mons. Arċisqof Tommaso Caputo bħala Nunzju Apostoliku għal Malta.

Mons. Tommaso Caputo twieled f'Afragola (Napli, Italja) fis-17 ta' Ottubru 1950. Huwa ġie ordnat saċerdot fl-10 ta' April 1974.

Wara li ggradwa b'dottorat fil-Liġi tal-Knisja, fl-1980 Mons. Caputo ngħaqad mas-Servizz Diplomatiku tas-Santa Sede. Huwa ta servizz fil-Missjonijiet tal-Papa fi Rwanda, il-Filippini u l-Venezwela, u fid-Dipartiment tal-Affarijiet Ġenerali tas-Segretarjat ta' l-Istat.

Mid-19 ta' Ġunju 1993 Mons. Caputo kien Kap tal-Protocol fis-Segretarjat ta' l-Istat. Huwa jaf l-Ispanjol, l-Ingliż u l-Franċiż.

L-ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Caputo se ssir mill-Papa stess nhar id-29 ta' Settembru 2007, fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan.

**3 ta' Settembru 2007**

## Kors ta' Spiritwalità u Formazzjoni Ambjentali Organizzat mill-Kummissjoni Ambjent (Arċidjoċesi ta' Malta) u l-Youth Alive Foundation

M'hemm l-ebda dubju li ħafna mill-problemi ambjentali li Malta qegħdha tiffaċċja tnisslu minn nuqqas ta' rispett lejn il-proxxmu u lejn il-Ħolqien. Kull nisrani għandu l-mandat li jkun il-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja ... u dan iktar u iktar fil-qasam ambjentali. In-nisrani ma jistax ma jarax is-sinjali taż-żminijiet u jwieġeb għalihom billi jimpenja ruħu ħalli flimkien ma' Alla l-Ħallieq *iġedded wiċċ l-art*! Aktar minn seba' mitt sena ilu, San Franġisk għaraf dan l-impenn u b'mod radikali għażel li jagħmel xi ħaġa billi, l-ewwel u qabel kollox, biddel l-istil ta' ħajja tiegħu sabiex iħaddan l-valuri evanġeliċi ... prinċipji li għenuh ikun f'armonija sħiħa mal-Ħallieq u l-ħolqien kollu tiegħu.

Għalhekk jinħass il-bżonn li l-insara impenjati jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw etika ambjentali nisranija li tmur 'l hinn minn sentimentaliżmu żejjed u hi bbażata fuq l-Evanġelu u tagħrif xjentifiku aġġornat.

Il-Kummissjoni Ambjent (Arċidjoċesi ta' Malta) u l-Fundazzjoni Youth Alive, ser jorganizzaw kors mhux tas-soltu ta' spiritwalità u formazzjoni ambjentali. Il-kors, li ser jinżamm fid-DAR FRATE JACOBA, Triq Wied iż-Żiju, Wied il-Għajn, ser jibda fil-5 ta' Ottubru u jkollu 14-il sessjoni (waħda kull ġimgħa) u jibqa' sejjer sa l-14 ta' Diċembru 2007. Il-programm jinkludi preżentazzjonijiet, żjarat f'postijiet ta' interess ambjentali u attivitajiet oħra. Kull nisrani li jħoss il-bżonn li jikkontribwixxi b'xi mod lejn l-iżvilupp sostenibbli u lejn ambjent aħjar, għandu jattendi dan il-kors.

Għal dawk li jixtiequ jidħlu aktar fil-fond ta' din l-esperjenza, l-organizzaturi qed joffru wkoll irtir li, filwaqt li jibni fuq dak li jkun sar matul il-kors, jgħinhom sabiex jesperjenzaw b'mod aktar intimu s-sejħa tagħhom sabiex ikunu l-ħmira fil-komunità tagħhom.

Matul il-kors hu mistenni li l-parteċipanti:

- jiżviluppaw viżjoni aktar ħolistika ta' l-ambjent li tinkludi aspetti naturali, soċjali, kulturali, ekonomiċi, politiċi u spiritwali;
- jsiru midħla tal-prinċipji ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq l-għażliet li nagħmlu;
- japprezzaw il-wirt ambjentali ta' pajjiżna u l-problemi li dan qed jiffaċċja minħabba l-isfruttar mhux sostenibbli tiegħu;
- jsiru midħla ta' l-ispiritwalità ta' San Franġisk u jifhmu r-relevanza tal-ħajja tiegħu għal żmienna;
- jiksbu tagħrif xjentifiku aġġornat dwar l-ambjent li jgħinhom jibnu argumenti sodi għall-ħarsien tiegħu;
- jesperjenzaw b'mod dirett xi aspetti ambjentali ta' pajjiżna; u
- jagħmlu evalwazzjoni tal-valuri ambjentali tagħhom fid-dawl ta' l-Evanġelu.

Għal aktar informazzjoni jew applikazzjoni, ikkuntatja lil: Rio Sammut jew Odienne Magro fuq 25906506, jew bl-email fuq wieħed min dawn: victor.axiak@um.edu.mt; riosammut@hotmail.com; paul.j.pace@um.edu.mt; frmark@onvol.net.

L-Applikazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2007.

## Tfal li se jirċievu l-Griżma jiltaqgħu ma' l-Arċisqof

Nhar is-Sibt,15 ta' Settembru 2007, it-tfal mill-parroċċi tal-Fgura, Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn li se jirċievu l-Griżma ta' Isqof f'Ottubru u Novembru li ġejjin kellhom laqgħa ma' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., fis-Sala Parrokkjali ta' Wied il-Għajn.

It-tfal kellhom l-opportunità jistaqsu lill-Arċisqof diversi mistoqsijiet dwar il-Griżma ta' l-Isqof, bħal kif in-nisrani jista' jagħti aktar xiehda awtentika fid-dinja tal-lum u kif jagħrfu x'irid Alla minnhom.

Din kienet inizjattiva pastorali oħra li saret bejn it-tliet parroċċi konċernati, li flimkien jiffurmaw l-Unità Pastorali 13 fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

## Laqgħat għal tfajliet u ġuvintur li se jiżżewġu persuni mhux Maltin

Il-Kummissjoni Emigranti nhar it-Tlieta, 09 ta' Ottubru 2007 se tibda kors ta' laqgħat għal tfajliet u ġuvintur li se jiżżewġu persuni mhux Maltin. Il-kors se jkun ta' disa' laqgħat li jsiru f'Dar l-Emigrant, Misraħ Kastilja, Valletta, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis mis-6.00pm sas-7.00pm. Il-laqgħat jitmexxew minn esperti fil-kampus, soċjali, mediku, legali u etiku. Il-parteċipanti jingħataw Ċertifikat ta' Attendenza biex jiġi ppreżentat fl-Uffiċċju taż-żwiġijiet tal-Kurja, mad-dokumenti l-oħrajn meħtieġa meta l-koppja tapplika għaż-żwieġ.

Il-kitba għall-kors tista' ssir f'Dar l-Emigrant (Tel: 21222644, 21240255. 21232545).

**17 ta' Settembru 2007**

## L-Ewwel Festival tal-Korijiet Parrokkjali

Il-Kummissjoni Kultura ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, f'Novembru 2007 se torganizza l-Ewwel Festival tal-Korijiet Parrokkjali. Il-festival se jkun mifrux fuq tlett ijiem. L-ewwel żewġ rappreżentazzjonijiet se jsiru fit-22 u t-23 ta' Novembru, fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, Floriana. It-tielet rappreżentazzjoni ssir is-Sibt, 24 ta' Novembru, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta.

Il-Festival tal-Korijiet Parrokkjali qed jiġi organizzat fuq bażi ta' parteċipazzjoni u mhux ta' kompetizzjoni. L-organizzaturi tal-festival jixtiequ li din l-inizjattiva twassal il-messaġġ li l-korijiet parrokkjali jixirqilhom apprezzament minn kulħadd. Jixtiequ wkoll li l-festival jinkuraġixxi l-membri tal-korijiet u jkun ta' stimolu ħalli jidħlu għal impenn akbar; jgħin biex tikber iżjed koperazzjoni bejn l-istess korijiet u bejn il-parroċċi; ikun ta' kontribut biex ikun mifhum aħjar x'inhuma l-bżonnijiet liturġiċi tal-Knisja fil-kuntest tal-lum; tissaħħaħ il-promozzjoni tal-Mużika Sagra Liturġika bil-Malti

Fil-festival jistgħu jieħdu sehem korijiet magħmulin minn adulti (18+) u akkumpanjati minn Orgni. Ir-repertorju magħżul irid ikun Mużika Sagra Liturġika. Ma' kull silta b'lingwa barranija, trid titkanta oħra bil-lingwa Maltija. Kull kor irid jippjana parteċipazzjoni ta' bejn 10/15-il minuta. Mill-korijiet li japplikaw jintagħżlu 10 għas-serati finali. Kull kor li jieħu sehem jiġi ppreżentat b'ċertifikat.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand Patri Anton Briffa OFMCap, Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini, Floriana (Telefon: 21225525, 21234949), mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Jista' jiġi kkuntattjat ukoll is-Sur Carmel Busuttil Dougall (Email: micmar@onvol.net).

**18 ta' Settembru 2007**

# Segretarjat għall-Katekeżi

Is-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Knisja f'Malta jeżisti biex imexxi 'l quddiem u jikkoordina t-tħabbir tal-Kelma, il-Katekeżi, u l-Edukazzjoni Reliġjuża. Huwa entità li fil-Knisja għandu qabel xejn ir-responsabbiltà tal-formazzjoni tal-Katekisti u dawk li jgħallmu r-Reliġjon.

Għalhekk, bħal kull sena, anke għas-sena Ottubru 2007 sa Ġunju 2008 qed inniedu l-programm ta' Korsijiet li qegħdin noffru, uħud minnhom anke f'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra fil-Knisja stess.

Anke din is-sena qed noffru firxa wiesgħa ta' interessi u ħtiġijiet li dawn il-Korsijiet qed jippruvaw jaqdu, minn Korsijiet bażiċi ta' Teoloġija u ta' Introduzzjoni għall-istudju u l-approfondiment tal-Iskrittura, għal Korsijiet ta' natura iktar teknika fil-metodoloġija ta' kif tgħallem. Għal darb'oħra qed jiġi offrut ukoll Kors imfassal apposta għal dawk l-operaturi pastorali, l-iktar fil-parroċċi, li qed jiddedikaw ruħhom għall-formazzjoni tal-età adolexxenzjali u li għalhekk jitolbu impenn u formazzjoni forsi iktar speċifika.

L-impenn tas-Segretarjat għall-Katekeżi fejn tidħol il-formazzjoni ta' kull min hu involut fit-tagħlim tar-Reliġjon u fil-formazzjoni tat-tfal, l-adolexxenti, u ż-żgħażagħ tagħna hu investiment fil-ġenerazzjonijiet tal-lum u taż-żmien li ġej biex il-Vanġelu jibqa' jasal u jibqa' jagħmel sens f'dinja li għad għandha għatx għall-Verità.

## KORSIJIET MIS-SEGRETARJAT GĦALL-KATEKEŻI
## Sena 2007 - 2008

**Kors ta' Teoloġija Nisranija**

- Kull nhar t'Erbgħa filgħodu minn Ottubru sa Mejju.
- Mid-9.30-11.45 am.
- Fis-Sala tas-Segretarjat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.
- Jibda nhar il-Erbgħa, 10 ta' Ottubru.
- Tista' tapplika bit-Telephone No. 21223949.

**Kors Ġenerali ta' Metodoloġija Kateketika**
- Kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu minn Ottubru sa Mejju.
- Mid-9.30-11.45 am.
- Fis-Sala tas-Segretarjat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.
- Jibda nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru.
- Tista' tapplika bit-Telephone No. 21223949.

**Kors Introduttiv għall-Katekisti Prospettivi**
- Kull nhar ta' Tlieta filgħodu minn Ottubru sa Marzu.
- Mid-9.30-11.45 am.
- Fis-Sala tas-Segretarjat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.
- Jibda nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru.
- Tista' tapplika bit-Telephone No. 21223949.

**Kors Bażiku ta' Teoloġija**
**L-Ewwel Sena – Introduzzjoni għall-Bibbja**
- Kull nhar ta' Tnejn filgħaxija minn Ottubru sa Mejju.
- Mis-6.00 – 7.45 pm.
- Fis-Sala tas-Segretarjat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.
- Jibda nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru.
- Tista' tapplika bit-Telephone No. 21223949.

**Kors ta' Tħejjija għall-Ministeru mal-Adolexxenti u Żgħażagħ**
- Kull nhar ta' Tlieta filgħaxija minn Ottubru sa Mejju.
- Mis-6.00-7.45 pm.
- Fis-Sala tas-Segretarjat fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana.
- Jibda nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru.
- Tista' tapplika bit-Telephone No. 21223949 jew iċċempel il-KDŻ.

**Dun Renè Camilleri**
**Delegat Katekeżi**
20 ta' Settembru 2007

# Assemblea Djoċesana 2007: Il-ħidma skond il-Pjan Pastorali għas-snin 2007-2008

Assemblea Djoċesana tal-Knisja f'Malta se tiddiskuti x-xogħol li sar s'issa u l-azzjoni tal-ġejjieni għat-twettiq tal-Pjan Pastorali għas-snin 2007-2008. L-Assemblea, ir-raba' waħda tax-xorta tagħha wara s-Sinodu Djoċesan (1999-2003), se tiltaqa' nhar il-Ħamis filgħaxija, 27 ta' Settembru, u nhar is-Sibt filgħodu, 29 ta' Settembru, fiċ-Ċentru Parrokkjali Ġwanni Pawlu II, fil-Parroċċa ta' Ħ'Attard. Din se tkun l-ewwel Assemblea simili li se tiġi presjeduta minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

It-tema tal-Pjan Pastorali hija, "Flimkien fi Kristu għas-servizz tal-bniedem". L-iskop tal-Pjan huwa li jgħin lill-Knisja f'Malta fil-mixja tagħha mill-qagħda preżenti lejn sitwazzjoni mixtieqa. Il-Pjan jindika l-ħidmiet, il-proġetti u l-mezzi li jgħinu lill-Knisja f'din il-mixja tagħha, kif ukoll min se jkun responsabbli għall-inizjattivi li qed jiġu proposti.

Il-proġetti tal-Pjan Pastorali huma maħsubin biex iġibu 'l quddiem ħames għanijiet partikolari: Knisja li tinbena fil-formazzjoni u li tevanġelizza; Knisja li tissaħħaħ fil-komunjoni u djalogu fi ħdanha u mas-soċjetà; Knisja li taqdi u tmexxi 'l quddiem is-solidarjetaÌ ma' l-emarġinati; Knisja li tiċċelebra b'mod ħaj; Knisja li tagħti attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żgħażagħ. Rapport dettaljat dwar il-ħidma fit-twettiq tal-Pjan Pastorali ngħata diġà lill-membri ta' l-Assemblea biex ikunu jistgħu jistudjawh u jħejju l-kummenti u l-proposti tagħhom għal waqt l-Assemblea.

L-Assemblea Djoċesana annwali hija l-frott ta' l-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. L-iskop ta' l-Assemblea huwa li tkun esperjenza ta' informazzjoni, parteċipazzjoni mifruxa, kontabilita', valutazzjoni u programmazzjoni f'ambjent miftuħ għall-Ispirtu ta' Alla u b'impenn li twieġeb għas-sinjali tal-Mulej fl-istorja. Għall-Assemblea huma mistiedna l-kappillani, il-provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, il-kapijiet ta' l-iskejjel tal-Knisja, il-mexxejja tal-għaqdiet u tal-movimenti, id-delegati fis-segretarjati u kummissjonijiet djoċesani, kif ukoll il-membri tal-gruppi għat-twettiq tas-Sinodu fid-diversi oqsma tal-Knisja u dawk li kienu membri fl-Assemblea tas-Sinodu.

L-organizzazzjoni ta' l-Assemblea Djoċesana ta' din is-sena qed jieħdu ħsiebha żgħażagħ minn diversi għaqdiet u movimenti reliġjużi. Wara l-Assemblea Djoċesana, matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru, kull parroċċa tlaqqa' Assemblea biex tagħmel f'livell parrokkjali dak li jkun sar diġà f'livell djoċesan. Għall-Assemblea parrokkjali jkunu mistiedna dawk kollha li jgħixu fil-parroċċa.

**24 ta' Settembru 2007**

---

## Se jiltaqgħu l-gruppi li jwettqu ħidma Missjunarja

---

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja 2007, is-Segretarjat Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, flimkien ma' l-Uffiċċju Missjunarju se jorganizzaw laqgħa għar-rappreżentanti tal-gruppi li qed jagħmlu ħidma missjunarja kemm fuq bażi regolari għax huma mwaqqfin b'dan l-iskop, kif ukoll gruppi oħrajn li qed jieħdu inizjattivi partikulari għal impenn ta' volontarjat fl-artijiet tal-missjoni, kif ukoll inizjattivi ta' ġemellaġġ. Il-laqgħa se ssir nhar is-Sibt, 13 ta' Ottubru 2007, fil-Kurja ta' l-Arċisqof , Floriana, bejn id-9.30am u nofsinhar. Il-Ġurnata Missjunarja din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 21 ta' Ottubru. Din iċ-ċelebrazzjoni ssir mill-Knisja Universali biex toħloq kuxjenza dwar dan l-aspett importanti fil-ħajja tal-Knisja.

Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali, qal li wara li tkellem ma' Mons. Salv Micallef, id-Direttur ta' l-Uffiċċju Missjunarju, ħassew li jkun tajjeb li jieħdu l-okkażjoni biex movimenti, għaqdiet u gruppi li bħala għan u ħidma tagħhom jieħdu inizjattivi b'riżq il-missjoni, "niltaqgħu flimkien ħalli jkollna ċans naqsmu l-esperjenzi tagħna u naraw fiex nistgħu nkunu ta' għajnuna lil xulxin." Il-laqgħa se jkun fiha talb flimkien, qsim ta' esperjenzi, u diskussjoni dwar tisħiħ tal-kollaborazzjoni. Laqgħa simili saret sentejn ilu.

**27 ta' Settembru 2007**

# Tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana 2007

L-Assemblea Djoċesana tal-Knisja f'Malta għas-sena 2007 bdiet tiltaqa' il-Ħamis filgħaxija, 28 ta' Settemnbru 2007, fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, H'Attard. Din hija l-ewwel Assemblea Djoċesana li qed tiġi presjeduta minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

Fl-ewwel sessjoni ta' l-Assemblea saret il-preżentazzjoni tar-Rapport tal-Kummissjoni Implimentazzjoni tas-Sinodu Djoċesan (1999 – 2003). Dan ir-rapport jagħti sfond dwar il-ħidma tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu matul l-erba' snin li ilha mwaqqfa; tagħrif dwar it-twettiq tal-Pjani Pastorali wara s-Sinodu; punti ta' riflessjoni li joħorġu mill-ħidma tal-Kummissjoni; u ħarsa 'l quddiem lejn il-ħidma fiż-żmien li ġej.

Fl-ewwel sessjoni saret ukoll l-introduzzjoni dwar ix-xogħol u l-proġetti li saru s'issa għat-twettiq tal-Pjan Pastorali għas-snin 2007-2008. It-tema tal-Pjan Pastorali hija, "Flimkien fi Kristu għas-servizz tal-bniedem".

Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tas-Sinodu u r-Rapport dwar it-Twettiq tal-Pjan Pastorali 2007-2008 ġew ippreżentati lir-rappreżentanti tal-Media f'Konferenza Stampa li saret il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana. Il-Konferenza Stampa kienet presjeduta minn Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali. Ħadu sehem ukoll Dr. Anna Vella, Moderatur tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu, u Dun Joe Galea Curmi, Assistant Segretarju Pastorali u Segretarju tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu.

Fl-Assemblea jieħdu sehem kappillani, provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, kapijiet ta' l-iskejjel tal-Knisja, mexxejja tal-għaqdiet u tal-movimenti, delegati fis-segretarjati u kummissjonijiet djoċesani, kif ukoll membri tal-gruppi għat-twettiq tas-Sinodu fid-diversi oqsma tal-Knisja u l-eks membri fl-Assemblea tas-Sinodu.

L-Assemblea, ir-raba' waħda tax-xorta tagħha wara s-Sinodu Djoċesan, se tkompli tiltaqa' is-Sibt filgħodu, 29 ta' Settembru, fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard. F'din is-sessjoni, se tkompli d-diskussjoni fuq il-proġetti preżenti u ġejjiena tal-Pjan Pastorali. Fl-istess sessjoni Mons. Arċisqof se jinawgura l-portal ġdid ta' l-Arċidjoċesi u jagħmel id-diskors ta' l-għeluq. L-organizzazzjoni ta' l-Assemblea Djoċesana ta' din is-sena ħadu ħsiebha żgħażagħ minn diversi għaqdiet u movimenti reliġjużi.

**28 ta' Settembru 2007**

# Konferenza Stampa – 28 ta' Settembru 2007
# Rapport tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu

Dan ir-rapport qasir għandu l-iskop li jagħti:
- sfond tal-ħidma tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu matul l-erba' snin li ilha mwaqqfa;
- il-Kummissjoni u t-twettiq tal-Pjani Pastorali wara s-Sinodu;
- punti ta' riflessjoni li joħorġu mill-ħidma tal-Kummissjoni.
- ħarsa 'l quddiem lejn il-ħidma fiż-żmien li ġej.

**1. Il-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu**

Il-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu twaqqfet bit-twettiq tas-Sinodu (ara *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* 54) u skond ix-xewqa li ntweriet kemm-il darba lejn l-aħħar laqgħat ta' l-Assemblea tas-Sinodu.

**1.1 Għanijiet tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu**

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca waqqaf il-Kummissjoni dak in-nhar ta' tmiem is-Sinodu fis-7 ta' Ġunju 2003, bil-funzjoni prinċipali li tgħin lill-Arċisqof fl-implimentazzjoni tas-Sinodu, b'mod speċjali f'dawn l-oqsma:

1. fil-promozzjoni tal-valuri tas-Sinodu;
2. fit-tfassil ta' programmi ta' l-implimentazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu djoċesan, fid-dawl tal-proposti li kienu diġà tfasslu mill-Kummissjoni li kienet responsabbli mill-organizzazzjoni tas-Sinodu;
3. fl-identifikazzjoni ta' min ikun responsabbli għal aspetti differenti ta' l-implimentazzjoni tas-Sinodu;
4. f'li ssegwi b'mod ġenerali t-twettiq tas-Sinodu biex tassigura li qed isir u miexi b'ritmu tajjeb fid-diversi oqsma ta' l-Arċidjoċesi;
5. fl-għoti ta' pariri oħra rigward l-implimentazzjoni tas-Sinodu.

## 1.2 Kompożizzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni hi ppresjeduta minn Mons. Charles Cordina. Kellha bħala Moderatur tagħha għall-ewwel tliet snin lil Dr Andrè Camilleri. Is-sena li għaddiet, saret ri-organizzazzjoni tal-Kummissjoni. Diversi membri nbidlu ma' oħrajn ġodda.

Il-Moderatur issa hi Dr Anna Vella. Is-Segretarju hu Fr Joe Galea Curmi. Il-membri preżenti huma: Ms Vivienne Attard, Mr Stephen Bonnici, Ms Ninette Borg Grech, Mr Stefan Cachia, Dr Andre' Camilleri, Mr Servolo Delicata, Mons. Ġużepp Mifsud Bonnici u Sr MaryAnne Sultana.

Il-membri tal-Kummissjoni jirriflettu oqsma differenti tal-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà – strutturi djoċesani, parroċċi, għaqdiet, kongregazzjonijiet, skejjel, familja, żgħażagħ.

F'dawn l-erba' snin li ilha mwaqqfa, il-Kummissjoni ltaqgħet 52 darba. Tiltaqa' b'mod regolari, medja ta' darba fix-xahar.

## 1.3 Gruppi għall-implimentazzjoni tas-Sinodu f'diversi entijiet

Il-Kummissjoni, mill-bidu tal-ħidma tagħha, ħadet ħsieb li jitwaqqfu gruppi għall-implimentazzjoni tas-Sinodu f'oqsma differenti: segretarjati u kummissjonijiet djoċesani, parroċċi, kongregazzjonijiet ta' ħajja konsagrata, skejjel tal-Knisja, għaqdiet u movimenti. Il-Kummissjoni żżomm ir-rabta ma' dawn il-gruppi u ssegwi dak li qed isir f'dawn l-oqsma.

## 1.4 Ħidma tal-Kummissjoni f'diversi livelli

Il-Kummissjoni għamlet u qed tagħmel *monitoring* ta' kif dak li jissemma fid-dokumenti tas-Sinodu qed jitwettaq. Dan tagħmlu f'diversi livelli.
- Laqgħat ma' Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani.

Din is-sena, il-Kummissjoni qed tagħti importanza partikulari lis-segretarjati u kummissjonijiet djoċesani u l-mod kif dawn qed jaħdmu għall-implimentazzjoni tas-Sinodu. Għalhekk, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ,

il-Kummissjoni Ambjent, is-Segretarjat Caritas, is-Segretarjat Liturġija. Iktar 'il quddiem, ikomplu l-laqgħat ma' Segretarjati u Kummissjonijiet oħra. Dawn il-laqgħat servew biex toħroġ stampa aktar ċara ta' l-istat preżenti tas-Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani, speċjalment fejn jidħol il-Pjan ta' l-Arċidjoċesi u t-twettiq tiegħu.

**- Assemblea Djoċesana**

Il-Kummissjoni tagħti wkoll is-sehem tagħha fit-tħejjija ta' l-Assemblea Djoċesana, li mis-Sinodu lil hawn issir kull sena f'Settembru. L-Assemblea tiġbor flimkien operaturi pastorali ġejjin minn kull settur tal-Knisja f'Malta, fuq l-istess prinċipji ta' l-Assemblea tas-Sinodu, u tipprovdi esperjenza ta' evalwazzjoni u ta' programmazzjoni flimkien.

**- Assemblea Parrokkjali**

Il-Kummissjoni tagħti wkoll is-sehem tagħha fit-tħejjija ta' l-Assemblej Parrokkjali, li bdew isiru b'mod regolari fil-parroċċi kollha wara s-Sinodu. Dawn jipprovdu opportunità speċjali lill-parroċċi biex b'mod ko-responsabbli jagħmlu evalwazzjoni u programmazzjoni tal-ħidma.

Isiru laqgħat għall-membri tal-gruppi għall-implimentazzjoni tas-Sinodu fil-parroċċi biex ikunu spjegati lilhom diversi punti rigward it-tħejjija u l-organizzazzjoni ta' l-Assemblea fil-parroċċa matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

**2. Pjani Pastorali ta' l-Arċidjoċesi**

Wara s-Sinodu, beda proċess kontinwu ta' ippjanar. Il-Kummissjoni tat kontribut essenzjali għat-tfassil tal-Pjan ta' l-Arċidjoċesi, kemm l-ewwel wieħed wara s-Sinodu għas-snin 2005-2006, bl-isem *Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej,* kif ukoll il-Pjan preżenti għal 2007-2008, *Flimkien fi Kristu għas-servizz tal-bniedem* – it-tnejn li huma pjani biex iwettqu dak li hemm fid-dokumenti tas-Sinodu. Iż-żewġ pjani kienu pjani li jmexxu 'l quddiem il-valuri tas-Sinodu: evanġelizzazzjoni u formazzjoni, komunjoni u djalogu, qadi u solidarjetà.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni għenet biex kull parroċċa tfassal Pjan Parrokkjali fl-istess linja tal-Pjani Pastorali ta' l-Arċidjoċesi.

Il-pjani jidentifikaw min hu responsabbli tal-proġetti partikulari u b'liema mod issir l-evalwazzjoni.

Meta wieħed jitkellem fuq twettiq tal-Pjan, hemm: (i) kwestjoni ta' mentalitajiet u attitudnijiet li l-Pjan imexxi 'l quddiem u (ii) proposti partikulari tas-Sinodu li l-Pjan ifittex li jwettaq. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħidma li saret u qed issir biex iġġib 'il quddiem mentalitajiet u attitudnijiet – li hi l-aktar importanti u li ħafna minnha ma tistax titkejjel – dan ir-rapport se jiffoka aktar fuq affarijiet konkreti proposti fil-Pjan.

## 2.1 Proposti li twettqu

Hu ta' sodisfazzjon li hemm numru ta' proposti tas-Sinodu li twettqu f'dawn is-snin mill-għeluq tas-Sinodu. Fost dawn wieħed isemmi it-twaqqif – f'xi każi t-twaqqif mill-ġdid – ta':

- l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (ara *Xandir tal-Kelma* 32).
- Il-Kummissjoni Ambjent (ara *Kultura-Soċjetà-Knisja* 53).
- Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi (ara *Djakonija u Ġustizzja* 37).
- Il-Kummissjoni Kultura (ara *Kultura-Soċjetà-Knisja* 41).
- Il-Kummissjoni Djoċesana Familja (ara *Żwieġ u Familja* 45).
- Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ – ri-organizzata fid-dawl tad-dokument tas-Sinodu *Adolexxenti u Żgħażagħ* (ara speċjalment 17)

Dawn kollha ħadmu fit-twettiq tas-Sinodu, skond il-kamp tagħhom u f'firxa wiesgħa ta' inizjattivi pastorali. Għalhekk, ma' kull struttura hemm ħidma li saret biex jitwettqu l-orjentamenti li ta s-Sinodu fl-oqsma ta' formazzjoni, ambjent, ġustizzja u paċi, kultura, familja u adolexxenti/ żgħażagħ.

- Bdew jaħdmu l-unitajiet pastorali ta' għadd ta' parroċċi miġburin flimkien (ara *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* 18)

- Ġie ppubblikat id-dokument mitlub mis-Sinodu dwar is-sehem tal-persuni b'diżabilità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja, bl-isem *Lejn Knisja dejjem aktar inklużiva*. Dan id-dokument joffri viżjoni ċara u proposti prattiċi kemm għall-ħidma fl-Arċidjoċesi kif ukoll fil-parroċċi.

- Saru *support groups* għall-persuni separati (ara *Żwieġ u Familja* 34).

- Sar ukoll tisħiħ tal-kummissjonijiet parrokkjali ħalli l-operat pastorali jista' jsir aħjar fil-parroċċi.

- Saret riċerka mid-Discern dwar iċ-ċensiment ta' l-attendenza tal-quddiesa tal-Ħadd, u ġew ippublikati r-rapporti li qed jaħdmu fuqhom il-parroċċi.

- Saru diversi inizjattivi f'parroċċi u fi knejjes f'Malta għal ċelebrazzjoni aktar ħajja tal-quddiesa tal-Ħadd, b'attenzjoni partikulari għall-familja, għaż-żgħażagħ u għat-tfal.

Dawn huma wħud mill-oqsma ta' ħidma pastorali li saret bi twettiq ta' dak li l-pjani pastorali kienu jindikaw għall-Knisja f'Malta. Il-proċess ta' ippjanar innifsu hu twettiq ta' dak li talab is-Sinodu mill-Knisja f'Malta (ara *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* 39). Bi tħejjija għall-Assemblea Djoċesana, kull sena jingħata rapport bid-dettalji ta' dak li jkun twettaq fis-sena ta' qabel.

**2.2 Proposti li qed jitwettqu bħalissa**

Proprju f'dan iż-żmien, qed jitwettqu dawn il-proposti tas-Sinodu:

- It-twaqqif tal-Kummissjoni għall-ħarsien tal-valuri fl-isport (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 25 ).
- It-twaqqif tal-Kummissjoni Djoċesana Tfal (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 42)
- Il-*portal* aġġornat ta' l-Arċidjoċesi (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 25).
- Servizz ta' *faith companions* għall-ġenituri li jitwildulhom trabi b'diżabilità (ara *Lejn Knisja dejjem aktar inklużiva* 22-24).
- Tfassil ta' Direttorju Liturġiku li jagħti linja-gwida għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti skond id-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti* (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 37).
- Linji-gwida dwar l-animazzjoni aħjar tal-quddiesa fuq it-televiżjoni u fuq ir-radju (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 37).

- Żvilupp ta' numru ta' *counsellors* mal-Moviment ta' Kana biex il-*counselling* jista' jinfirex fil-parroċċi kif mitlub mid-dokument *Żwieġ u Familja* (ara Pjan Pastorali 2007-2008, p. 43).

Hemm proposti oħra fid-dokumenti tas-Sinodu li għad iridu jitwettqu, ukoll jekk f'xi każi minnhom ġa bdiet ħidma għat-twettiq tagħhom.

**3. Riflessjonijiet**

B'riżultat tal-ħidma tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu, wieħed jista' jinnota:

- Il-proċess ta' ippjanar fl-Arċidjoċesi issa hu wieħed kontinwu.
- Diversi proposti twettqu u qed jinvolvu aktar nies fil-ħidma tal-Knisja u qed jagħtu ħajja ġdida lil oqsma differenti tal-ħajja pastorali.
- Saru sforzi għal ħidma flimkien u koordinata min-naħa ta' entijiet differenti tal-Knisja.
- Daħal aktar is-sens ta' *accountability* – li jingħata rendikont pastorali lill-Knisja kollha (bħalma jsir fl-Assemblea Djoċesana u l-Assemblej Parrokkjali).
- F'ċerti oqsma, hemm iktar djalogu fis-soċjetà u kontribut dwar *issues* tal-mument.
- Ingħatat aktar attenzjoni lill-formazzjoni f'diversi oqsma.
- Inħolqu aktar oqsma ta' solidarjetà.

**3.3 Sfidi**

Il-Kummissjoni tara diversi sfidi għat-twettiq tas-Sinodu. Fost dawn irridu nsemmu:

- Koordinament tal-ħidma pastorali, kemm fil-Knisja f'Malta b'mod ġenerali (kongregazzjonijiet, għaqdiet u movimenti, skejjel...) kif ukoll b'mod speċifiku fis-segretarjati u kummissjonijiet djoċesani.
- Viżjoni u mentalità ta' ippjanar pastorali.
- Formazzjoni pastorali mifruxa fuq livelli differenti.
